



EGESIF_14-0017

Gwida dwar l-Għażliet ta' Spejjeż Issimplifikati (SCOs)

Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE)

Gwida dwar l-Għażliet ta' Spejjeż Issimplifikati (SCOs)

Finanzjament b'Rata fissa,
Skali standard tal-ispejjeż unitarji,
Somom f'daqqa

(skont l-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Artikolu 14(2) – (4) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 u l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013)

Il-Kummissjoni Ewropea

id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni

Taqsim E1

Verżjoni ta' Settembru 2014

Please consult <http://ec.europa.eu/esf> for possible updates.

DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ:

'Dan huwa dokument ta' ħidma m'ħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Abbażi tal-liġi tal-UE applikabbli, huwa jipprovdi gwida teknika għal korpi involuti fil-monitoraġġ, il-kontroll jew l-implimentazzjoni tal-Fondi SIE dwar kif għandhom jinterpretaw u japplikaw ir-regoli tal-UE f'dan il-qasam. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi l-ispejgazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni rigward dawn ir-regoli bil-għan li jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programm u jiġu inkoraġġiti prattiki tajbin. Din il-gwida hija mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali jew għad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.'

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni m'huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprjetarju(i) tad-dritt tal-awtur.

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib twegġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

ISBN 978-92-79-40762-8 - doi:10.2767/52464 (print)

ISBN 978-92-79-40680-5 - doi:10.2767/48130 (PDF)

© L-Unjoni Ewropea, 2015

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Luxembourg

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA HIJLSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

IL-WERREJ

1. INTRODUZZJONI	7
1.1. Skop	7
1.2. Għaliex għandhom jintużaw l-ispejjeż issimplifikati?	7
1.2.1. Sfond	7
1.2.2. Il-vantaġġi tal-ispejjeż issimplifikati	7
1.3. Meta għandhom jintużaw l-ispejjeż issimplifikati?	8
1.4. Id-differenzi ewlenin imqabbla mal-perjodu 2007-2013	8
1.5. L-ispejjeż issimplifikati huma fakultattivi	10
1.6. L-applikabbiltà tal-ispejjeż issimplifikati	11
1.6.1. Id-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni eżatt tal-użu tal-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati, b'mod partikolari fil-każ ta' akkwist pubbliku	12
1.6.2. Akkwist fi f'ħdan proġett implimentat mill-benefiċjarju nnifsu	12
1.6.3. Metodu irrakkomandat għall-proġetti akkwistati, anki meta l-benefiċjarji jkunu jappartjenu għal kategoriji li mhumiex koperti mid-Direttiva 2004/18/KE	14
1.6.4. Regoli nazzjonali dwar l-eliġibbiltà tal-infiq	14
1.6.5. Regoli speċifiċi għall-fondi	14
2. FINANZJAMENT B'RATA FISSA	15
2.1. Defnizzjoni tal-kategoriji tal-ispejjeż	15
2.2. Sistemi speċifiċi ta' finanzjament b'rata fissa għall-kalkoli tal-ispejjeż indiretti dettaljati fir-regolamenti	15
2.2.1. Il-metodi ta' kalkolu għall-ispejjeż indiretti	15
2.2.2. Defnizzjoni ta' spejjeż diretti, ta' spejjeż indiretti u ta' spejjeż tal-persunal	15
2.2.3. Regoli speċifiċi għall-Fondi	17

3. L-ISKALI STANDARD TAL-ISPEJJEŻ UNITARJI	18
3.1. Prinċipji ġenerali	18
3.2. Każ speċifiku li jirrigwardja l-ispejjeż tal-persunal fis-siegħa.....	19
4. SOMOM F'DAQQA	21
4.1. Prinċipji ġenerali	21
4.2. Eżempji ta' somom f'daqqa.....	21
5. L-ISTABILIMENT TAL-FINANZJAMENT B'RATA FISSA, TAL-ISKALI STANDARD TAL-ISPEJJEŻ UNITARJI U TAS-SOMOM F'DAQQA	23
5.1. Għandu jiġi stabbilit minn qabel.....	23
5.2. Metodu ta' kalkolu ġust, ekwitabbli u verifikabbli	23
5.2.1. Prinċipji ġenerali.....	23
5.2.1.1. Għandu jkun ġust	23
5.2.1.2. Għandu jkun ekwitabbli	24
5.2.1.3. Għandu jkun verifikabbli	24
5.2.2. Il-metodoloġija fil-prattika.....	24
5.2.2.1. L-użu ta' dejta 'statistika' jew ta' informazzjoni oġġettiva oħra	24
5.2.2.2. L-użu ta' dejta speċifika għal benefiċjarju individwali.....	25
5.3. L-użu ta' skali standard ta' spejjeż unitarji, somom f'daqqa u rati fissi minn oqsma oħra	26
5.3.1. Minn politiki oħra tal-Unjoni.....	26
5.3.1.1. L-Artikolu 67(5) (b) tas-CPR	26
5.3.1.2. L-Artikolu 68(1) (c) tas-CPR	26
5.3.2. Mill-iskemi tal-Istati Membri għall-għotjiet.....	27
5.3.3. Kif tivvaluta jekk it-tipi ta' operazzjonijiet u benefiċjarji humiex simili?	27
5.4. L-użu tar-rati stabbiliti mis-CPR jew minn regoli speċifiċi għall-Fondi	28
5.5. Adattament tar-rata fissa għall-ispejjeż indiretti, is-somom f'daqqa u l-iskali standard tal-ispejjeż unitarji.....	28
5.6. Metodi speċifiċi biex jiġu determinati l-ammonti stabbiliti b'konformità mar-regoli speċifiċi għall-Fondi.....	29

6. IL-KONSEGWENZI GĦAS-SISTEMA TA' ĠESTJONI U KONTROLL	31
6.1. Il-ħtieġa ta' metodu ta' verifika u kontroll komuni	31
6.2. Metodu ġenerali għall-kontroll u l-verifika tal-SCOs	31
6.3. Il-konsegwenzi f'termini tal-ġestjoni finanzjarja... ..	32
6.3.1. Dispożizzjonijiet ġenerali	32
6.3.2. ...għal sistema ta' finanzjament b'rata fissa	33
6.3.3. ...għaċ-ċertifikazzjoni tal-infiq	33
6.4. Punti ewlenin għall-awtorità maniġerjali	34
6.4.1. ...għal sistema ta' finanzjament b'rata fissa	34
6.4.1.1. Id-definizzjonijiet rispettivi tal-kategoriji tal-infiq	34
6.4.1.2. L-użu tal-esperjenza attwali	34
6.4.2. ...għal spiża unitarja.	34
6.4.2.1. Il-korrelazzjoni bejn il-kwantitajiet irrealizzati u l-ħlasijiet	34
6.4.2.2. Il-ġustifikazzjoni tal-kwantitajiet iddikjarati	35
6.4.2.3. L-għażla tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji	35
6.4.3. ...għal somma f'daqqa.	36
6.4.3.1. Il-korrelazzjoni bejn l-operazzjoni mwettqa u l-ħlasijiet	36
6.4.3.2. Il-ġustifikazzjoni tal-ispejjeż	36
6.4.3.3. L-għażla tal-attivitajiet/ir-rendiment/l-eżiti.	36
6.5. Metodu ta' verifika u kontroll.	36
6.5.1. ...għal sistema ta' finanzjament b'rata fissa	36
6.5.2. ...għall-iskali standard tal-ispejjeż unitarji u s-somom f'daqqa.	38
6.5.3. Eżempji.	39

7. DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA	40
7.1. Kombinazzjoni ta' għażliet.....	40
7.1.1. Prinċipji ġenerali	40
7.1.2. Eżempji ta' kombinazzjonijiet.....	40
7.2. Il-valutazzjoni tal-limitu	41
7.2.1. Prinċipji ġenerali.....	41
7.2.2. Speċifiċi għall-fondi	42
7.3. Il-kompatibbiltà tal-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat.....	42
7.4. L-użu ta' spejjeż issimplifikati f'operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett	43
7.4.1. Operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett wara t-tlestija tagħhom	43
7.4.2. Operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett matul l-implimentazzjoni u li għalihom il-paragrafi 1 sa 6 tal-Artikolu 61 tas-CPR ma japplikawx	43
7.5. Speċifiku għall-FEŻR u għall-FSE: finanzjament reċiproku.....	45
7.5.1. Id-dikjarazzjoni tal-għażliet li jaqgħu taħt l-Artikolu 98(2) tas-CPR fir-rigward tal-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati	45
7.5.2. Eżempji.....	45
ANNEX 1: EŻEMPJI TA' GĦAŻLIET TA' SPEJJEŻ ISSIMPLIFIKATI	46
ANNEX 2: EŻEMPJU TAL-KOMPATIBILTÀ TAL-SCOS MAR-REGOLI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT	53
ANNEX 3: MIŻURI SPEĊIFIĊI GĦALL-SCO U GĦALL-FAEŻR	55

1. INTRODUZZJONI

1.1. Skop

Din il-gwida tkejjiet mis-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-Fondi SIE b'konsultazzjoni mal-membri tal-Grupp ta' Ħidma Tekniku tal-FSE u mal-Grupp ta' Esperti għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (EGESIF). Din il-gwida hija bbażata fuq u qiegħda tissostitwixxi n-nota 09/0025/04-EN tas-COCOF applikabbli għall-perjodu 2007-2013. Hija tinkludi l-possibiltajiet ġodda offruti mir-regolamenti għall-perjodu 2014-2020. Madankollu, din il-gwida ma tkoprix la l-pjanijiet ta' azzjoni konġunti u lanqas l-iskali standard tal-ispejjeż unitarji u s-somom f'daqqa użati fil-qafas tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 (FSE).⁽¹⁾

L-iskop ta' dan id-dokument huwa li jipprovi gwida teknika fuq it-tliet tipi ta' spejjeż issimplifikati li huma applikabbli għall-Fondi SIE u li jikkondividi l-aqwa prassi bil-għan li jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jużaw l-ispejjeż issimplifikati.

L-eżempji li għandhom l-għan li jispjegaw il-punti ewlenin ta' implimentazzjoni huma mogħtija għal skopijiet illustrattivi biss u ma jikkostitwixxu ebda rekwiżit jew rakkomandazzjoni għal operazzjonijiet simili fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

1.2. Għaliex għandhom jintużaw l-ispejjeż issimplifikati?

1.2.1. Sfond

Fl-2006 ġiet introdotta simplifikazzjoni importanti li fir-Regolament dwar il-FSE għall-perjodu 2007-2013⁽²⁾ li ppermettiet lill-Istati Membri jiddikjaraw l-ispejjeż indiretti fuq bażi ta' rata fissa, sa 20% tal-ispejjeż diretti ta' operazzjoni. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, ġew introdotti xi għażliet addizzjonali (skali standard ta' spejjeż unitarji u somom f'daqqa) u l-possibiltà tal-użu tagħhom ġiet estiża għall-FEŻR. L-użu tal-finanzjament b'rata fissa, tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji u tas-somom f'daqqa (minn hawn 'il quddiem 'spejjeż issimplifikati') kien milqugħ tajjeb mill-partijiet interessati kollha, inkluża l-Qorti Ewropea tal-Awdituri. 'Il-Qorti rakkomandat [...] li l-Kummissjoni għandha testendi l-użu tal-pagamenti b'somma f'daqqa u b'rata fissa minflok tirrimborża l-'ispejjeż reali' sabiex tnaqqas il-probabbiltà ta' żball u l-piż amministrattiv fuq il-promoturi tal-proġetti. [...] Proġetti li l-ispejjeż tagħhom jiġu ddiġarati bl-użu ta' SCOs huma inqas suxxettibbli għall-iżbalji. B'hekk,

użu aktar estensiv tal-SCOs normalment ikollu impatt pożittiv fuq il-livell tal-iżbalji⁽³⁾.

Għall-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni pproponiet li żżomm l-għażliet tal-perjodu 2007-2013. Il-Kummissjoni estendiet ukoll dawn il-possibiltajiet, bil-għan li tfitteż aktar ċertezza legali għall-awtoritajiet nazzjonali u aktar armonizzazzjoni fost il-fondi SIE, kif ukoll ma' Fondi oħra tal-UE implimentati permezz ta' ġestjoni kondiwiża (AMIF,⁽⁴⁾ ISF⁽⁵⁾) jew permezz ta' metodi oħra ta' implimentazzjoni (pereżempju; Orizzont 2020, Erasmus +).

Ir-regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (CPR — ir-Regolament 1303/2013) jinkludi għażliet għall-Fondi SIE sabiex tiġi kkalkolata n-nefqa eliġibbli tal-għotjiet u l-assistenza ripagabbli abbażi tal-ispejjeż reali, iżda wkoll abbażi tal-finanzjament b'rata fissa, l-iskali standard tal-ispejjeż unitarji u s-somom f'daqqa. Is-CPR jibni fuq u jestendi s-sistemi li qiegħdin jintużaw bħalissa għall-FSE u l-FEŻR. Minħabba d-differenzi bejn il-Fondi SIE, huma previsti xi għażliet addizzjonali fir-regolamenti speċifiċi għall-Fond.

1.2.2. Il-vantaġġi tal-ispejjeż issimplifikati

Meta jintużaw spejjeż issimplifikati, l-ispejjeż eliġibbli jiġu **kkalkolati** skont metodu definit minn qabel ibbażat fuq ir-rendiment, ir-riżultati jew xi spejjeż oħra. **Ma għadux meħtieġ li jiġi rintraċċat kull euro tan-nefqa kofinanzjata għal dokumenti ta' sostenn individwali:** dan huwa l-punt prinċipali tal-ispejjeż issimplifikati minħabba li **jtaffi b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv**. L-użu ta' spejjeż issimplifikati jfisser ukoll li r-riżorsi umani u l-isforz amministrattiv involuti fil-ġestjoni tal-Fondi SIE jstgħu jiġu **ffokati aktar fuq il-kisba tal-għanijiet ta' politika** minflok ikunu kkonċentri fuq il-ġbir u l-verifika tad-dokumenti finanzjarji. Dan għandu jiffaċilita wkoll l-aċċess tal-benefiċjarji żgħira għall-Fondi SIE⁽⁶⁾ bis-saħħa tas-simplifikazzjoni tal-proċess ta' ġestjoni.

L-ispejjeż issimplifikati jikkontribwixxu wkoll għal użu aktar korrett tal-Fondi (**rata aktar baxxa ta' żbalji**). Għal ħafna snin, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ripetutament irrakkomandat lill-Kummissjoni sabiex tinkoraġġixxi u testendi l-użu tal-ispejjeż issimplifikati, speċjalment fir-rigward tal-FSE. Fir-rapport DAS tal-2012, il-Qorti kkalkolat li 26% tat-tranżazzjonijiet tal-FSE kienu bbażati fuq spejjeż issimplifikati u ma ġiet osservata ebda irregolarità.⁽⁷⁾

⁽³⁾ Rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, 2013/C 331/01, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

⁽⁴⁾ Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

⁽⁵⁾ Fond għas-Sigurtà Interna.

⁽⁶⁾ FSE, FEŻR, FAEŻR, FEMS, Fond ta' Koeżjoni (CF).

⁽⁷⁾ Rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, 2013/C 331/01, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

⁽¹⁾ Dawn l-istrumenti se jiġu koperti minn noti ta' gwida speċifiċi.

⁽²⁾ L-Artikolu 11.3(b) tar-Regolament (KE) Nru 1081/2006.

1.3. Meta għandhom jintużaw l-ispejjeż issimplifikati?

L-ispejjeż issimplifikati għandhom jintużaw biss fil-każ ta' għotjiet u assistenza ripagabbli (l-Artikolu 67(1) tas-CPR). Meta operazzjoni jew proġett li jiffirma parti minn operazzjoni jiġi implimentat esklussivament permezz ta' akkwist pubbliku, ma għandhomx jintużaw spejjeż issimplifikati (ara l-Artikolu 67(4) tas-CPR u t-taqsimi 1.6.2, [paġna 12](#)).

Huwa rrakkomandat li jintużaw spejjeż issimplifikati meta jkun hemm waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

- jekk l-Istati Membri jkunu jridu li l-ġestjoni tal-FSIE tiffoka aktar fuq ir-rendiment u r-riżultati minflok fuq l-kontributi;
- huwa diffiċli li jiġu vverifikati u jintwerew l-ispejjeż reali (ħafna oġġetti żgħira li għandhom jiġu vverifikati bi ftit jew mingħajr ebda impatt fuq ir-rendiment mistenni tal-operazzjonijiet, skemi ta' kontribuzzjonijiet kumplessi, ...);
- hija disponibbli dejta affidabbli dwar l-implimentazzjoni finanzjarja u kwantitattiva tal-operazzjonijiet (madankollu, uħud mill-possibiltajiet għall-kalkoli ma jeftiġux din id-dejta);

- hemm riskju li d-dokumenti tal-kontabbiltà ma jinżammux kif suppost (pereżempju minn NGOs żgħira);
- l-operazzjonijiet jappartjenu għal qafas standard (dan huwa fejn l-SCOs ikollhom aktar valur miżjud. Madankollu, dan mhuwiex obligatorju u wħud mill-possibiltajiet għall-kalkoli huma bbażati fuq metodu skont l-operazzjoni / il-benefiċjarju);
- diġà jeżistu metodi ta' SCO għal tipi simili ta' operazzjonijiet u benefiċjarji taħt skema ffinanzjata fuq livell nazzjonali jew taħt strument ieħor tal-UE.

1.4. Id-differenzi ewlenin imqabbla mal-perjodu 2007-2013

Wieħed mill-prinċipji sottostanti tal-proposta tal-Kummissjoni kien li jinżamm l-'acquis' tal-perjodu 2007-2013: l-għażliet li huma applikabbli bħalissa se jkunu applikabbli wkoll fil-futur jekk jiġu applikati għal tipi simili ta' operazzjonijiet u benefiċjarji. Madankollu, meta mqabbel mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, huwa nnutat li hemm xi bidliet ewlenin (ara t-Tabella 1: Tqabbil bejn ir-regoli tal-SCOs għall-perjodu 2007-2013 u dawk għall-perjodu 2014-2020, [paġna 9](#)).

Tabella 1: Tqabbil bejn ir-regoli tal-SCOs għall-perjodu 2007-2013 u dawk għall-perjodu 2014-2020

	2007- 2013	2014-2020
Fondi li jużaw spejjeż issimplifikati	Il-FSE u l-FEŻR	5 Fondi SIE
Forma ta' appoġġ	Mhux speċifikata	Għotja u assistenza ripagabbli
Għażla	L-użu ta' spejjeż issimplifikati huwa fakultattiv fil-każ tal-għotjiet.	Tali użu huwa fakultattiv, ħlief għal operazzjonijiet żgħar tal-FSE (huwa obbligatorju għal operazzjonijiet tal-FSE b'valur ta' inqas minn EUR 50000 ta' appoġġ pubbliku li għandu jitħallas lill-benefiċjarju, ħlief fil-każ ta' skema ta' għajjuna mill-Istat).
Metodi ta' kalkolu	Kalkolu <i>ex-ante</i> , ibbażat fuq metodu ġust, ekwitabbli u verifikabbli.	Kalkolu <i>ex-ante</i> , ibbażat fuq metodu ġust, ekwitabbli u verifikabbli. Huma introdotti metodi ta' kalkolu addizzjonali: <ul style="list-style-type: none"> L-użu tal-iskemi eżistenti tal-UE għal tipi simili ta' operazzjonijiet u benefiċjarji; L-użu tal-iskemi nazzjonali proprji eżistenti għal tipi simili ta' operazzjonijiet u benefiċjarji; L-użu ta' rati u metodi speċifiċi minnuxa fir-regolament jew f'att delegat (ara, pereżempju, l-Artikolu 68(1) (b) tas-CPR jew l-Artikolu 14(2) tal-FSE); Għall-FSE: l-użu ta' abbozz ta' baġit.
Finanzjament b'rata fissa	Il-finanzjament b'rata fissa jintuża biss għall-kalkoli tal-ispejjeż indiretti.	<ul style="list-style-type: none"> Il-finanzjament b'rata fissa jista' jintuża għall-kalkoli ta' kwalunkwe kategorija ta' spejjeż. Għall-FSE: rata fissa sa 40% tal-ispejjeż diretti eliġibbli tal-persunal għall-kalkoli tal-ispejjeż l-oħra kollha tal-proġett. Għall-KTE: rata fissa sa 20% tal-ispejjeż diretti minbarra l-ispejjeż tal-persunal fir-rigward tal-operazzjoni għall-kalkoli tal-ispejjeż diretti tal-persunal.
Finanzjament b'rata fissa għal spejjeż indiretti	Rata fissa massima għal rimborż ta' spejjeż indiretti = 20% tal-ispejjeż diretti	<ul style="list-style-type: none"> Rata fissa massima għal rimborż ta' spejjeż indiretti bi ħtieġa ta' kalkolu = 25% tal-ispejjeż diretti. Rata fissa massima għal rimborż ta' spejjeż indiretti mingħajr ħtieġa ta' kalkolu = 15% tal-ispejjeż diretti tal-persunal. Rata fissa u metodu adottat mill-att delegat għal metodi applikabbli fil-politiki tal-UE għal tip simili ta' operazzjoni u benefiċjarju.
Limitu massimu għas-somom f'daqqa	Massimu ta' EUR 50 000	Kontribuzzjoni pubblika b'valur massimu ta' EUR 100 000
Spejjeż unitarji		Hija stabbilita skala standard speċifika tal-metodu għall-kalkolu tal-ispejjeż unitarji fir-rigward tal-ispejjeż tal-persunal. Spiża tal-persunal fis-siegħa = l-aħħar spejjeż annwali gross tal-impjeggi ddokumentati / 1720 siegħa.

1.5. L-ispejjeż issimplifikati huma fakultattivi

L-użu tal-ispejjeż issimplifikati huwa għażla għall-Istat Membru kkonċernat: fil-livell tal-benefiċjarji, l-awtorità maniġerjali⁽⁹⁾ tista' tiddeċiedi li tagħmel tali użu fakultattiv jew obligatorju għall-benefiċjarji kollha jew għal parti minnhom

jew għall-operazzjonijiet kollha jew għal parti minnhom. F'każijiet fejn is-sistema ma tkunx obligatorja għal kulħadd, il-kamp ta' applikazzjoni tal-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati li għandu jiġi applikat, jiġifieri l-kategorija ta' proġetti u attivitajiet ta' benefiċjarji li għalihom ikunu disponibbli, għandu jiġi speċifikat b'mod ċar u ppubblikat b'konformità mal-prinċipji ġenerali tat-trasparenza u t-ttrattament ugwali.

Speċifiku għall-FSE

Madankollu, b'konformità mal-Artikolu 14(4) tal-FSE, l-użu ta' spejjeż unitarji, somom f'daqqa jew finanzjament b'rata fissa huwa obligatorju għall-operazzjonijiet żgħar tal-FSE. Dawn l-operazzjonijiet żgħar huma definiti bħala *'għotjiet u assistenza ripagabbli li l-appoġġ pubbliku għalihom⁽⁹⁾ ma jaqbix l-ammont ta' EUR 50 000'*.

Dan l-ammont għandu jitqies bħala l-appoġġ pubbliku massimu **li għandu jitħallas lill-benefiċjarju**, kif speċifikat fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ lill-benefiċjarju (il-Fondi SIE + il-finanzjament pubbliku nazzjonali korrispondenti li għandu jitħallas lill-benefiċjarju bħala l-ammont massimu stabbilit fil-ftehim jew fid-deċiżjoni dwar il-finanzjament, jekk applikabbli). Dan la jinkludi l-kontribuzzjoni pubblika pprovduta mill-benefiċjarju, jekk ikun hemm, u lanqas il-konċessjonijiet jew is-salarji żborżati minn parti terza għall-benefiċċju tal-parteċipanti f'operazzjoni. L-appoġġ pubbliku mħallas lill-benefiċjarju fl-għeluq tal-operazzjoni ma għandu l-ebda influwenza fuq din ir-regola; huwa biss l-appoġġ pubbliku programmat li jiddetermina jekk għandux jiġi applikat l-Artikolu 14(4) (ara t-taqsimha 7.2.2, [paġna 42](#)). L-iskop ta' dan l-Artikolu huwa li jiġu evitati l-kontrolli fuq l-ispejjeż reali li mhumix kost-effettivi meta wieħed iqis il-valur baxx li għandu jiġi vverifikat.

Sabiex tiġi evitata kwalunkwe kontradizzjoni bejn is-settijiet ta' regoli, hemm żewġ eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 14(4) tal-FSE:

- meta jkun applikabbli l-Artikolu 67(4) tas-CPR, jiġifieri meta l-operazzjoni jew proġett li jifforma parti mill-operazzjoni jinkiseb b'akkwist pubbliku: ma jstgħux jintużaw għażliet ta' spejjeż issimplifikati;
- meta l-operazzjonijiet jirċievu appoġġ fil-qafas ta' skema ta' għajjnuna mill-Istat: jiġu applikati r-regoli tal-iskema ta' għajjnuna mill-Istat. L-awtorità maniġerjali għandha tiżgura li r-regoli tal-għajjnuna mill-Istat ma jipprevjenux l-applikazzjoni tal-għażliet ta' spejjeż issimplifikati.

⁽⁹⁾ **Twissija:** jekk jogħġbok ta' min wieħed jiftakar li l-Artikolu 14 tal-FSE jirreferi għat-terminu 'appoġġ pubbliku' (jiġifieri appoġġ pubbliku li għandu jitħallas lill-benefiċjarju, kif speċifikat fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ lill-benefiċjarju — Fondi SIE + il-finanzjament nazzjonali pubbliku korrispondenti li għandu jitħallas lill-benefiċjarju). Dan la jinkludi l-kontribuzzjoni pubblika pprovduta mill-benefiċjarju, jekk ikun hemm, u lanqas il-konċessjonijiet jew is-salarji żborżati minn parti terza għall-benefiċċju tal-parteċipanti f'operazzjoni, filwaqt li l-Artikolu 67 tas-CPR jirreferi għal 'kontribuzzjoni pubblika' (ara l-Artikolu 2(15) tas-CPR).

⁽⁹⁾ Il-Kumitat tal-Monitoraġġ għall-KTE.

Eżempju (speċifiku għall-FSE)

L-abbozz ta' baġit ta' korp pubbliku għal operazzjoni bi spiża eliġibbli totali ta' EUR 70 000 huwa kif ġej:

Finanzjament pubbliku nazzjonali	EUR 10 000
FSE	EUR 35 000
Awtofinanzjament	EUR 15 000
Konċessjonijiet lill-parteċipanti mħallsin mis-Servizz Pubbliku tal-Impjeggi	EUR 10 000
Pjan ta' finanzjament totali	EUR 70 000

Minkejja l-finanzjament totali ta' EUR 70 000, dan il-proġett xorta waħda jaqa' fil-kategorija ta' proġetti li l-ispejjeż issimplifikati għalihom huma obligatorji.

Tabilħaqq, l-awtofinanzjament (EUR 15 000) ta' korp pubbliku mhuwiex ikkunsidrat sabiex jiġi ddeterminat l-appoġġ pubbliku li jitħallas lill-benefiċjarju.

Il-konċessjonijiet tal-apprendisti mħallsin mis-Servizz Pubbliku tal-Impjeggi (EUR 10 000) ma jingħaddux lanqas, minħabba li dawn jitħallsu lill-parteċipanti minn parti terza.

Għalhekk, l-appoġġ pubbliku jammonta għal EUR 35 000 + EUR 10 000 = EUR 45 000, li huwa taħt il-limitu massimu ta' EUR 50 000.

1.6. L-applikabbiltà tal-ispejjeż issimplifikati

L-ispejjeż issimplifikati skont l-Artikoli 67 u 68 tas-CPR huma applikabbli biss fil-każ ta' għotjiet u assistenza ripagabbli.

Skont l-Artikolu 67(4) tas-CPR, l-ispejjeż issimplifikati ma għandhomx jintużaw meta operazzjoni, kif definita fl-Artikolu 2(9) tas-CPR, jew proġett, li jiffirma parti minn operazzjoni, jiġu esternalizzati u implimentati esklussivament permezz tal-akkwist ta' xogħlijiet, prodotti jew servizzi. L-operazzjonijiet 'soġġetti għal kuntratti ta' akkwist pubbliku' jitqiesu mill-Kummissjoni bħala operazzjonijiet li huma implimentati permezz tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi b'konformità mad-Direttiva 2004/18 (inklużi l-annessi tagħha) jew kuntratti pubbliċi taħt il-limiti massimi tal-istess Direttiva.

Madankollu, l-implimentazzjoni ta' operazzjoni permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku li jirriżultaw f'**pagamenti mill-benefiċjarju lill-kuntrattur stabbiliti abbażi ta' spejjeż unitarji definiti minn qabel jew somom f'daqqa** hija possibbli. Fil-fatt, il-fatturi mħallsin permezz ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku jikkostitwixxu spejjeż reali effettivament imġarrba u mħallsin mill-benefiċjarju skont l-Artikolu 67(1) (a) tas-CPR, anki jekk huwa definit fil-kuntratt bħala skala standard ta' spiża unitarja jew prezz ta' somma f'daqqa.⁽¹⁰⁾ Bażikament, dan ifisser li l-iskala standard ta' spejjeż unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi jistgħu jintużaw fi ħdan proċedura ta' akkwist pubbliku bħala metodu ta' flas, iżda d-dispożizzjonijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 67(1) (b)-(d) tas-CPR ma japplikawx.

Eżempju (il-FSE)

Jekk benefiċjarju jimplementa kors ta' taħriġ permezz ta' akkwist pubbliku, huwa possibbli li fis-sejħa għall-offerti, il-benefiċjarju jitlob lill-offerenti sabiex iressqu offerta ta' prezz abbażi ta' spiża unitarja għal kull apprendist li jikseb ċertifikazzjoni fi tmiem il-kors.

Għalhekk, it-termini tal-kuntratt jistgħu jkunu: apprendist wieħed iċċertifikat = EUR 1 000.

Jekk, fi tmiem il-kors, jiġu ċċertifikati 10 apprendisti, il-benefiċjarju jista' jiddikjara EUR 10 000 tan-nefqa eliġibbli lill-awtorità maniġerjali.

Din is-somma ta' EUR 10 000 titqies bħala li hija bbażata fuq spiża reali. Għalhekk, kontroll jew verifika ta' din in-nefqa jikkonsistu f'verifika tal-proċedura tal-akkwist pubbliku u osservanza tat-termini tal-kuntratt (f'dan l-eżempju, li hemm prova ta' apprendist iċċertifikat għal kull spiża unitarja mħallsa). L-ispejjeż sottostanti tat-taħriġ (il-kiri tal-faċilitajiet, l-ispejjeż tal-persunal...) ma jiġux i-verifikati billi l-kuntratt ma jipprevedix għal rimborż fuq din il-bażi.

⁽¹⁰⁾ Ara d-dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 67 tas-CPR (li tinsab f'COREPER/Dokument tal-Kunsill 8207/12, ADD7 REV 1).

1.6.1. Id-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni eżatt tal-użu tal-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati, b'mod partikolari fil-każ ta' akkwist pubbliku

Meta l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati jkunu applikabbli għal operazzjoni, għandu jiġi stabbilit jekk dawn jistgħux jiġu applikati għall-operazzjoni kollha jew għal xi partijiet minnha. Dan jiddependi fuq dak li l-Istat Membru jqis bħala operazzjoni. F'xi Stati Membri, operazzjoni tkun tikkonsisti minn u tiġi implimentata permezz ta' grupp ta' proġetti (id-definizzjoni tiddependi fuq l-istruttura tal-programmi, appoġġjati mill-Fondi SIE taħt il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom ta' assistenza).

Sabiex jiġi evalwat għal liema proġetti li jiffurmaw parti minn operazzjoni jistgħu jiġu applikati l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati, huwa meħtieġ li jiġu definiti l-proġetti li

jikkostitwixxu l-operazzjoni fl-aktar livell baxx possibbli. Jekk il-benefiċjarju jesternalizza l-implimentazzjoni sħiħa tal-proġetti kollha, jew ta' wħud minnhom, permezz ta' kuntratti ta' akkwist pubbliċi, l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati ma jistgħux jiġu applikati għal dawk il-proġetti li huma soġġetti għal kuntratti ta' akkwist pubbliċi.

1.6.2. Akkwist fi f'dan proġett implimentat mill-benefiċjarju nnifsu

Jekk il-benefiċjarju⁽¹¹⁾ nnifsu jimplementa proġett (jiġifieri jżomm kontroll sħiħ tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-proġett), l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati huma applikabbli, anki jekk uħud mill-**kategoriji ta' spejjeż** fi f'dan il-proġett jinkisbu permezz ta' proċedura ta' akkwist (pereżempju; uħud mill-ispejjeż relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett, bħal servizzi ta' tindif, għarfien espert estern, ix-xiri ta' għamara, eċċ.).⁽¹²⁾

Eżempju (il-FSE)

Għotja ta' EUR 20 000 000 hija allokata lil servizz pubbliku tal-impjeggi ('il-benefiċjarju') sabiex ikun jista' jorganizza, matul perjodu ta' sentejn, l-integrazzjoni mill-ġdid ta' 5 000 persuna li ilhom qiegħda għal żmien twil ('l-operazzjoni'): din l-operazzjoni tiġi implimentata permezz ta' bosta proġetti: proġetti b'appoġġ personalizzati ta' EUR 7 000 000 implimentati direttament mill-benefiċjarju, proġetti ta' taħriġ implimentati direttament mill-benefiċjarju għal EUR 5 000 000 u esternalizzati permezz ta' kuntratti għal akkwist pubbliku għall-parti li jifdal (EUR 8 000 000). Minħabba li l-benefiċjarju huwa entità pubblika, l-istituzzjonijiet ta' taħriġ għall-proġetti esternalizzati jkunu jridu jintgħażlu permezz ta' proċeduri tal-għoti ta' kuntratt pubbliku, skont il-limitu massimu applikabbli, u l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati ma jkunux applikabbli għal dawn il-proġetti, li jiffurmaw parti mill-operazzjoni. Huma jkunu applikabbli biss għal ammont ta' EUR 12 000 000. Għall-proġetti ta' taħriġ li l-benefiċjarju jimplementa bil-mezzi tiegħu stess, huwa aċċettat li wħud mill-entrati tal-infiq jiġu esternalizzati u inklużi fl-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati (esperti esterni, servizzi ta' tindif, eċċ.).

Eżempju (il-FEŻR)

Muniċipalità tirċievi għotja għal ammont massimu ta' EUR 1 000 000 tal-ispejjeż eliġibbli għall-kostruzzjoni ta' triq. Għal dan il-għan, il-muniċipalità għandha tagħti kuntratt għal xogħlijiet pubbliċi b'valur stmat ta' EUR 700 000. Barra minn hekk, il-muniċipalità għarrab ukoll ċerti spejjeż relatati b'valur ta' EUR 300 000 (esproprijazzjonijiet, spejjeż ta' litigazzjoni⁽¹³⁾, monitoraġġ tal-progress b'mod Prattiku, studji ambjentali mwettqa mill-persunal tagħha stess, kampanji, testijiet għall-aċċettazzjoni tat-triq, eċċ.). Jistgħu japplikaw spejjeż issimplifikati (eż. spejjeż indiretti fuq bażi ta' rata fissa) għall-ammont ta' EUR 300 000 tal-ispejjeż diretti u sakemm dawn l-ispejjeż ikunu eliġibbli skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali u tal-Unjoni.

⁽¹³⁾ L-ispejjeż tal-litigazzjoni mhumiex eliġibbli fil-qafas tal-programmi tal-KTE ulterjuri għall-Artikolu 2(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2014.

⁽¹¹⁾ Dan japplika indipendentement min-natura tal-korp ta' implimentazzjoni, privat jew pubbliku.

⁽¹²⁾ L-aħħar sentenza tal-Artikolu 67(4) tar-Regolament CPR.

Fil-każ tal-finanzjament b'rata fissa, il-firxa tal-akkwist ta' wħud mill-kategoriji ta' spejjeż mill-benefiċjarju jista' jkollha impatt fuq il-proporzjon tal-ispejjeż ikkalkolati. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-impatt tal-firxa tal-akkwist tas-servizzi fi ħdan proġetti li jiffirmaw parti minn operazzjoni fuq il-proporzjon tal-ispejjeż ikkalkolati u, b'hekk, fuq ir-rata fissa, ħlief fil-każ tar-rati fissi minqax fir-Regolament (l-Artikolu 68 (b) u (c) tas-CPR, l-Artikolu 14(2) tal-FSE u l-Artikolu 19 tal-KTE). Dan jista' jirrikjedi li jiġu introdotti miżuri ta' mitigazzjoni fil-metodoloġija: pereżempju, jekk il-firxa ta' servizzi miksuba jkollha effett sinifikanti fuq il-proporzjon tal-ispejjeż ikkalkolati, ir-rata fissa għandha jew titnaqqas proporzjonalment għal-limitu tal-akkwist jew tiġi applikata biss għal dawg l-ispejjeż li mhumiex akkwistati (għall-finanzjament b'rata fissa tal-ispejjeż indiretti abbażi

tal-metodu Orizzont 2020, huwa obligatorju li jitnaqqsu l-ispejjeż tas-sottokuntrattar). Madankollu, jista' jkun ukoll li l-firxa tal-akkwist tas-servizzi ma jkollha ebda impatt fuq il-proporzjon tal-ispejjeż ikkalkolati jew li dan l-impatt ikun insinifikanti. F'dan il-każ, jista' jkun li l-miżuri ta' mitigazzjoni ma jkunux meħtieġa. Madankollu, l-impatt tal-akkwist tas-servizzi fuq ir-rata fissa għandu jiġi analizzat (pereżempju abbażi ta' miżuri simili li ttieħdu fil-passat jew proġetti li twettqu fil-passat) u għandu jitqies meta tiġi stabbilita metodoloġija (rata) għall-applikazzjoni tal-finanzjament b'rata fissa. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk is-servizzi akkwistati fi ħdan proġett humiex esklużi jew le mill-kategoriji ta' spejjeż li abbażi tagħhom għandha tiġi applikata r-rata, sakemm jiġi rrispettat il-prinċipju ta' trattament ugwali.

Eżempju (FEŻR)

Municipalit tirċievi għotja għal ammont massimu ta' EUR 1 000 000 tal-ispejjeż eliġibbli għall-kostruzzjoni ta' triq. Għal din l-operazzjoni, li mhijiex miksuba kompletament b'akkwist pubbliku, l-awtorit maniġerjali trid tagħmel użu mill-Artikolu 68(1) (b) tas-CPR sabiex tikkalkula l-ispejjeż indiretti. Madankollu, l-awtorit maniġerjali trid ittaffi l-impatt tal-użu ta' membri tal-persunal sottokuntrattati fuq il-livell tal-ispejjeż indiretti. Hija tiddeċiedi li teskludi l-ispejjeż diretti tal-membri tal-persunal sottokuntrattati mill-ispejjeż diretti tal-persunal li għalihom tapplika r-rata fissa.

L-abbozz ta' baġit għall-operazzjoni huwa kif ġej:

Proġett 1: xogħol (proċedura ta' akkwist pubbliku)	EUR 700 000
Proġett 2: spejjeż oħra:	EUR 298 500
<i>Spejjeż diretti tal-persunal</i>	<i>EUR 50 000</i>
<i>Li minnhom, spejjeż diretti tal-membri tal-persunal sottokuntrattati</i>	<i>EUR 10 000</i>
Spejjeż indiretti oħra	<i>EUR 242 500</i>
Spejjeż indiretti	<i>(Spejjeż diretti tal-persunal – spejjeż diretti tal-membri tal-persunal sottokuntrattati) x 15% = EUR 40 000 x 15% = EUR 6 000</i>
Spejjeż totali ddikjarati	EUR 998 500

1.6.3. Metodu irrakkomandat għall-proġetti akkwistati, anki meta l-benefiċjarji jkunu jappartjenu għal kategoriji li mhumiex koperti mid-Direttiva 2004/18/KE

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jiġi applikat il-metodu żviluppat aktar 'il fuq (it-taqsimi 1.6.1, paġna 12, applikat b'analoġija; it-taqsimi 1.6.2, paġna 12, segwit u rrispettat fil-każijiet kollha) għall-proġetti akkwistati, anki meta l-benefiċjarji jkunu jappartjenu għal kategoriji li mhumiex koperti mid-Direttiva 2004/18/KE, bil-għan li tiġi rrispettata l-intenzjoni tagħha li tirrestrinġi l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati għall-għotjiet u l-assistenza ripagabbli.

1.6.4. Regoli nazzjonali dwar l-eliġibbiltà tal-infiq⁽¹⁴⁾

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-eliġibbiltà tal-infiq tiġi ddeterminata abbażi tar-regoli nazzjonali soġġetti

għall-eċċezzjonijiet previsti fir-regolamenti speċifiċi għall-Fondi (l-Artikolu 65(1) tas-CPR). Huma għandhom ikopru n-nefqa kollha ddikjarata taħt il-programm. Barra minn hekk, 'l-awtorità maniġerjali għandha tkun responsabbli mill-ġestjoni tal-programm b'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba' (l-Artikolu 125(1) tas-CPR) u għandha l-opportunità li tapplika regoli aktar stretti minn dawk stabbiliti taħt il-qafas legali Ewropew applikabbli.

Għalhekk, l-awtoritajiet maniġerjali għandhom jiddeterminaw u jiddokumentaw ir-regoli tal-eliġibbiltà għall-operazzjonijiet tal-Fondi SIE, fil-livell xieraq (nazzjonali, reġjonali, lokali jew skont il-programm), jagħmluhom disponibbli għall-benefiċjarji potenzjali u jindikaw ir-regoli rilevanti kollha fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ. Bħala parti minn dawn ir-regoli, għandu jiġi stabbilit ukoll il-qafas għall-applikazzjoni tal-Artikolu 67 tas-CPR.

1.6.5. Regoli speċifiċi għall-fondi

Speċifiċi għall-FAEŻR

L-awtoritajiet maniġerjali għandhom jiżguraw li l-kalkoli rilevanti fir-rigward tal-Għażliet tal-Ispejjeż Issimplifikati jkunu adegwati u preċiżi meta jiġu stabbiliti minn qabel abbażi ta' kalkolu ġust, ekwitabbli u verifikabbli. Għal dan il-għan, korp li huwa funzjonalment indipendenti mill-awtoritajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm u li jippossjedi l-għarfien espert xieraq għandu jwettaq il-kalkoli jew jikkonferma l-adegwatezza u l-preċiżjoni tagħhom. Barra minn hekk, għandha tiġi inkluża dikjarazzjoni li tikkonferma l-adegwatezza u l-preċiżjoni tal-kalkoli fil-programm ta' żvilupp rurali (PŻR).⁽¹⁵⁾

Jekk l-awtorità maniġerjali tuża metodu stabbilit skont l-Artikolu 67(5) (b), (c), (d) jew (e) tas-CPR, ma jkunx meħtieġ li jitwettqu jew jiġu sottomessi dawn il-kalkoli u d-dikjarazzjoni msemmija fuq.

Il-PŻR għandu jinkludi biss il-metodoloġija użata għall-kalkoli tal-ħlasijiet abbażi tal-SCOs. Jekk din il-metodoloġija ma tvarjax matul il-perjodu ta' programmazzjoni, il-programm ma jkollux bżonn jiġi mmodifikat. Jekk tiġi introdotta sistema ta' SCOs bħala mekkaniżmu ta' ħlas taħt miżura speċifika, il-programm għandu jiġi mmodifikat kif xieraq.

Jekk jogħġbok irreferi għall-aħħar anness ta' din il-gwida għal lista ta' miżuri tal-FAEŻR li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-SCOs.

⁽¹⁵⁾ L-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

Speċifiċi għall-KTE

Ġew stabbiliti regoli speċifiċi fil-livell tal-UE dwar l-eliġibbiltà tal-infiq għall-programmi ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-ispejjeż tal-persunal, l-infiq amministrattiv u dak relatat mal-uffiċċju, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni, l-ispejjeż tas-servizzi u l-għarfien espert estern u l-infiq fuq it-tagħmir.

Mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-eliġibbiltà stipulati fis-CPR, fir-regolament dwar il-KTE u fir-regoli speċifiċi tal-eliġibbiltà għall-programm ta' kooperazzjoni, il-Kumitat tal-Monitoraġġ għandu jstabbilixxi regoli addizzjonali dwar l-eliġibbiltà tal-infiq għall-programm ta' kooperazzjoni b'mod ġenerali.

Għall-kwistjonijiet mhux koperti mid-dispożizzjonijiet imsemmija fuq, għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali tal-Istat Membru fejn issir in-nefqa.

⁽¹⁴⁾ Din it-taqsimi mhijiex applikabbli għall-KTE. Jekk jogħġbok irreferi għal 1.6.5, p.14.

2. FINANZJAMENT B'RATA FISSA

Fil-każ tal-finanzjament b'rata fissa, il-kategoriji speċifiċi tal-ispejjeż eliġibbli, li huma identifikati b'mod ċar minn qabel, huma kkalkolati permezz tal-applikazzjoni ta' perċentwal, iffissat *ex-ante* għal kategorija waħda jew diversi kategoriji oħra ta' spejjeż eliġibbli.

2.1. Definizzjoni tal-kategoriji tal-ispejjeż

F'sistema ta' finanzjament b'rata fissa, hemm massimu ta' tliet tipi ta' kategoriji ta' spejjeż:

- Tip 1: il-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli li abbażi tagħhom għandha tiġi applikata r-rata għall-kalkoli tal-ammonti eliġibbli;
- Tip 2: il-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli li għandhom jiġu kkalkolati bir-rata fissa;
- Tip 3: meta rilevanti, kategoriji oħra tal-ispejjeż eliġibbli: ir-rata mhijjex applikata għalihom u huma ma jiġux ikkalkolati bir-rata fissa.

Meta tuża sistema ta' finanzjament b'rata fissa, l-awtorità maniġerjali għandha tiddefinixxi l-kategoriji tal-ispejjeż li jaqgħu taħt kull tip: kwalunkwe kategorija ta' nfiq hija inkluża b'mod ċar f'waħda – u waħda biss – mit-tliet tipi. Innota li f'xi każijiet, tip wieħed jista' jiġi definit b'mod oppost għal tip ieħor jew għat-tipi l-oħra (pereżempju, f'sistema fejn hemm biss spejjeż diretti (tip 1) u spejjeż indiretti (tip 2), l-ispejjeż indiretti jistgħu jitqiesu bħala l-ispejjeż eliġibbli kollha li mhumiex spejjeż diretti eliġibbli).

Ir-Regolament ma jagħmel ebda restrizzjoni fuq il-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli li jistgħu jintużaw għall-finanzjament b'rata fissa. Madankollu, l-għan ewlieni tal-użu ta' rati fissi għandu jkun is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tar-rata tal-iżbalji. Għalhekk, ir-rati fissi huma addattati l-aktar għal daww tal-ispejjeż li huma relattivament baxxi u li l-verifika għalihom tiġi tiswa ħafna flus.

2.2. Sistemi speċifiċi ta' finanzjament b'rata fissa għall-kalkoli tal-ispejjeż indiretti dettaljati fir-regolamenti

2.2.1. Il-metodi ta' kalkolu għall-ispejjeż indiretti

Ir-regolamenti jinkludu **ċerti sistemi speċifiċi ta' finanzjament b'rata fissa**. L-Artikolu 68(1) tas-CPR jispjega

fid-dettall **xi sistemi ta' finanzjament b'rata fissa għall-kalkoli tal-ispejjeż indiretti**:

- Il-paragrafu a) jistabbilixxi s-sistema ġenerali ta' finanzjament b'rata fissa għall-ispejjeż indiretti bir-rata massima miżjuda għal 25%. Din hija kontinwazzjoni tas-sistema attwali, bir-rata reali li trid tintuża għandha tiġi ġustifikata skont wieħed mill-metodi ta' kalkoli msemmija skont l-Artikolu 67(5) (a) u (c) tas-CPR. Din is-sistema hija flessibbli. Din tista' tkun ibbażata:
 - biss fuq żewġ tipi ta' spejjeż — tip 1: spejjeż diretti, tip 2: spejjeż indiretti; jew
 - fuq tliet tipi ta' spejjeż: tip 1: spejjeż diretti 'limitati', tip 2: spejjeż indiretti kkalkolati abbażi tat-tip 1, tip 3: spejjeż diretti minbarra daww 'limitati' (tat-tip 1).
- Il-paragrafu b) jagħmilha possibbli li awtorità maniġerjali tuża rata fissa sa **15% tal-ispejjeż diretti tal-persunal** sabiex tikkalkula l-ispejjeż indiretti. Ir-rata ta' 15% tista' tintuża direttament mill-awtorità maniġerjali, mingħajr ebda ġustifikazzjoni. Dan huwa eżempju ta' sistema fejn ikun hemm tliet kategoriji ta' spejjeż: (Tip 1) spejjeż diretti tal-persunal, (Tip 2) spejjeż indiretti, (Tip 3) spejjeż diretti minbarra spejjeż tal-persunal (ara l-Anness 1, [paġna 46](#) għal eżempju).
- Taħt il-paragrafu c), huwa possibbli li tintuża mill-ġdid rata fissa għall-iskemi tal-ispejjeż indiretti li jeżistu fil-politiki tal-Unjoni, abbażi ta' daww li jintużaw taħt Orizzont 2020 u taħt LIFE u li huma speċifikati f'att delegat (ara 5.3.1.2, [paġna 26](#)).

2.2.2. Definizzjoni ta' spejjeż diretti, ta' spejjeż indiretti u ta' spejjeż tal-persunal

L-użu ta' dawn is-sistemi jista' jirrikjedi li l-awtorità maniġerjali tiddefinixxi l-ispejjeż diretti u indiretti u l-ispejjeż tal-persunal. Dawn id-definizzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-gwida ġenerali mogħtija hawn taħt mill-Kummissjoni:

- **Spejjeż diretti** huma daww l-ispejjeż direttament relatati ma' attività individwali tal-entità, fejn tkun tista' tintwera r-rabta ma' din l-attività individwali (pereżempju, permezz ta' reġistrazzjoni diretta tal-ħin).
- **Spejjeż indiretti**, min-naħa l-oħra, ġeneralment ikunu spejjeż li mhumiex jew ma jistgħux ikunu marbuta direttament ma' attività individwali tal-entità inkwistjoni. Tali spejjeż jinkludu spejjeż amministrattivi, li għalihom huwa diffiċli li jiġi ddeterminat preċiżament l-ammont attribwibbli għal attività speċifika (nefqa amministrattiva/tal-persunal tipika, bħal: spejjeż amministrattivi, spejjeż tar-reklutaġġ, spejjeż għall-kontabilista jew għal min inaddaf, eċċ.;

spejjeż tal-kontinjet tat-telefon, tal-ilma jew tal-elettriku, u l-bqija⁽¹⁶⁾.

- **Spejjeż tal-persunal⁽¹⁷⁾** huma l-ispejjeż li jirriżultaw minn ftehim bejn min iħaddem u impjegat jew minn kuntratti ta' servizz għal membri esterni tal-persunal (sakemm dawn l-ispejjeż ikunu identifikabbli b'mod ċar). Pereżempju, jekk benefiċjarju jikkuntratta s-servizzi ta' għalliem estern għas-sessjonijiet ta' taħriġ intern tiegħu, jeftieġ li l-fattura tidentifika t-tipi differenti ta' spejjeż. Is-salarju tal-għalliem jitqies bħala spejjeż ta' membri esterni tal-persunal. Madankollu, il-materjal tat-tagħlim, pereżempju, ma jistax jittieħed f'kunsiderazzjoni. L-ispejjeż tal-persunal

jinkludu r-rimunerazzjoni totali, inklużi l-benefiċċji *in natura* skont il-ftehimiet kollettivi, imħallsa lin-nies għall-ħidma li jwettqu b'rabta mal-operazzjoni. Dawn jinkludu wkoll it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati (l-ewwel u t-tieni pilastru, bit-tielet pilastru japplika biss jekk ikun stabbilit f'ftehim kollettiv), kif ukoll il-kontribuzzjonijiet soċjali volontarji u obbligatorji ta' min iħaddem. Madankollu, l-ispejjeż tal-vjaġġi għall-finijiet ta' negozju ma jiġux ikkunsidrati bħala spejjeż tal-persunal. Spejjeż oħra li ma jiġux ikkunsidrati bħala spejjeż tal-persunal huma l-konċessjonijiet jew is-salarji żborżati għall-benefiċċju tal-parteċipanti fl-operazzjonijiet tal-FSE.

Eżempju (Fondi SIE): Żvilupp Lokali mmexxi mill-Komunità (CLLD)

L-awtorità maniġerjali vvalutat, abbażi tal-esperjenza tal-passat, is-sehem tipiku tal-ispejjeż operattivi u l-animazzjoni ta' Grupp ta' Azzjoni Lokali (GAL) partikolari mqabbel man-nefqa mġarrba għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet lokali skont l-istrateġija ta' CLLD u t-tnejjija u l-implimentazzjoni tal-attivitatiet ta' kooperazzjoni tal-GAL. Anki jekk l-appoġġ mill-fondi SIE għall-ispejjeż operattivi u tal-animazzjoni ma jistax ikun aktar mil-limitu massimu ta' 25% tan-nefqa pubblika totali mġarrba fi ħdan l-istrateġija ta' CLLD, l-esperjenza turi li, fil-maġġoranza tal-każijiet, dan il-perċentwal ikun fil-fatt aktar baxx minn hekk.

L-awtorità maniġerjali tistabbilixxi rata fissa ta' 17% (ibbażata fuq metodoloġija ġusta, ekwitabbli u verifikabbli b'konformità mal-Artikolu 67(1) (d) u 67(5) (a) tas-CPR, iżda mhux mal-Artikolu 68(1) (a) tas-CPR, billi din ir-rata fissa mhijiex qiegħda tkopri biss l-ispejjeż indiretti) tan-nefqa mġarrba għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet skont l-istrateġija ta' CLLD u għat-tnejjija u l-implimentazzjoni tal-attivitatiet ta' kooperazzjoni tal-GAL, bil-għan li jiġu koperti l-ispejjeż li ġejjin:

- Spejjeż operazzjonali (spejjeż operattivi, spejjeż tal-persunal, spejjeż tat-taħriġ, spejjeż marbuta mar-relazzjonijiet pubbliċi, spejjeż finanzjarji, spejjeż marbuta mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istrateġija);
- Spejjeż marbuta mal-animazzjoni tal-istrateġija ta' CLLD sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju bejn il-partijiet interessati bil-għan li jipprovdu informazzjoni u jippromwovu l-istrateġija, kif ukoll sabiex jingħata appoġġ lil benefiċjarji potenzjali bil-għan li jgħinhom fl-iżvilupp tal-operazzjonijiet u t-tnejjija tal-applikazzjonijiet.

Għalhekk, jekk il-baġit allokat lill-GAL għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet skont l-istrateġija ta' CLLD u għat-tnejjija u l-implimentazzjoni tal-attivitatiet ta' kooperazzjoni tal-GAL għall-perjodu 2014-2020 ikun ta' EUR 1.5 miljun (tip 1), il-baġit massimu li jikkorrespondi għall-ispejjeż operattivi u tal-animazzjoni jkun ta' EUR 1.5 miljun x 17% = EUR 255 000 (tip 2). Konsegwentement, l-allokkazzjoni baġitarja totali għall-GAL tkun ta' EUR 1.755 miljun.

Fil-fażi tal-implimentazzjoni, dan ifisser li kull meta benefiċjarju jagħmel talba għal rimborż tan-nefqa mġarrba fuq proġett, il-GAL ikun jista' jitlob ukoll 17% ta' dik is-somma għall-ispejjeż operattivi u tal-animazzjoni tiegħu.

Pereżempju, jekk in-nefqa mġarrba ta' proġett tkun tammonta għal EUR 1 000 (tip 1), il-GAL ikun jista' jiddikjara s-somma ta' EUR 1 000 x 17% = EUR 170 (tip 2) lill-awtorità maniġerjali għall-ispejjeż operattivi u tal-animazzjoni tiegħu.

Il-GAL mhux se jkollu bżonn jipprovdi dokumenti ta' sostenn għall-ispejjeż operattivi u tal-animazzjoni tiegħu ddikjarati abbażi tar-rata fissa, iżda l-metodoloġija użata għad-determinazzjoni tal-perċentwal ta' 17% għandha tkun verifikabbli.

Ta' min jinnota li r-rata fissa tista' tiġi stabbilita separatament għall-ispejjeż operattivi jew tal-animazzjoni biss.

N.B. Jekk jogħġbok żomm f'moħħok li, bħal fl-eżempju ta' hawn fuq, il-metodoloġija li tintuża sabiex tistabbilixxi r-rata fissa mhux bilfors għandha ssegwi dik applikata sabiex tistabbilixxi l-limitu massimu ta' 25%. Madankollu, tkun xi tkun il-metodoloġija li tintuża sabiex tistabbilixxi r-rata fissa, id-dispożizzjonijiet dwar il-limitu massimu tal-ispejjeż operattivi u tal-animazzjoni previsti fl-Artikolu 35(2) tas-CPR għandhom jiġu rrispettati.

⁽¹⁶⁾ Din il-lista ma għandha ebda skop obligatorju. Hija r-responsabbiltà unika tal-Istat Membru li jiddefinixxi l-kategoriji ta' spejjeż differenti tiegħu b'mod mhux ekwivoku.

⁽¹⁷⁾ Din id-definizzjoni mhijiex applikabbli għall-KTE. Għal definizzjoni tal-KTE rigward l-ispejjeż tal-persunal, jekk jogħġbok irreferi għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 481/2014.

2.2.3. Regoli speċifiċi għall-Fondi

Speċifiċi għall-FSE

L-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 jinkludi **skema ta' finanzjament b'rata fissa speċifika għall-FSE. L-ispejjeż diretti tal-persunal jistgħu jintużaw għall-kalkoli tal-kategoriji l-oħra kollha ta' spejjeż eliġibbli** tal-proġett, abbażi ta' rata fissa sa 40%. 'Il-kategoriji l-oħra kollha tal-ispejjeż' jinkludu spejjeż diretti oħra (minbarra spejjeż diretti tal-persunal, iżda jinkludu s-salarji u l-konċessjonijiet żborżati għall-benefiċċju tal-parteċipanti) u spejjeż indiretti. Ir-rata fissa ta' 40% tista' tintuża direttament mill-awtorità maniġerjali, mingħajr ebda ġustifikazzjoni.

Eżempju (speċifiku għall-FSE)

L-abbozz ta' baġit ta' kors ta' taħriġ huwa:

Spejjeż diretti totali	55 000	Spejjeż Indiretti totali	5 000
Spejjeż diretti tal-persunal	30 000	Spejjeż indiretti tal-persunal	4 000
Spejjeż tal-kamra	4 000	Elettriku, telefon ...	1 000
Spejjeż tal-ivvjaġġar	5 000		
Ikliet	1 000		
Informazzjoni / Pubbliċità	5 000		
Konċessjonijiet imħallsin lill-apprendisti mis-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi (PES)	10 000		

L-awtorità maniġerjali tista' tiddeċiedi li tapplika l-Artikolu 14(2) tal-FSE għal dan il-proġett. F'dan il-każ, il-ftehim tal-għotja jkollu bħala allokkazzjoni massima:

Spejjeż diretti tal-persunal: EUR 30 000

Spejjeż oħra: 30 000 x 40% = EUR 12 000

Spejjeż totali: 30 000 + 12 000 = EUR 42 000

Speċifiċi għall-KTE

L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013 jistipula li l-ispejjeż tal-persunal ta' operazzjoni jistgħu jiġu kkalkolati b'rata fissa sa 20% tal-ispejjeż diretti, minbarra l-ispejjeż tal-persunal fir-rigward ta' dik l-operazzjoni. Dan ifisser li huma biss l-ispejjeż diretti tal-persunal li jistgħu jiġu kkalkolati bħala rata fissa (tal-ispejjeż diretti minbarra l-ispejjeż tal-persunal); ifisser ukoll li din ir-rata fissa tista' tintuża mingħajr ma jkun hemm fteigħa li l-Istat Membru jwettaq kalkoli sabiex jiddetermina r-rata applikabbli.

3. L-ISKALI STANDARD TAL-ISPEJJEŻ UNITARJI

3.1. Prinċipji ġenerali

Fil-każ tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji, l-ispejjeż eliġibbli kollha ta' operazzjoni, jew parti minnhom, jiġu **kkalkolati** abbażi tal-attivitajiet, il-kontributi, ir-rendiment jew ir-riżultati kkwantifikati, immultiplikati bl-iskali standard tal-ispejjeż unitarji stabbiliti minn qabel. Din il-possibbiltà tista' tintuża għal kwalunkwe tip ta' proġett jew parti minn proġett, meta jkun possibbli li jiġu definiti l-kwantitajiet relatati ma' attività u l-iskali standard tal-ispejjeż unitarji. L-iskali standard tal-ispejjeż unitarji japplikaw tipikament għall-kwantitajiet faċilment identifkabbli.

L-iskali standard tal-ispejjeż unitarji jistgħu jkunu **bbażati fuq il-proċess**, li għandhom l-għan li jkopru, permezz tal-aħjar approssimazzjoni, l-ispejjeż reali tat-twassil ta' operazzjoni. Huma jistgħu jkunu wkoll **ibbażati fuq l-eżitu** (rendiment jew riżultat) jew jiġu definiti kemm fuq il-proċess kif ukoll fuq l-eżitu (cf. l-eżempju mogħti fit-taqsimha 6.5.3, [paġna 39](#)).

L-awtoritajiet maniġerjali għandhom iqisu wkoll l-impatt li mistennija jkollhom is-sistemi differenti f'termini ta' ġustifikazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli.

Awtorità maniġerjali tista' tistabbilixxi skali differenti ta' spejjeż unitarji applikabbli għal attivitajiet differenti.

Eżempju (ibbażat fuq ir-rendiment tal-FSE)

Għat-taħriġ avvanzat fl-IT ta' 1.000 siegħa pprovdut għal 20 apprendist, l-ispejjeż eliġibbli jistgħu jiġu kkalkolati abbażi ta' spiża fis-siegħa tat-taħriġ x in-numru ta' sigħat tal-apprendisti. L-ispiża fis-siegħa gjet definita minn qabel mill-awtorità maniġerjali u hija murija fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

Jekk wieħed jassumi, pereżempju, li l-awtorità maniġerjali tistabbilixxi l-ispiża tat-taħriġ bħala EUR 7 fis-siegħa tat-taħriġ għal kull apprendist, l-għotja massima allokata għall-proġett tkun limitata għal 1.000 siegħa x 20 apprendist x EUR 7 fis-siegħa għal kull apprendist = EUR 140.000.

Fi tmien l-operazzjoni, l-ispejjeż eliġibbli finali jiġu stabbiliti abbażi tan-numru reali ta' sigħat għal kull apprendist (li jistgħu jinkludu xi assenzi ġustifikati), skont il-parteċipazzjoni effettiva tal-apprendisti u l-korsijiet mogħtija. Xorta waħda se jkun hemm bżonn ta' rassenji preċiżi tal-apprendisti li jispjegaw fid-dettall l-attivitajiet ta' taħriġ u li jiċċertifikaw il-preżenza attwali tal-apprendisti.

Jekk, finalment, ikun hemm biss 18-il persuna li jipparteċipaw fit-taħriġ, sitta minnhom għal 900 siegħa, ħamsa minnhom għal 950 siegħa, ħamsa minnhom għal 980 siegħa u t-tnejn li jifdal għal 1.000 siegħa, l-għadd ta' sigħat totali x apprendisti jkun jammonta għal:

$900 \times 6 + 950 \times 5 + 980 \times 5 + 1000 \times 2 = 17050$ sigħat totali ta' taħriġ x apprendisti.

In-nefqa eliġibbli tkun: 17050 siegħa ta' taħriġ x EUR 7 = EUR 119.350.

Eżempju (ibbażat fuq ir-rendiment tal-FEŻR)

Il-benefiċjarju, Kamra reġjonali, jorganizza servizz ta' konsulenza għall-SMEs tar-reġjun. Dan is-servizz huwa pprovdut mill-konsulenti tal-Kamra reġjonali. Abbażi tal-kontijiet preċedenti tad-dipartiment 'tal-konsulenza' tal-Kamra, jum ta' konsulenza huwa stmat għal EUR 350/jum. L-assistenza tiġi kkalkolata abbażi tal-formula li ġejja: numru ta' jiem x EUR 350. Xorta waħda se jkun hemm bżonn ta' skedi bil-ħinijiet tax-xogħol preċiżi li jelenkaw fid-dettall l-attività ta' konsulenza u l-preżenza tal-konsulenti.

Eżempju (ibbażat fuq ir-riżultati tal-FSE)

Programm ta' assistenza għat-tfittxija tal-impjegati li jidm għaddej sitt xhur ('l-operazzjoni') jista' jiġi ffinanzjat abbażi ta' skali standard ta' spejjeż unitarji (pereżempju EUR 2000/persuna) għal kull wieħed mill-20 parteċipant fl-operazzjoni li jsib impjegat u jżomm għal perjodu stabbilit minn qabel, pereżempju sitt xhur. Kalkolu tal-għotja massima allokata għall-operazzjoni: 20 persuna x EUR 2000 /kollokament = EUR 40000.

L-ispejjeż eliġibbli finali huma kkalkolati abbażi tar-rendiment reali tal-operazzjoni: jekk kien hemm biss 17-il persuna li ddaħħlu fis-suq tax-xogħol u żammew l-impjegati tagħhom għall-perjodu mitlub, l-ispiża eliġibbli finali li abbażi tagħha titħallas l-għotja lill-benefiċjarju tkun: 17 x EUR 2000 = EUR 34000.

Eżempju (ibbażat fuq ir-rendiment tal-FAEŻR): 'Investimenti fl-iżvilupp taż-żoni tal-foresti u titjib tal-vijabbiltà tal-foresti' (l-Artikolu 21)

Detentur tal-foresti jirċievi appoġġ għall-afforestazzjoni u l-manutenzjoni ta' 3 ettari ta' foresta għal 7 snin. L-ispejjeż (l-afforestazzjoni u l-manutenzjoni) ġew definiti minn qabel mill-awtorità maniġerjali skont it-tip ta' foresta. Din il-metodoloġija tiġi inkluża fil-Programm ta' Żvilupp Rurali. L-ispejjeż huma kif ġej: EUR 2000/ettaru għall-istabbiliment tal-foresti u EUR 600/ettaru għall-ewwel sena u EUR 500/ettaru għas-snin sussegwenti għall-manutenzjoni tagħha.

Għalhekk, l-ispejjeż eliġibbli totali jkunu:

3 ettari x EUR 2000/ettaru + 3 ettari x EUR 600/ettaru + (3 ettari x EUR 500/ettaru) x 6 snin = EUR 16800

3.2. Każ speċifiku li jirrigwardja l-ispejjeż tal-persunal fis-siegħa

L-Artikolu 68(2) tas-CPR jintroduċi regola ġdida sabiex jiffaċilita l-użu tal-ispejjeż unitarji fis-siegħa għall-kalkolu tal-ispejjeż tal-persunal⁽¹⁸⁾ relatati mal-implimentazzjoni ta' operazzjoni:

$$\text{Spiża tal-persunal fis-siegħa} = \frac{\text{L-aħħar spejjeż annwali gross tal-impjegati ddotamentati}}{1720}$$

L-1720 siegħa jammontaw għal 'ħin tax-xogħol' annwali standard li jista' jintuża direttament, mingħajr il-ftieġa li l-Istat Membru jwettaq xi kalkolu.

Madankollu, in-numeratur, l-aħħar spejjeż annwali tal-persunal iddotamentati, għandu jiġi ġustifikat. Fil-każ ta' proġett implimentat fuq medda ta' diversi snin, l-awtorità maniġerjali tista' tagħżel li taġġorna l-ispiża tal-persunal fis-siegħa ladarba tkun disponibbli dejta ġdida jew li tuża l-istess waħda għall-perjodu ta' implimentazzjoni kollu. Jekk il-perjodu ta' implimentazzjoni jkun partikolarment twil, prassi tajba tkun li jiġu stabbiliti passi intermedjarji meta tkun tista' tiġi riveduta l-ispiża tal-persunal fis-siegħa (u l-ftiehim tal-għotja kif xieraq).

Hemm mill-inqas żewġ possibbiltajiet għan-numeratur fir-rigward tal-ispejjeż tan-nies li jaħdmu fuq operazzjoni, kif ġej:

1. In-numeratur huwa relatat biss mal-persuna li taħdem direttament fuq l-operazzjoni. Dan jista' jkun ibbażat fuq

is-salarju reali ta' din il-persuna jew fuq il-medja tal-ispejjeż tal-impjegati ta' aggregat akbar ta' impjegati, dawk tal-istess grad jew miżuri simili, li bejn wieħed u ieħor jikkorrelataw għal-livell tas-salarju.

2. In-numeratur jinkludi s-salarju tal-persuna li taħdem direttament fuq l-operazzjoni u sehem tas-salarji tal-membri tal-persunal indiretti (eż. impjegati eżekuttivi b'salarju għoli li ġeneralment jaħdmu indirettament għall-operazzjoni) li jistgħu jiġu allokatati għall-operazzjoni (japplikaw regoli dwar l-allokkazzjoni tal-ispejjeż indiretti għal operazzjoni, pereżempju, l-użu ta' skema ta' kontribuzzjoni ġustifikata). Dan jista' jkopri l-ispejjeż tal-impjegat taċ-ċentru tal-ispejjeż jew tad-dipartiment (li jimplementa l-operazzjoni) fejn il-livell tas-salarju jista' jvarja b'mod konsiderevoli fi f'dan il-grupp aggregat ta' impjegati. Dan jirriżulta fi skala standard ta' spejjeż unitarji li tinkludi s-salarju tal-persuna li taħdem fuq l-operazzjoni u parti mis-salarji indiretti.

Madankollu, l-awtoritajiet maniġerjali għandhom ikunu konxji li l-għażla 2 x'aktar ma tkunx l-aktar soluzzjoni Prattika. Huwa aktar irrakkomandat li tiġi segwita l-għażla 1 jew li tiġi kkalkolata spiża tal-persunal fis-siegħa li tinkludi l-ispejjeż indiretti kollha (abbażi ta' rata fissa) jew saħansitra l-ispejjeż eliġibbli l-oħra kollha (spejjeż komprensivi tal-persunal fis-siegħa).

Meta tintuża din il-possibbiltà, l-awtoritajiet maniġerjali għandhom jinnotaw li:

- 'Implimentazzjoni ta' operazzjoni' għandha tinftiehem b'ħala li tkopri l-passi kollha ta' operazzjoni. Ma hemm ebda intenzjoni li jiġu esklużi xi spejjeż tal-persunal relatati ma' passi speċifiċi ta' operazzjoni;
- Ir-regoli ta' eliġibbiltà nazzjonali jridu jispjefikaw x'inhu kopert mill-ispejjeż annwali gross tal-impjegati, billi jittieħdu

⁽¹⁸⁾ Cf. definizzjoni ta' spejjeż tal-persunal, it-taqsim 2.2.2, paġna 15.

f'kunsiderazzjoni l-prattiki tal-kontabbiltà tas-soltu (ara t-taqsima 5.2.1.3, [paġna 24](#));

- L-aħħar spiża annwali gross tal-impjegji għandha tiġi ddokumentata permezz ta' kontijiet, rapporti tal-pagi, eċċ. Din l-informazzjoni ma għandhiex bżonn tiġi vverifikata *ex-ante* iżda għandha tkun verifikabbli;
- Metodu ta' kalkolu bbażat fuq dejta storika tal-benefiċjarju mhuwiex utilizzabbli billi r-Regolament jirreferi għall-aħħar spejjeż annwali gross tal-impjegji li ġew iddokumentati;
- L-aħħar spejjeż annwali gross tal-impjegji li ġew iddokumentati timplika perijodu ta' referenza preċedenti

ta' sena (12-il xahar konsekuttivi). Mhuwiex possibbli li tintuża d-dejta relatata ma' perijodi wara l-iffirmar tad-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ;

- Għall-kalkoli tal-ispejjeż tal-persunal eliġibbli għandhom jintużaw biss is-sigħat effettivament maħduma. Il-liv annwali, pereżempju, huwa diġà inkluż fil-kalkoli tal-ispejjeż tal-persunal fis-siegħa.

Il-valur miżjud ta' din il-metodoloġija huwa li l-ammont ta' 1720 siegħa ma jstax jiġi kkontestat.

Eżempju (il-FEŻR)

Ċerti tipi ta' proġetti mmirati lejn l-SMEs fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp (R&D) u l-innovazzjoni ta' spiss ikunu jinvolvu l-ispejjeż tal-persunal bħala element prinċipali. L-applikazzjoni ta' skali standard tal-ispejjeż unitarji bħala għażla hija simplifikazzjoni pożittiva minn dawn l-SMEs. F'dan il-każ, l-ispiża unitarja għall-attivitajiet hija espressa bħala rata fis-siegħa applikata għas-sigħat effettivament maħduma mill-persunal. Hija definita minn qabel fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ, li jiffissa l-ammont massimu ta' assistenza finanzjarja bħala s-sigħat massimi maħduma u permissi mmultiplikati bl-ispiża unitarja (l-ispejjeż ikkalkolati tal-membri tal-persunal involuti).

L-ispiża għal unità standard, li għandha l-għan li tkopri l-ispejjeż reali permezz tal-aħjar approssimazzjoni u sabiex tqis id-distinzjonijiet fost ir-regġuni u l-fergħat, hija definita bħala spiża tal-persunal fis-siegħa skont il-formula li ġejja:

Spiża tal-persunal fis-siegħa = salarju annwali gross (inklużi spejjeż legali) diviż b' medja tas-sigħat tax-xogħol legali (b'kunsiderazzjoni tal-liv annwali).

Pereżempju: Spiża tal-persunal fis-siegħa = EUR 60000 / (1980 siegħa – 190 siegħa ta' liv annwali) = 60000/1790 = EUR 33.52/siegħa.

L-assistenza finanzjarja mogħtija għall-operazzjoni tiġi kkalkolata bħala r-rata fis-siegħa mmultiplikata bin-numru reali u vverifikat ta' sigħat maħduma. Dan jitlob lill-SMEs sabiex iżommu d-dokumenti ta' sostenn kollha għas-sigħat maħduma mill-persunal fuq il-proġett u l-awtorità maniġerjali għandha żżomm id-dokumenti kollha li jiġġustifikaw l-ispiża tal-persunal fis-siegħa. Fil-prinċipju, tnaqqis fis-sigħat ivverifikati maħduma jirriżulta fi tnaqqis fl-ammont finali li jkun irid jiġthallas.

Eżempju alternattiv: *L-istess bħal fuq iżda l-ispiża tal-persunal fis-siegħa hija bbażata fuq l-Artikolu 68(2) tas-CPR.*

Spiża tal-persunal fis-siegħa = l-aħħar salarju annwali gross dokumentat (inklużi spejjeż legali) diviż b'1720 siegħa.

Pereżempju: Rata fis-siegħa = EUR 60000 / 1720 siegħa = 60000/1720 = EUR 34.88/siegħa.

4. SOMOM F'DAQQA

4.1. Prinċipji ġenerali

Fil-każ ta' somom f'daqqa, l-ispejjeż eliġibbli kollha jew parti mill-ispejjeż eliġibbli ta' operazzjoni huma kkalkolati abbażi ta' somma f'daqqa stabbilita minn qabel (it-twaqqif tas-somma f'daqqa għandu jiġi ġustifikat mill-awtorità maniġerjali⁽¹⁹⁾), b'konformità mat-termini definiti minn qabel tal-ftehim dwar l-attivitàjiet u/jew ir-rendiment. L-għotja titfallas jekk jiġu finalizzati t-termini definiti minn qabel tal-ftehim dwar l-attivitàjiet u/jew tar-rendiment.

Il-possibbiltà ta' somma f'daqqa hija applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità li għandu l-għan li jtaffi l-ammont ta' xogħol amministrattiv għall-operazzjonijiet żgħar u biex jagħti lill-NGOs (iżda mhux esklussivament l-NGOs) aċċess aħjar għall-Fondi SIE. Dik hija r-raġuni għaliex is-somom f'daqqa li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 67(1) (c) tas-CPR huma ristretti għal ammonti ta' inqas minn EUR 100 000 ta' kontribuzzjoni pubblika.

Dan l-ammont jikkorrispondi mal-kontribuzzjoni pubblika mħallsa lil jew mill-benefiċjarju għall-attività appoġġjata

permezz tas-somma f'daqqa (minbarra parteċipazzjoni privata, jekk ikun hemm). Tali ammont ma jinkludix il-konċessjonijiet jew is-salarji żborżati minn parti terza għall-benefiċċju tal-partiċipanti f'operazzjoni (ara t-taqsimu 7.2.1, [paġna 41](#)).

Anki jekk jistgħu jiġu kkombinati flimkien bosta somom f'daqqa sabiex ikopru l-kategoriji differenti ta' spejjeż eliġibbli jew proġetti differenti fi f'dan l-istess operazzjoni, it-total tas-somom f'daqqa ma għandux jaqbeż EUR 100 000 ta' kontribuzzjoni pubblika għal korp partikolari li jirċievi l-għotja jew l-assistenza ripagabbli. Madankollu, fi f'dan proġett, is-somom f'daqqa li ma jaqbeż EUR 100 000 ta' kontribuzzjoni pubblika jistgħu jiġu kkombinati mal-ispejjeż reali u/jew ma' għażliet ta' spejjeż issimplifikati oħra għal total li jista' jaqbeż EUR 100 000 ta' kontribuzzjoni pubblika.

L-arranġament tas-somom f'daqqa jista' jintuża wkoll fil-każ ta' għotjiet fejn l-iskali standard tal-ispejjeż unitarji ma jkunux soluzzjoni xierqa, pereżempju, il-produzzjoni ta' sett ta' għodod, l-organizzazzjoni ta' seminar lokali żgħir, eċċ.

4.2. Eżempji ta' somom f'daqqa

Eżempju (il-FEŻR)

Sabiex jippromwovu l-prodotti lokali, grupp ta' intrapriżi żgħar jixtiequ jipparteċipaw b'mod konġunt f'fiera kummerċjali. Minħabba l-ispiża baxxa tal-operazzjoni, l-awtorità maniġerjali tiddeċiedi li tuża somma f'daqqa għall-kalkolu tal-appoġġ pubbliku. Għal dan il-għan, il-grupp ta' intrapriżi huwa mistieden sabiex jipproponi baġit għall-ispejjeż tal-kiri, it-twaqqif u t-tmexxija tal-istand. Abbażi ta' din il-proposta, għet stabbilita somma f'daqqa ta' EUR 20 000. Il-filas lill-benefiċjarju jsir abbażi ta' prova tal-partiċipazzjoni fil-fiera. Il-baġit maqbul ta' EUR 20 000 għandu jinżamm għall-finijiet ta' verifika (verifika tal-kalkolu *ex-ante* tas-somma f'daqqa).

⁽¹⁹⁾ Il-Kumitat tal-Monitoraġġ fil-każ tal-KTE.

Eżempju (il-FSE)

NGO li timmaniġġja servizzi ta' indukrar tat-tfal teħtieġ appoġġ sabiex tkun tista' triedi attività ġdida. Din titlob somma f'daqqa billi tissottometti abbozz ta' baġit dettaljat sabiex tkun tista' tibda l-attività u tmexxiha fuq perjodu ta' sena. L-attività għandha tinżamm b'mod indipendenti wara s-sena inizjali. Pereżempju, is-somma f'daqqa għandha tkopri n-nefqa relatata mas-salarju ta' persuna waħda responsabbli biex tiegħu f'isieb it-tfal matul sena waħda, id-deprezzament ta' tagħmir ġdid, l-ispejjeż tal-pubbliċità marbuta ma' din l-attività ġdida u l-ispejjeż indiretti relatati mal-ispejjeż tal-ġestjoni u l-kontabbiltà tagħha, l-ilma, l-elettriku, it-tiżnin, l-ispejjeż tal-kera, eċċ.).

Abbażi ta' abbozz ta' baġit dettaljat u meta mqabbla ma' operazzjonijiet simili, l-awtorità maniġerjali tagħti somma f'daqqa ta' EUR 47500 sabiex tkopri dawn l-ispejjeż kollha. Fi tmiem l-operazzjoni, dan l-ammont jitħallas lill-NGO abbażi tar-rendiment; jekk ikunu ġew indukrati għadd konvenzjonali ta' tfal addizzjonali (10). Għalhekk, ma jkunx meħtieġ li jiġu ġustifikati l-ispejjeż reali mġarrba b'rabta ma' din l-attività.

Madankollu, dan ifisser li jekk jiġu indukrati biss disat itfal, l-ispejjeż eliġibbli jkunu zero u l-ammont tas-somma f'daqqa ma jitħallasx.

Eżempju (il-FSE)

NGO għall-persuni Roma tfittex li torganizza seminar lokali u li tipproduċi sett ta' għodod dwar il-kundizzjoni soċjo-ekonomika tal-komunità Roma f'reġjun ta' Stat Membru. Id-dokument, li jstabilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ, se jinkludi abbozz ta' baġit dettaljat u l-oġettivi tal-għotja, (1) l-organizzazzjoni tas-seminar u (2) il-produzzjoni ta' sett ta' għodod bil-għan li tingħed l-attenzjoni ta' dawk li jħaddmu fir-reġjun għall-problemi speċifiċi tal-komunità Roma.

Minħabba d-daqs u l-oġettiv tal-operazzjoni (operazzjoni żgħira bi spejjeż mhux faċilment kwantifikabbli permezz ta' skali standard ta' spejjeż unitarji) u n-natura tal-benefiċjarju (NGO lokali), l-awtorità maniġerjali tiddeċiedi li tuża l-arranġament tas-somma f'daqqa.

Sabiex tikkalkula l-ammont tas-somma f'daqqa, l-awtorità maniġerjali jkollha bżonn abbozz ta' baġit dettaljat għal kull waħda mill-operazzjonijiet: wara negozjati fuq l-abbozz ta' baġit dettaljat, is-somma f'daqqa ġiet stabbilita bħala: EUR 45000 maqsuma f'żewġ proġetti li jirrikjedu EUR 25000 għas-seminar u EUR 20000 għas-sett ta' għodod.

Jekk il-kundizzjonijiet tad-dokument li jstabilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn jiġu rrispettati (l-organizzazzjoni tas-seminar, il-produzzjoni tas-sett ta' għodod), is-somma ta' EUR 45000 titqies bħala spejjeż eliġibbli fl-għeluq. Id-dokument ta' sostenn meħtieġ sabiex titħallas l-għotja (u mbagħad sabiex tiġi arkivjata) iservi bħala l-prova li s-seminar kien organizzat u li għe prodott is-sett finali u komplet ta' għodod.

Jekk jitwettaq biss wieħed mill-proġetti (pereżempju s-seminar), l-għotja titnaqqas għal din il-parti (EUR 25000), skont dak li għe miftiehem fid-dokument li jstabilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn.

Eżempju (il-FAEŻR): 'Skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel' (l-Artikolu 16)

Grupp ta' bdiewa li rċevew appoġġ sabiex ikunu jistgħu jkopru l-parteċipazzjoni ġdida fi skema ta' kwalità rikonoxxuta jridu jorganizzaw attività promozzjonali għall-prodotti tagħhom. L-awtorità maniġerjali kkalkolat l-ispiża tal-attività bħala somma f'daqqa (eż. EUR 15 000 / seminar b'minimu ta' 50 parteċipant). Il-grupp ta' bdiewa għandhom jipprovdu evidenza li turi li wettqu l-attività u l-għadd ta' parteċipanti li kien hemm (mill-inqas ugwali għal 50).

5. L-ISTABILIMENT TAL-FINANZJAMENT B'RATA FISSA, TAL-ISKALI STANDARD TAL-ISPEJJEŻ UNITARJI U TAS-SOMOM F'DAQQA

L-Artikolu 67(5) tas-CPR u l-Artikolu 14(3) tal-FSE jintroduċu diversi metodi għall-kalkolu tal-ispejjeż issimplifikati: uħud minnhom huma bbażati fuq dejta statistika, oħra fuq id-dejta tal-benefiċjarji jew l-elementi inklużi fir-regolament. Xi wħud jagħtu ħafna flessibilità, filwaqt li oħra joffru ċertezza legali b'saħħitha jew jistgħu jiġu stabbiliti b'piż amministrattiv limitat.

Għall-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati, huwa importanti li jiġi żgurat li titwettag valutazzjoni *ex-ante* xierqa u li tiġi pprovduta d-dokumentazzjoni relatata tal-metodu, fejn meħtieġ, minħabba li **huwa biss il-kontroll tal-kisbiet li jsir *ex-post***.

5.1. Għandu jiġi stabbilit minn qabel⁽²⁰⁾

Huwa importanti li jiġu kkomunikati lill-benefiċjarji, fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn, ir-rekwiżiti eżatti sabiex tiġi ssostanzjata n-nefqa ddikjarata u r-rendiment jew l-eżitu speċifiku li għandu jinkiseb.

Għalhekk, l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati għandhom jiġu definiti *ex-ante* u għandhom jiġu inklużi, pereżempju, fis-sejħa għall-proposti jew **l-aktar tard fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn**. Il-metodi u l-kundizzjonijiet rilevanti għandhom jiġu inkorporati fir-regoli nazzjonali dwar l-eliġibilità applikabbli għall-programm fil-livell reġjonali jew nazzjonali jew speċifiċi għall-programm partikolari. Dan ifisser ukoll li ladarba jiġu stabbiliti l-iskali standard tal-ispiża unitarja u r-rata jew l-ammont (fil-każ tas-somom f'daqqa), dawn ma jstgħux jinbidlu matul jew wara l-implimentazzjoni ta' operazzjoni sabiex jikkompensaw għal żieda fl-ispejjeż jew għal sottoutilizzazzjoni tal-baġit disponibbli.

Minħabba li l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati għandhom jiġu definiti minn qabel, għandha tiġi evitata applikazzjoni retroattiva għall-operazzjonijiet li diġà qegħdin jiġu implimentati abbażi tal-ispejjeż reali, minħabba li din tinvolvi ammont ta' xogħol sinifikanti għall-awtoritajiet nazzjonali sabiex jiżguraw trattament ugwali bejn il-benefiċjarji.

B'mod eċċezzjonali, fil-każ ta' operazzjonijiet multiannwali, huwa possibbli li jiġu rregolati l-kontijiet u l-attivitajiet korrispondenti tal-operazzjoni wara li titwettag l-ewwel parti tal-operazzjoni u mbagħad tiġi introdotta l-għażla ta' finanzjament b'rata fissa, l-iskali standard tal-ispejjeż unitarji jew is-somom f'daqqa għall-parti/perjodu li jifdal tal-operazzjoni. F'każijiet bħal dawn, il-perjodu li għalih għandhom jiġu ddikjarati l-ispejjeż reali għandu jiġi separat b'mod ċar mill-perjodu li għalih l-ispejjeż jiġu ddikjarati abbażi ta' għażliet ta' spejjeż issimplifikati, bil-għan li jiġi evitat li l-ispejjeż tal-proġett jiġu ddikjarati darbtejn.

5.2. Metodu ta' kalkolu ġust, ekwitabbli u verifikabbli⁽²¹⁾

5.2.1. Prinċipji ġenerali

5.2.1.1. Għandu jkun ġust

Il-kalkolu għandu jkun raġonevoli, jiġifieri bbażat fuq ir-realtà, mhux eċċessiv jew estrem.

Jekk skala standard partikolari ta' spiża unitarja fil-passat ħadmet bejn EUR 1 u EUR 2, il-Kummissjoni mhux qiegħda tistenna li tara skala ta' EUR 7. Minn din il-perspettiva, il-metodu użat għall-identifikazzjoni tal-ispiża unitarja, tar-rata fissa jew tas-somma f'daqqa jkun importanti ħafna. L-awtorità managerjali għandha tkun tista' tispjega u tiġiġustifika l-għażliet tagħha. Metodu ta' kalkolu ġust u 'ideali' jista' jadatta r-rati għal kundizzjonijiet jew ħtiġijiet speċifiċi. Pereżempju, l-eżekuzzjoni ta' proġett tista' tiġi tiswa aktar f'reġjun remot milli f'reġjun ċentrali minħabba spejjeż ogħla tat-trasport; dan l-element għandu jitqies meta tittieħed deċiżjoni dwar somma f'daqqa jew rata li għandha titħallas għal proġetti simili fiż-żewġ reġjuni.

Fi kwalunkwe każ, l-għażliet issimplifikati ma għandhomx jintużaw ħażin (eż. ir-rata fissa kkalkolata skont l-Artikolu 67(5) (a) tas-CPR ma għandhiex twassal, sistematikament, għal inflazzjoni tal-ispejjeż tal-operazzjonijiet u l-operazzjonijiet ma għandhomx jinqasmu sabiex jippermettu l-użu sistematiku tas-somom f'daqqa).

⁽²⁰⁾ L-Artikolu 67(6) tas-CPR.

⁽²¹⁾ L-Artikolu 67(5) (a) tas-CPR.

L-għan tal-ħidma ta' verifika se jkun li teżamina l-bażi li tintuża sabiex tistabbilixxi r-rati u jekk ir-rati finalment stabbiliti humiex fil-fatt konformi ma' din il-bażi.

5.2.1.2. Għandu jkun ekwitabbli

Il-kunċett ewlieni li huwa sottostanti għat-terminu 'ekwitabbli' huwa li dan ma jiffavorixxi lil xi benefiċjarji jew operazzjonijiet fuq oħra. Il-kalkolu tal-iskali standard tal-ispiża unitarja, is-somma f'daqqa jew ir-rata fissa għandu jiżgura t-trattament ugwali tal-benefiċjarji u/jew tal-operazzjonijiet.

Eżempji ta' dan huma d-differenzi fir-rati jew fl-ammonti li mhumiex ġustifikati minn karatteristiċi oġġettivi tal-benefiċjarji jew tal-operazzjonijiet, jew minn oġġettivi ta' politika espliċiti.

L-awtoritajiet maniġerjali u l-awdituri mill-awtorità tal-awditjar u l-Kummissjoni ma jaċċettawx metodi ta' kalkoli li jiddiskriminaw b'mod mhux ġustifikat kontra gruppi partikolari ta' benefiċjarji jew tipi ta' operazzjonijiet.

5.2.1.3. Għandu jkun verifikabbli

Id-determinazzjoni tar-rati fissi, tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji jew tas-somom f'daqqa għandha tkun ibbażata fuq evidenza dokumentarja li tkun tista' tiġi vverifikata.⁽²²⁾ L-awtorità maniġerjali għandha tkun tista' turi l-bażi li fuqha tkun ġiet stabbilita l-għażla tal-ispejjeż issimplifikati. Hija kwistjoni fundamentali li tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Il-korp li jiddetermina l-metodu tal-għażla tal-ispejjeż issimplifikati għandu jiddokumenta, bħala minimu:

- Id-deskrizzjoni tal-metodu ta' kalkolu, inklużi l-passi ewlenin tal-kalkolu;
- Is-sorsi tad-dejta użata għall-analiżi u l-kalkoli, inkluża valutazzjoni tar-rilevanza tad-dejta għall-operazzjonijiet previsti, kif ukoll valutazzjoni tal-kwalità tad-dejta;
- Il-kalkolu nnifsu li jiddetermina l-valur tal-għażla tal-ispejjeż issimplifikati.

Fil-każ ta' metodu ġust, ekwitabbli u verifikabbli skont l-Artikolu 67(5) (a) tas-CPR, mhuwiex aċċettabbli li jiġu definiti l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati 'ex nihilo'.

5.2.2. Il-metodoloġija fil-prattika

Is-CPR jispeċifika diversi possibbiltajiet li jissodisfaw il-kriterji ġusti, ekwitabbli u verifikabbli:

5.2.2.1. L-użu ta' dejta 'statistika' jew ta' informazzjoni oġġettiva oħra

Id-dejta statistika jew informazzjoni oġġettiva oħra tista' tiegħu l-forma, pereżempju, ta' s'farrig, sejħiet għall-proposti, valutazzjoni komparattiva b'tipi simili ta' operazzjonijiet ... Dan ġeneralment jirriżulta f'sistemi standard applikabbli għal ħafna operazzjonijiet / benefiċjarji. Fil-fatt, fl-esperjenza tal-Kummissjoni, anki jekk jistgħu jintużaw ħafna metodi biex jistabbilixxu s-somom f'daqqa, l-iskali standard tal-ispejjeż unitarji jew il-finanzjament b'rata fissa minn qabel, l-aktar komuni fosthom hija l-analiżi statistika tad-dejta storika. Sors wieħed ta' dejta jista' jkun in-nefqa ċċertifikata mill-passat. F'każ li d-dejta li tintuża ma tkunx iċċertifikata, hija għandha tiġi vverifikata mill-awtorità maniġerjali.

Bħala alternattiva, jistgħu jiġu introdotti wkoll sejħiet għall-proposti: Stat Membru jipubblika minn qabel il-bażi li fuqha se jikkalkula l-għotjiet ta' somom f'daqqa u li, għal darba oħra, hija *ġusta, ekwitabbli u verifikabbli*. Dan ifisser li l-applikanti għandhom ikunu jafu l-kriterji li fuqhom tiġi bbażata l-għotja u li dawn il-kriterji għandhom jiġu standardizzati u japplikaw għall-applikanti kollha għall-istess tipi ta' proġetti.

Pereżempju, fil-każ ta' sejħiet għall-proposti, l-awtorità maniġerjali għandha tkun tista' twieġeb mistoqsijiet bħal: 'Is-sejħiet għall-proposti għandha d-dettalji meħtieġa? L-elementi meħtieġa sabiex jiddeterminaw is-somma f'daqqa huma speċifikati u spjegati sewwa minn qabel? L-awtorità maniġerjali tivverifika li l-ispejjeż inklużi fl-abbozz ta' baġit dettaljat u sottomess, pereżempju, huma raġonevoli u aċċettabbli fid-dawl tad-determinazzjoni tas-somma f'daqqa fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn?'

Soluzzjoni oħra tista' tkun li l-Istat Membru jiffissa somma f'daqqa għal attività speċifika u joħroġ sejħiet għall-proposti abbażi ta' dan l-ammont, sabiex eventwalment jiffinanzja l-aqwa proposti.

⁽²²⁾ Irrispettivament minn meta ġiet stabbilita l-metodoloġija skont l-Artikolu 67(5) (a) tas-CPR, sakemm qiegħda tintuża, hija għandha tkun verifikabbli.

5.2.2.2. L-użu ta' dejta speċifika għal benefiċjarju individwali⁽²³⁾

Il-metodoloġji ppreżentati hawn taħt se jiġu applikati għall-benefiċjarji. Iżda fid-dawl tar-rekwiżiti involuti fl-użu ta' dejta speċifika għall-benefiċjarju, dawn il-metodoloġji huma simplifikazzjonijiet għall-benefiċjarji li jimplementaw ħafna proġetti fuq il-perjodu ta' programmazzjoni.

a) Id-dejta storika vverifikata ta' benefiċjarji individwali

Din tirriżulta f'sistema *ad hoc* speċifika għall-benefiċjarju. Meta jkun meħtieġ, din id-dejta għandha tkopri biss iċ-ċentru jew id-dipartiment tal-ispejjeż tal-benefiċjarju li huma relatati mal-operazzjoni.

Dan il-metodu huwa bbażat fuq il-ġbir ta' dejta preċedenti dwar il-kontabbiltà mill-benefiċjarju, fir-rigward tal-ispejjeż effettivi mġarrba għall-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli koperti mill-ispejjeż issimplifikati. Fil-fatt, dan jimplika l-eżistenza ta' sistema ta' kontabbiltà analitika aċċettabbli fil-livell tal-benefiċjarji. Barra minn hekk, dan jimplika wkoll li kwalunkwe nefqa ineliġibbli tiġi ffiltrata u eskluża minn kwalunkwe kalkolu li jappoġġa l-għażliet tal-ispejjeż simplifikati.

Meta awtorità maniġerjali tiddeċiedi li tuża dan il-metodu, hija għandha tiddekrivi:

- il-kategoriji tal-ispejjeż koperti;
- il-metodu ta' kalkolu użat;
- it-tul tas-serje li għandha tinkiseb: dejta dwar il-kontabbiltà **fuq medda ta' mill-inqas tliet snin** sabiex tkun tista' tiġi evitata kwalunkwe ċirkostanza eċċezzjonali potenzjali li setgħet taffettwa l-ispejjeż effettivi f'sena speċifika, kif ukoll it-tendenzi fl-ammonti ta' spejjeż. Il-perjodu ta' referenza ta' tliet snin jintuża sabiex sabiex iqis il-varjazzjonijiet annwali;
- l-ammont ta' referenza li għandu jiġi applikat, pereżempju, l-ispejjeż medji fuq il-perjodu ta' referenza jew l-ispejjeż kif irreġistrati matul l-aħħar snin;
- l-adattamenti, jekk ikun hemm, li huma meħtieġa sabiex jiġi aġġornat l-ammont ta' referenza.

b) L-applikazzjoni tal-prattiki ta' kontabbiltà tal-ispejjeż tas-soltu ta' benefiċjarji individwali

Il-prattiki tal-kontabbiltà tas-soltu huma Prattiki li juża l-benefiċjarju sabiex jagħti kont tal-attivitàjiet u l-finanzi kollha ta' kuljum u tas-soltu tiegħu (li mhumix marbuta mal-appoġġ tal-UE). Dawn il-metodi għandhom ikunu konformi mar-regoli u l-istandards tal-kontabbiltà nazzjonali. It-tul tal-użu mhuwiex kritiku. Metodu ta' kontabbiltà mhuwiex 'tas-soltu' jekk ikun tfassal apposta għal operazzjoni partikolari jew għall-appoġġ tal-UE.

Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn spejjeż effettivi u spejjeż determinati skont il-prattiki tal-kontabbiltà tal-ispejjeż tas-soltu ta' benefiċjarji individwali.

B'hekk, 'spejjeż effettivament imġarrba mill-benefiċjarju' tfisser l-ispejjeż ikkalkolati bl-aktar mod preċiż possibbli, li normalment tfisser għal kull persuna fiżika għall-perjodu ta' żmien tal-operazzjoni. Fil-prattika, għall-kalkoli tal-ispejjeż tal-persunal fis-siegħa, l-użu tas-sigħat standard bħala denominatur huwa aċċettat (ara, pereżempju, l-1720 siegħa msemmija fit-taqsim 3.2, [paġna 19](#)), iżda n-numeratur għall-finijiet tal-kalkolu tal-'ispejjeż effettivi' huwa l-ispejjeż eliġibbli totali tal-persunal għal kull persuna partikolari assenjata għall-azzjoni.'

Spiża fis-siegħa bbażata fuq il-prattiki ta' kontabbiltà tal-ispejjeż tal-benefiċjarji tista' tiġi kkalkolata abbażi ta' medja tal-ispejjeż tar-rimunerazzjoni ta' aggregat akbar ta' impjegati. Dan normalment ikun grad jew xi miżura simili, li bejn wieħed u ieħor jikkorrelata għal-livell tas-salarju, iżda jista' jkun ukoll ċentru tal-ispejjeż jew dipartiment (relatati mal-operazzjoni), fejn il-livell tas-salarju jista' jvarja b'mod konsiderevoli fi f'dan il-grupp aggregat ta' impjegati.

Dan ifisser li l-ammonti ta' spejjeż miksuba bl-applikazzjoni tal-prattiki ta' kontabbiltà tal-ispejjeż ġeneralment jiddevjaw mill-ispejjeż effettivi. Huma wkoll speċifiċi għall-benefiċjarju (jew saħansitra speċifiċi għad-dipartiment) għal operazzjoni partikolari u għal perjodu ta' żmien — qasir — u partikolari (id-dejta użata hija relatata ma' sena waħda).

Għalhekk, sabiex jiġi żgurat trattament ugwali u li l-għotja ma tkoprix spejjeż ineliġibbli, id-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn li jawtorizzaw lill-benefiċjarji jużaw il-prattiki ta' kontabbiltà tal-ispejjeż tagħhom għandu jipprevedi l-kundizzjonijiet minimi. Dawk il-kundizzjonijiet minimi għandhom l-għan li jiżguraw li l-prattiki ta' kontabbiltà tal-ispejjeż jirriżultaw teoretikament u prattikament f'sistema ġusta u ekwitabbli. Dan jimplika l-eżistenza ta' sistema ta' kontabbiltà analitika aċċettabbli fil-livell tal-benefiċjarji. Barra minn hekk, dan jimplika wkoll li kwalunkwe nefqa ineliġibbli tiġi ffiltrata u eskluża mill-kalkolu.

c) Rekwiżiti komuni għall-użu ta' dejta speċifika għal benefiċjarji individwali

Skont l-assigurazzjoni miksuba mis-sistema ta' ġestjoni u kontroll interna tal-benefiċjarju, jista' jkun meħtieġ li d-dejta speċifika għall-benefiċjarju tiġi ċċertifikata minn awditur estern jew, fil-każ ta' korpi pubbliċi, minn uffiċjal tal-kontabbiltà kompetenti u indipendenti, bil-għan li tiġi żgurata l-affidabbiltà tad-dejta ta' referenza użata mill-awtorità maniġerjali. Iċ-ċertifikazzjoni tad-dejta storika tista' ssejtn bħala parti mill-verifiki statutorji jew kuntrattwali. Kwalunkwe ċertifikazzjoni mwettqa b'dan il-mod tkun teħtieġ għarfien fil-fond, mill-awditur estern jew minn uffiċjal tal-kontabbiltà indipendenti, tar-Regolamenti dwar il-Fondi SIE fir-rigward

⁽²³⁾ Il-metodi koperti minn din it-taqsim huma daww stabbiliti fl-Artikolu 67(5) (a) (ii) u (iii) tas-CPR. L-Artikolu 14(3) tal-FSE ma jaqax taħt daww ir-rekwiżiti.

ta', pereżempju, ir-rekord tal-awditjar, l-eliġibbiltà tal-ispejjeż sottostanti u l-liġi applikabbli.

Meta r-riskju ta' żball jew ta' irregolarità fid-dejta dwar il-kontabbiltà preċedenti użata jitqies bħala baxx, il-metodu ta' kalkolu jista' jkun ibbażat fuq dejta mhux ivverifikata *ex-ante*. L-awtorità maniġerjali għandha tkun tista' turi, b'mod oġġettiv, li r-riskju huwa fil-fatt baxx u għaliex hija tqis li s-sistema ta' kontabbiltà tal-benefiċjarju hija affidabbli, kompluta u preċiża. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità maniġerjali jkollha tevalwa u tivvalida din id-dejta speċifika għal benefiċjarji individwali permezz ta' metodu każ b'każ l-aktar tard meta tistabbilixxi d-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn lill-benefiċjarju.

Il-metodi speċifiċi għal benefiċjarji individwali, li huma deskritti hawn fuq, jeftiegu kunsiderazzjoni bir-reqqa qabel jiġu implimentati mill-awtoritajiet maniġerjali. L-iżvilupp ta' dawn is-sistemi *ad-hoc* jista' jkun ta' piż u, għalhekk, l-awtoritajiet maniġerjali huma rakkomandati sabiex jużaw din is-sistema biss f'każijiet fejn partijiet sinifikanti tal-programm(i) jiġu implimentati minn benefiċjarju wieħed, eż. il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Università jew is-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi.

5.3. L-użu ta' skali standard ta' spejjeż unitarji, somom f'daqqa u rati fissi minn oqsma oħra

5.3.1. Minn politiki oħra tal-Unjoni

5.3.1.1. L-Artikolu 67(5) (b) tas-CPR

L-għan prinċipali ta' dan il-metodu huwa li jarmonizza r-regoli bejn il-politiki tal-Unjoni. Dan għandu l-intenzjoni li jikkjarifika li fejn il-Kummissjoni diġà żviluppat spejjeż issimplifikati għal tip partikolari ta' benefiċjarju u operazzjoni skont politika tal-UE, l-Istat Membru/il-Kummissjoni ma għandhomx bżonn jidduplikaw dan l-isforz skont il-politiki dwar il-Fondi SIE u jistgħu jergħu jużaw dan il-metodu u r-riżultati tiegħu direttament.

Il-metodi kollha applikabbli tal-UE jistgħu jintużaw għal operazzjonijiet u benefiċjarji simili. Il-metodi li kienu applikati bejn l-2007 u l-2013, iżda li twaqqfu wara l-2013, mhux se

jkunu jistgħu jintużaw. Jekk il-metodu jiġi mmodifikat matul il-perjodu ta' programmazzjoni, għal din ir-raġuni għandha tapplika l-istess modifika għall-proġetti ffinanzjati mill-Fondi SIE magħżula wara l-modifika.

Meta terġa' tuża metodu eżistenti tal-UE, l-awtorità maniġerjali għandha tiżgura u tiddokumenta:

- li l-metodu jerġa' jintuża kollu kemm hu (pereżempju, id-definizzjoni ta' spejjeż diretti / indiretti, in-nefqa eliġibbli, il-kamp ta' applikazzjoni) u mhux biss ir-riżultat tiegħu (ir-rata ta' X%);
- li l-metodu jiġi applikat għal tipi simili ta' operazzjonijiet u benefiċjarji;
- ir-referenza għall-metodu użat f'politiki oħra tal-UE.

5.3.1.2. L-Artikolu 68(1) (c) tas-CPR

L-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014⁽²⁴⁾ jipprevedu r-rati fissi applikabbli għall-metodi tal-ispejjeż indiretti applikati f'politiki oħra tal-Unjoni u l-kamp ta' applikazzjoni għall-applikazzjoni tagħhom fis-CPR:

- Għal Orizzont 2020: ir-Regolament Delegat jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom tista' tiġi applikata rata fissa ta' 25% għall-ispejjeż indiretti fir-rigward tal-operazzjonijiet skont il-Fondi SIE li jikkorrespondu għall-possibiltajiet offruti f'Orizzont 2020.⁽²⁵⁾ Għandhom jiġu applikati l-elementi rilevanti kollha tal-metodoloġija għall-applikazzjoni tar-rata fissa stabbiliti f'dan ir-regolament. L-ispejjeż diretti għas-sottokuntrattar u l-ispejjeż tar-riżorsi magħmula disponibbli minn partijiet terzi, li ma jintużawx fil-bini tal-benefiċjarju, kif ukoll is-sostenn finanzjarju lil partijiet terzi, għandhom jiġu esklużi mill-ispejjeż li abbażi tagħhom għandha tiġi applikata r-rata għall-kalkolu tal-ammonti eliġibbli (esklużi mill-ispejjeż tat-tip 1).
- Għal LIFE: ir-Regolament Delegat jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom proġetti simili għal LIFE jistgħu jagħmlu użu mir-rata fissa ta' 7% tal-ispejjeż diretti stabbiliti fl-Artikolu 124(4) tar-Regolament Finanzjarju.

Fiż-żewġ każijiet, għandha ssir referenza għar-Regolament Delegat u għall-Artikolu rilevanti fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn.

⁽²⁴⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014, tat-3 ta' Marzu 2014, li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (ĠU L 138, 13.5.2014, p.5).

⁽²⁵⁾ L-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020).

5.3.2. Mill-iskemi tal-Istati Membri għall-għotjiet⁽²⁶⁾

Il-prinċipju huwa eżattament l-istess bħal dak applikat għall-għażliet użati fil-politiki tal-Unjoni (ara t-taqsima 5.3.1, [paġna 26](#)). Iżda minflok iservi bħala kopja tal-metodi fir-rigward tal-politiki tal-Unjoni, huwa kopja tal-metodi nazzjonali: ir-rati, iżda wkoll l-ispejjeż unitarji jew is-somom f'daqqa użati taħt l-iskemi ta' sostenn nazzjonali (bħal boroż ta' studju, konċessjonijiet ta' kuljum) jistgħu jintużaw mingħajr kalkoli addizzjonali. Il-metodoloġija nazzjonali użata mhijiex se tkun soġġetta għal verifiki, għajr l-applikazzjoni tagħha.

Il-metodi nazzjonali applikabbli kollha jistgħu jintużaw għal operazzjonijiet u benefiċjarji simili appoġġjati mill-Fondi SIE **b'kundizzjoni li dawn il-metodi jintużaw ukoll għal operazzjonijiet appoġġjati esklussivament mill-fondi nazzjonali, barra minn kwalunkwe tip ta' appoġġ mill-UE jew għajnuna esterna**. Fi kliem ieħor, il-metodi użati biss għall-iskop ta' programm iffinanzjat mill-Fond SIE mhumiex meqjusa bħala nazzjonali. Il-metodi użati għall-operazzjonijiet nazzjonali u għal daww appoġġjati mill-programm huma aċċettabbli.

Barra minn hekk, il-metodi nazzjonali li twaqqfu mhux se jkunu jistgħu jintużaw. Jekk il-metodu jiġi mmodifikat / imwaqqaf matul il-perjodu ta' programmazzjoni, għandha għandha tapplika l-istess modifika, iżda għandha tapplika biss għall-proġetti ffinanzjati minn Fondi SIE **magħżula** wara l-modifika / waqfien mill-użu.

Jistgħu jintużaw ukoll metodi ta' kalkolu reġjonali jew lokali oħra, iżda dawn għandhom jiġu applikati għaż-żona ġeografika fejn qegħdin jintużaw.

Meta terġa' tuża metodu nazzjonali eżistenti, l-awtorità maniġerjali għandha tiżgura u tiddokumenta l-istess informazzjoni kif mitlub għall-użu mill-ġdid ta' metodu tal-UE:

- il-metodu jerġa' jintuża kollu kemm hu (pereżempju u fejn applikabbli, in-nefqa eliġibbli, il-kamp ta' applikazzjoni) u mhux biss ir-riżultat tiegħu (is-somma f'daqqa ta' EUR X);
- dan japplika għall-istess żona ġeografika jew għal żona iżgħar (għaldaqstant, jekk metodoloġija tiġi applikata f'reġjun wieħed biss, din tkun tista' terġa' tintuża mir-reġjun ikkonċernat, iżda mhux minn reġjun ieħor ta' dan l-Istat Membru fejn il-metodoloġija nazzjonali mhijiex applikabbli);
- il-metodu jiġi applikat għal tipi simili ta' operazzjonijiet u benefiċjarji;
- ġustifikazzjoni li dan il-metodu qiegħed jintuża għall-operazzjonijiet appoġġjati esklussivament minn fondi nazzjonali.

5.3.3. Kif tivvaluta jekk it-tipi ta' operazzjonijiet u benefiċjarji humiex simili?

L-Artikolu 67(5) (b) u (c) tas-CPR jipprovdi l-possibbiltà li Stat Membru jerġa' juża l-metodi ta' kalkoli eżistenti u l-ispejjeż unitarji korrispondenti, is-somom f'daqqa u r-rati fissi applikabbli għal tipi simili ta' operazzjonijiet u benefiċjarji. Bħala prinċipju ġenerali, għandhom jitqiesu l-elementi kollha tal-metodu li jista' jkollhom impatt fuq l-ispiża unitarja / is-somma f'daqqa / ir-rata fissa. Jekk operazzjoni u l-benefiċjarji tagħha kienu eliġibbli taħt skema oħra, jistgħu jintużaw il-metodi ta' kalkoli eżistenti u l-ispejjeż unitarji / ir-rati fissi / is-somom f'daqqa korrispondenti ta' din l-iskema l-oħra. Lil hinn minn dan, tkun meħtieġa eżaminazzjoni każ b'każ.

⁽²⁶⁾ L-Artikolu 67(5) (c) tas-CPR.

Eżempju (il-FEŻR/FSE)

Fil-qasam tar-riċerka, skema b'rata fissa tappoġġja n-netwerking tal-universitajiet b'kundizzjoni li l-operazzjoni tkun tikkonċerna l-universitajiet ta' mill-inqas tliet Stati Membri li ppubblikaw mill-inqas 10 pubblikazzjonijiet matul l-aħħar tliet snin. Il-kriterju tal-għadd ta' pubblikazzjonijiet ma għandu ebda impatt fuq ir-rata fissa, iżda l-kriterji l-oħra għandhom impatt: ir-riċerka, in-netwerking, l-universitajiet ta' mill-inqas tliet Stati Membri. Għall-operazzjonijiet li jissodisfaw dawn il-kriterji, jista' jintuża l-istess metodu.

5.4. L-użu tar-rati stabbiliti mis-CPR jew minn regoli speċifiċi għall-Fondi⁽²⁷⁾

Is-CPR u r-regolamenti speċifiċi għall-Fondi jispeċifikaw għadd ta' rati li huma maħsuba biex jipprovdu lill-Istati Membri bi ftit sistemi 'kummerċjalment disponibbli'. L-intenzjoni hija li tinkiseb ċertezza legali massima u li jitnaqqas l-ammont ta' xogħol inizzjali jew il-ħtieġa għad-dejta disponibbli sabiex tiġi stabbilita s-sistema, minħabba li ma hemm ebda bżonn li jsir kalkolu sabiex jiġu determinati r-rati applikabbli. Madankollu, dawn il-metodi għandhom nuqqas ta' flessibilità u mhumiex addattati għat-tipi kollha ta' operazzjonijiet.

Dik stabbilita skont l-Artikolu 68(1) (b) tas-CPR tapplika għall-ħames Fondi SIE: għall-operazzjonijiet li jagħtu lok għal spejjeż indiretti, l-ispejjeż indiretti jistgħu jiġu kkalkolati bħala 15% tal-ispejjeż diretti eliġibbli tal-persunal. Din ir-rata hija rata massima. L-Istati Membri jistgħu jużaw din ir-rata jew rati aktar baxxi mingħajr ma jkollhom bżonn iwettqu kalkolu speċifika. Madankollu, jekk l-awtorità maniġerjali tiddeċiedi li ma tapplikax l-istess rata għall-benefiċjarji kollha, hija għandha tkun tista' turi li l-prinċipju tat-trattament ugwali ġie rrispettat. L-istess japplika għall-Artikolu 14(2) tal-FSE u l-Artikolu 19 tal-KTE (ara wkoll it-taqsimha 2.2.3, [paġna 17](#)).

5.5. Adattament tar-rata fissa għall-ispejjeż indiretti, is-somom f'daqqa u l-iskali standard tal-ispejjeż unitarji

L-Artikolu 67 tas-CPR ma jispeċifika ebda dispożizzjoni dwar l-adattament tal-ispejjeż issimplifikati. Għalhekk, l-adattament mhumiex obbligatorju. Madankollu, l-awtorità maniġerjali tista' tikkunsidra bħala meħtieġ li tadatta l-ispejjeż issimplifikati meta tiġi biex tniedi sejħa ġdida għall-proposti jew tista' tagħmel dan perġodikament sabiex tqis indiċjar jew xi bidliet ekonomiċi, pereżempju, fl-ispejjeż tal-enerġija, fil-livelli tas-salarji, eċċ. Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li fil-metodoloġija jiddaħħlu xi adattamenti awtomatiċi (ibbażati, pereżempju, fuq l-inflazzjoni jew l-evoluzzjoni tas-salarji).

Ir-rati adattati għandhom japplikaw biss għall-proġetti li għandhom jiġu implimentati fil-ġejjieni, mhux b'mod retrospettiv.

Għal kwalunkwe revizzjoni li ssir, għandu jkun hemm dokumentazzjoni ta' sostenn adegwata li tiġġustifika r-rati adattati jew l-ammonti disponibbli fl-awtorità maniġerjali.

⁽²⁷⁾ L-Artikolu 67(5) (d) tas-CPR.

5.6. Metodi speċifiċi biex jiġu determinati l-ammonti stabbiliti b'konformità mar-regoli speċifiċi għall-Fondi

L-Artikolu 67(5) tas-CPR jiddefinixxi erba' modi ta' kif għandhom jiġu stabbiliti l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati u jistipula wkoll li r-regolamenti speċifiċi għall-Fondi jistgħu jstabbilixxu metodi addizzjonali.

Speċifiku għall-FSE

L-Artikolu 14(3) tal-FSE jżid possibbiltà speċifika għall-FSE, li tinvolvi kalkolu b'referenza għal abbozz ta' baġit fil-każ tal-għotjiet u l-assistenza ripagabbli għal appoġġ pubbliku b'valur ta' inqas minn EUR 100 000. Dan l-ammont għandu jittqies bħala l-appoġġ pubbliku massimu li għandu jitħallas lill-benefiċjarju, kif speċifikat fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn lill-benefiċjarju (ara t-taqsima 7.2.2, [paġna 42](#)). Dan la jinkludi l-kontribuzzjoni pubblika pprovduta mill-benefiċjarju, jekk ikun hemm, u lanqas il-konċessjonijiet jew is-salarji żborżati minn parti terza għall-benefiċċju tal-parteċipanti f'operazzjoni.

Din il-possibbiltà flessibbli ħafna hija maħsuba biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-użu obligatorju tal-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati għal operazzjonijiet żgħar iffinanzjati mill-FSE. Fil-fatt, dan il-metodu jippermetti li jiġu kkalkolati xi spejjeż issimplifikati, anki jekk ma tkun inħolqot ebda sistema ġenerali jew jekk l-operazzjoni tkun speċifika ħafna. L-abbozz ta' baġit jintuża għall-kalkolu tal-ispejjeż issimplifikati speċifiċi relatati ma' tali operazzjoni jew proġett. Dan il-baġit jiġi arkivjat mill-awtorità maniġerjali bħala dokument ta' sostenn li jiġġustifika l-ispejjeż issimplifikati użati. Il-ġestjoni finanzjarja u l-verifika tal-operazzjoni / proġett mill-maniġment se jkun bbażati biss fuq l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati, mhux fuq il-baġit innifsu.

Il-baġit għandu jiġi vvalutat fuq l-istess bażi bħal meta jintużaw l-ispejjeż reali. F'dan ir-rigward, huwa rrakkomandat ħafna li l-awtoritajiet maniġerjali jstabbilixxu parametri jew livelli massimi tal-ispejjeż li jintużaw sabiex jittqabblu ma', mill-inqas, l-aktar spejjeż importanti bbaġitjati fl-isfond ta' dawn il-parametri. In-nuqqas ta' tali parametri jew livelli massimi tal-ispejjeż jagħmilha diffiċli għal kwalunkwe awtorità maniġerjali sabiex tiżgura l-ugwaljanza fit-trattament u l-osservanza ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Anki jekk hija Prattika rrakkomandata, mhux se jkun meħtieġ għall-awtorità maniġerjali, meta tivvaluta l-baġit, li tqabbel l-abbozz tal-baġit iddettaljat propost mill-benefiċjarju potenzjali mal-operazzjonijiet komparabbli.

L-abbozz ta' baġit u d-dokumenti ta' sostenn li juru li l-awtorità maniġerjali vvalutat il-baġit għandhom jiġu arkivjati mill-awtorità maniġerjali flimkien mad-dokumenti relatati mal-proġett appoġġjat. L-abbozz ta' baġit mhuwiex parti mid-dokument imħejji bejn l-awtorità maniġerjali u l-benefiċjarju li jstabbilixxi r-regoli applikabbli.

Meta jingħata appoġġ lill-istess benefiċjarju għal diversi drabi, huwa rrakkomandat li l-abbozz ta' baġit iddettaljat jittqabbel mal-operazzjonijiet appoġġjati preċedentement.

Eżempju ta' użu ta' abbozz ta' baġit (speċifiku għall-FSE)

Benefiċjarju għandu l-ħsieb li jorganizza seminar għal 50 parteċipant sabiex jippreżenta għodod ta' implimentazzjoni ġodda. Il-membri tal-persunal jieħdu l-ħin jippjanaw u jorganizzaw l-avveniment, jinkera post addattat, jinġiebu xi kelliema minn barra l-pajjiż u jkunu jridu jiġu ppubblikati l-minuti tal-avveniment. Hemm ukoll spejjeż indiretti relatati mal-persunal (spejjeż tal-kontabbiltà, id-direttur, eċċ.) u kontijiet tal-elettriku u tat-telefon, appoġġ tal-IT, eċċ.

L-abbozz ta' baġit huwa kif ġej:⁽²⁸⁾

<i>Spejjeż Diretti totali</i>	45 000
Spejjeż Diretti tal-Persunal	30 000
Spejjeż tal-Kamra	4 000
Spejjeż tal-lvvaġġar	5 000
Ikliet	1 000
Informazzjoni / Pubbliċità	5 000

<i>Spejjeż Indiretti totali</i>	7 000
Spejjeż Indiretti tal-Persunal	4 000
Kontijiet tal-elettriku u tat-telefon.	3 000

Dan l-abbozz ta' baġit huwa diskuss u ntlafhaq ftehim dwaru mill-awtorità maniġerjali u l-benefiċjarju. Il-kalkolu tal-għażla tal-ispejjeż issimplifikati se jkun ibbażat fuq din id-dejta.

L-awtorità maniġerjali tista' tiddeċiedi li tikkalkula l-għotja abbażi ta' spiża unitarja, abbażi tal-għadd ta' parteċipanti fis-seminar: spiża unitarja = EUR 52 000/50 = EUR 1 040 / parteċipant.

Id-dokument imħejji bejn l-awtorità maniġerjali u l-benefiċjarju, li jistabbilixxi r-regoli applikabbli, għandu jispeċifika d-definizzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji (x'inhu parteċipant), l-għadd massimu (u/jew minimu) ta' parteċipanti, kif għandu jiġi ġustifikat u l-ispiża unitarja tiegħu (EUR 1 040).

Għandha ssir referenza wkoll għall-Artikolu 14(3) tal-FSE fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn.

⁽²⁸⁾ **Twissija:** Dan l-abbozz ta' baġit għandu skop illustrattiv biss. Huwa ma għandux jitqies bħala abbozz ta' baġit dettaljat biżżejjed.

6. IL-KONSEGWENZI GĦAS-SISTEMA TA' ĠESTJONI U KONTROLL

6.1. Il-ħtieġa ta' metodu ta' verifika u kontroll komuni

Mill-perspettiva tal-verifika u l-kontroll, id-dispożizzjonijiet dwar l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati jfissru tluq mill-prinċipju tal-ispejjeż reali. Il-finanzjament b'rata fissa jew l-iskali standard tal-ispejjeż unitarji u s-somom f'daqqa jnvolvju approssimazzjonijiet *ex-ante* tal-ispejjeż ibbażati, pereżempju, fuq medji u sħarriġ ta' dejta storika jew il-prezzijiet tas-suq. Huwa inerenti f'dawn ir-rati fissi li, minnhom infushom, jikkompensaw iżżejjed jew 'ma jikkompensawx biżżejjed' l-ispejjeż imġarrba għall-operazzjoni sostenuta. Dawk responsabbli mill-verifiki tal-ġestjoni u l-awdituri se jkollhom jiffokaw aktar fuq ir-rendiment milli fuq il-kontributi u l-ispejjeż tal-proġetti.

Din il-gwida għandha l-għan li tagħmel il-metodu ta' verifika u kontroll tal-Kummissjoni kemm jista' jkun trasparenti għal dawn l-ispejjeż ġodda u ssimplifikati, sabiex tagħti lill-Istati Membri, jiġifieri l-awtoritajiet maniġerjali, l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni, l-awtoritajiet ta' verifika, il-korpi intermedji u l-benefiċjarji, il-kunfidenza li jeħtieġu sabiex ikunu jistgħu jipproċedu bl-applikazzjoni ta' dawn il-kunċetti mingħajr ebda eżitazzjoni u inċertezza.

Huwa ugwalment importanti li l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni jżommu metodu komuni għall-verifika u l-kontroll tal-finanzjament b'rata fissa, tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji u tas-somom f'daqqa, sabiex jiżguraw trattament uniformi meta jiġu għal konklużjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata. Għal din ir-raġuni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri huma mħeġġa sabiex jużaw l-istess metodu meta jiverifikaw u jawditjaw dawn l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati.

6.2. Metodu ġenerali għall-kontroll u l-verifika tal-SCOs

Meta jintużaw spejjeż issimplifikati, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-legalità u r-regolarità tal-infiq, dawk responsabbli mill-verifiki u l-kontrolli tal-ġestjoni ma jiverifikawx l-ispejjeż reali li huma l-bażi tal-kategoriji tal-infiq ikkalkolati b'rata fissa, skali standard ta' spejjeż unitarji jew somom f'daqqa. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali se jiverifikaw il-kalkoli tal-ispejjeż tal-operazzjonijiet u jwettqu verifiki tal-legalità u tar-regolarità. Madankollu, dawn il-verifiki se jitwettqu b'mod differenti, abbażi tal-metodu ta' kalkolu użat sabiex jiġu stabbiliti l-ispejjeż issimplifikati

u mhux abbażi tad-dokumenti finanzjarji ta' sostenn għal kull proġett.

Sakemm l-Istat Membru jkun implimenta metodoloġija stabbilita b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 67 u 68 tas-CPR, filwaqt li jqis ir-rakkomandazzjonijiet u l-aqwa prassi stabbiliti f'din il-gwida u ma jkun hemm ebda indikazzjoni ta' frodi jew abbuż,⁽²⁹⁾ il-Kummissjoni ma tikkontestax is-sistema applikata.

Il-metodoloġija tal-verifika u l-kontroll li tiġi applikata f'dawk il-każijiet fejn jintużaw finanzjament b'rata fissa, skali standard ta' spejjeż unitarji u somom f'daqqa se tikkonsisti fil-verifiki li ġejjin:

1. Verifika tal-metodu ta' kalkolu għall-istabbiliment tal-finanzjament b'rata fissa (ara l-Kapitolu 2: [paġna 15](#)), tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji (ara l-Kapitolu 3: [paġna 18](#)) jew tas-somom f'daqqa (ara l-Kapitolu 4: [paġna 21](#)), li għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' wieħed jew bosta mill-metodi speċifikati fl-Artikolu 67(5) tas-CPR (ara l-Kapitolu 5: [paġna 23](#)). Din il-verifika tista' ssejtni fil-livell tal-awtorità maniġerjali u/jew fil-livell tal-benefiċjarji (għal sistemi bbażati fuq id-dejta tal-benefiċjarji stess b'konformità mal-Artikolu 67(5)(a) (ii) u (iii)). Il-verifiki jistgħu jvarjaw skont il-metodu magħżul u jitnaqqsu b'konformità mad-definizzjoni tal-kategoriji ta' spejjeż f'każ tal-applikazzjoni tal-Artikoli 68(1) (b) tas-CPR, 14(2) tal-FSE u 19 tal-KTE. Il-kontroll u l-verifika *ex-ante* tal-metodi ta' kalkoli abbażi tad-dejta tal-benefiċjarju (id-dejta storika, il-prattika tal-kontabbiltà tas-soltu) jippreżentaw ċerta speċifità (ara t-taqsim 5.2.2.2.c), [paġna 25](#));
2. Verifika tal-applikazzjoni korretta tal-metodu stabbilit permezz ta' eżaminazzjoni tar-rendiment/eżitu tal-proġett fil-każ tal-ispejjeż unitarji u s-somom f'daqqa;
3. Fil-każ tal-finanzjament b'rata fissa, verifika abbażi tal-prinċipju tal-'ispejjeż reali' fir-rigward tal-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli li għalihom tiġi applikata r-rata (jew fir-rigward tal-kalkolu tagħhom fejn jintużaw għażliet oħra ta' spejjeż issimplifikati għall-kalkolu tagħhom) u, fejn rilevanti, fir-rigward ta' kategoriji oħra ta' spejjeż eliġibbli mhux ikkunsidrati fis-sistema tal-finanzjament b'rata fissa.

L-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati ma jirrinunzjawx għall-obbligu li jiġu osservati b'mod sħiħ ir-regoli nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, bħall-pubbliċità, l-akkwist pubbliku,

⁽²⁹⁾ Jiġifieri inċidenti jew prassi inkonsistenti ma' prassi tajba u aċċettati, bħal dawk deskritti f'din il-gwida.

L-opportunitajiet indaqs, l-ambjent sostenibbli, l-għajnuna mill-Istat, eċċ. (ara t-taqsimi 1.6.2, [paġna 12](#)). Fil-każ tal-finanzjament b'rata fissa, il-kategoriji ta' spejjeż ġustifikati abbażi tal-ispejjeż reali għall-kalkolu ta' kategoriji oħra tal-ispejjeż mhumiex meqjusa bħala li jużaw għażliet ta' spejjeż issimplifikati.

Il-verifiki tematiċi orizzontali dwar il-konformità mar-regoli applikabbli jistgħu janalizzaw ukoll il-proċeduri segwiti għall-akkwist pubbliku f'każ li valutazzjoni tar-riskju tistabbilixxi riskju speċifiku ta' irregolarità,⁽³⁰⁾ iżda dan għandu jsir biss sabiex jiġi vverifikat jekk ġewx irrisspettati l-proċeduri tal-akkwist pubbliku, u mhux biex jiġu vverifikati l-ammonti mħallsa. Jekk jiġi osservat ksur tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku, jista' jkun diffiċli jew saħansitra impossibbli li jiġi kkwantifikat l-impatt eżatt fil-livell operazzjonali; madankollu, tista' tiġi applikata korrezzjoni b'rata fissa u tista' tniedi proċedura ta' ksur mill-Kummissjoni. L-awtoritajiet maniġerjali huma mistennija li jieħdu azzjoni wkoll jekk isiru jafu bi ksur bħal dan.

Waqt li tivverifika l-metodu ta' kalkolu, il-Kummissjoni se tiffoka fuq il-verifika tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet differenti u ma tikkontestax ir-raġunijiet għall-għażla ta' metodu speċifiku fuq ieħor. L-awtorità maniġerjali għandha żżomm rekords adegwati tal-metodu tal-kalkolu u għandha tkun kapaċi turi l-bażi li fuqha jkunu ġew deċiżi r-rati fissi, l-iskali standard tal-ispejjeż unitarji jew is-somom f'daqqa. Ir-rekords miżmuma għad-dokumentazzjoni tal-metodu tal-kalkolu jkunu soġġetti għall-ħtieġa tal-Artikolu 140 tas-CPR⁽³¹⁾ u tal-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru. 1306/2013.⁽³²⁾

Fil-każ ta' kombinazzjoni ta' għażliet issimplifikati, minbarra l-verifiki meħtieġa għat-tipi individwali ta' 'spejjeż issimplifikati' deskritti hawn fuq, daww responsabbli mill-verifiki u l-kontrolli tal-ġestjoni għandhom jivverifikaw li l-metodoloġiji użati jiżguraw li partijiet min-nefqa tal-operazzjoni ma ntabxw jitħallsu bl-użu ta' aktar minn tip wieħed ta' għażla, li b'hekk iwassal għal dikjarazzjoni doppja tal-ispejjeż.

6.3. Il-konsegwenzi f'termini tal-ġestjoni finanzjarja...

6.3.1. Dispożizzjonijiet ġenerali

Meta tintuża rata fissa, spiża unitarja jew somma f'daqqa, ma hemm ebda ħtieġa li jiġu ġustifikati l-ispejjeż reali tal-kategoriji tal-infiq koperti mill-ispejjeż issimplifikati inklużi, fejn applikabbli, id-deprezzament u l-kontribuzzjonijiet *in natura*. Tabilħaqq, il-kontribuzzjonijiet *in natura* kif definiti mill-Artikolu 69 tas-CPR jistgħu jitqiesu għall-kalkolu tal-valur ta' rata fissa, skala standard ta' spiża unitarja jew somma f'daqqa. Madankollu, meta tiġi applikata l-għażla ta' spiża ssimplifikata, ma jkun hemm ebda ħtieġa li tiġi vverifikata l-eżistenza tal-kontribuzzjonijiet *in natura* sottostanti u, b'konsegwenza ta' dan, li jiġu ssodisfati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 69 tas-CPR.

Meta jintużaw spejjeż unitarji jew somom f'daqqa:

- Il-bażi tal-kalkolu tal-ispejjeż unitarji jew tas-somom f'daqqa li jintużaw f'operazzjoni għandha tkun ċara u tirreferi għal mod wieħed jew bosta metodi speċifikati fl-Artikolu 67(5) tas-CPR;
- Meta wieħed iqis li l-ħlasijiet jiġu kkalkolati abbażi tal-kwantitajiet/it-tweġiq ta' operazzjoni, huwa essenzjali li tinkiseb assigurazzjoni li l-attivitajiet jew ir-rendiment affermat kien fil-fatt twettaq. B'mod partikolari, il-kwantitajiet iddikjarati/il-prova tat-tlestija tal-operazzjoni għandhom jiġu ċċertifikati mill-benefiċjarju, ġustifikati u arkivjati fid-dawl tal-verifiki u l-kontrolli futuri. Il-verifiki minn korpi intermedjarji, awtoritajiet maniġerjali jew awdituri jirrikjedu dokumenti ta' sostenn sabiex jiġġustifikaw il-kwantitajiet iddikjarati mill-benefiċjarju. Dan ifisser li l-enfasi tal-verifiki skont l-Artikolu 125(4) (a) tas-CPR⁽³³⁾ u l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru. 1306/2013⁽³⁴⁾ se titneħħa, b'mod partikolari għall-operazzjonijiet 'intanġibbli', minn fuq il-predominanza tal-verifiki finanzjarji (li jiġġustifikaw l-ispejjeż reali, iżda

⁽³⁰⁾ Il-fatturi li jiskattaw verifika tal-akkwist pubbliku jistgħu jkunu artikli fil-gazzetti, informaturi, Arachne ...

⁽³¹⁾ Applikabbli għall-FSE, għall-FEŻR, għas-CF u għall-FEMS.

⁽³²⁾ Applikabbli għall-FAEŻR.

⁽³³⁾ Applikabbli għall-FSE, għall-FEŻR, għas-CF u għall-FEMS.

⁽³⁴⁾ Applikabbli għall-FAEŻR.

li jagħtu wkoll elementi konkordanti li juru li l-operazzjoni seħħet) u titpoġġa fuq aspetti tekniċi u fiżiċi tal-operazzjonijiet, **billi tingħata attenzjoni partikolari lill-kontrolli fuq il-post matul l-implimentazzjoni.**

F'kundizzjonijiet bħal dawn, l-ispejjeż **ikkalkolati u rimborsati abbażi ta' spiża unitarja/somma f'daqqa huma meqjusa bħala nefqa pprovata bl-istess mod bħall-ispejjeż reali sostnuti b'fatturi.**

Speċifiċi għall-FSE

Fir-rigward tal-possibbiltà tal-użu ta' għażliet ta' spejjeż issimplifikati għall-konċessjonijiet u s-salarji żborżati minn parti terza (l-Artikolu 13(5) tal-FSE), dawn is-salarji jew il-konċessjonijiet ġeneralment huma bbażati fuq l-ispejjeż unitarji stabbiliti minn regoli nazzjonali u, għalhekk, jinvolvu għażliet ta' spejjeż issimplifikati. Għalhekk, l-ammonti li jiġihallu mill-parti terza se jkunu l-ispejjeż ikkalkolati abbażi tal-għażliet issimplifikati b'konformità mal-Artikolu 67(5) (c) tas-CPR. B'hekk, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(5) tal-FSE ma jwaqqfux lill-parti terza milli tuża l-għażliet ta' spejjeż issimplifikati u li mbagħad jiġu rimborsati abbażi ta' dan.

Madankollu, jekk il-konċessjonijiet u s-salarji żborżati minn parti terza ma jkunux ibbażati fuq għażliet ta' spejjeż issimplifikati, huwa possibbli li tiġi stabbilita spiża ssimplifikata bbażata fuq metodoloġija ġusta, ekwitabbli u verifikabbli (l-Artikolu 67(5) (a) tas-CPR). Dan ifisser li, fuq bażi individwali, jista' jkun li l-SCO taqbeż l-ammont imħallas mill-parti terza. Madankollu, bħala medja, l-ammont imħallas abbażi tal-ispejjeż issimplifikati ma jaqbiż l-ammont imħallas mill-parti terza, li huwa konformi mal-Artikolu 13(5) tal-FSE.

6.3.2. ...għal sistema ta' finanzjament b'rata fissa

Madankollu, is-simplifikazzjoni tal-ġustifikazzjoni tal-kategoriji ta' spejjeż ikkalkolati tinvolvi **verifika bir-reqqa tal-kategoriji l-oħra tal-ispejjeż, b'konformità madokument** li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn. Din il-verifika hija mmirata biex tiġiġustifika l-ammont tal-kategoriji ta' spejjeż ikkalkolati u tikkostitwixxi parti mill-kontrolli tal-ġestjoni (l-Artikolu 125(4) (a) tas-CPR⁽³⁵⁾ u l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru. 1306/2013).

Kwalunkwe tnaqqis tal-ammont aċċettat wara dawn il-verifiki għall-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli li fuqhom tiġi applikata r-rata fissa (jiġifieri fir-rigward tal-baġit strmat jew wara korrezzjoni finanzjarja) jaffettwa proporzjonalment l-ammont aċċettat għall-kategoriji kkalkolati b'rata fissa.

6.3.3. ...għaċ-ċertifikazzjoni tal-infiq

L-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati jimmodifikaw il-kunċett tan-nefqa 'mħallsa' mill-benefiċjarji li għandu jiġi ċċertifikat fid-dikjarazzjoni tal-infiq. L-Istati Membri xorta għandhom il-possibbiltà li jagħmlu f'ħasijiet bil-quddiem lill-benefiċjarji, minbarra l-f'ħasijiet interim jew il-f'ħasijiet finali, iżda d-definizzjoni ta' x'jitqies bħala f'has bil-quddiem se tkun differenti.

Pereżempju, fil-każ ta' rata fissa għall-ispejjeż indiretti, l-ispejjeż indiretti huma meqjusa bħala 'mħallsin' fi proporzjon xieraq għall-ispejjeż diretti: jekk 45 % tal-ispejjeż diretti jiġihallu

mill-benefiċjarju, 45 % tal-ispejjeż indiretti (fi kwalunkwe każ, li ma jaqbiż il-25 % tal-ispejjeż diretti) jistgħu jitqiesu bħala mħallsa. B'mod reċiproku, fejn il-biċċa l-kbira tal-'ispejjeż indiretti' jkunu ġew ikkonċentri fil-bidu, mingħajr ma jkunu nġarrbu spejjeż diretti sottostanti, dawn ma għandhomx jiġu ċċertifikati lill-Kummissjoni fil-ħin tad-dikjarazzjoni tal-infiq relatat minħabba li dawn jitqiesu bħala f'has bil-quddiem lill-benefiċjarju.

Fil-każijiet tal-iskali standard ta' spejjeż unitarji u somom f'daqqa, ma hemm ebda 'nefqa mħallsa' fis-sens tas-soltu. 'Nefqa mħallsa' tiġi kkalkolata abbażi tal-kwantitajiet iddikjarati u ċċertifikati u mhux fuq il-f'ħasijiet magħmula lill-benefiċjarji. Anki jekk dawn jidhru f'xulxin, in-nefqa li għandha tiġi ċċertifikata lill-Kummissjoni hija kkalkolata abbażi tal-kwantitajiet iċċertifikati, mhux fuq il-f'ħasijiet magħmula lill-benefiċjarju.

Pereżempju, il-f'ħasijiet lill-benefiċjarji jistgħu jsiru ta' kull xahar (1/10 tal-għotja ta' kull xahar għal disa' xhur + il-f'has finali) mingħajr ebda ġustifikazzjoni tal-kwantitajiet, f'has għall-f'has finali. Tali sistema għandha titqies bħala aċċettabbli, iżda l-f'ħasijiet fix-xahar huma meqjusa bħala f'ħasijiet bil-quddiem u ma għandhomx jiġu ċċertifikati lill-Kummissjoni (f'has fil-każ tal-għajnuniet mill-Istat skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 131(4) tas-CPR⁽³⁶⁾ u tal-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013⁽³⁷⁾). L-awtoritajiet nazzjonali jkollhom jistennew il-f'has finali, fejn il-kwantitajiet jiġu ċċertifikati u vverifikati, sabiex ikunu jistgħu jiddikjaraw in-nefqa mill-operazzjoni.

⁽³⁵⁾ Applikabbli għall-FSE, għall-FEŻR, għas-CF u għall-FEMS.

⁽³⁶⁾ Applikabbli għall-FSE, għall-FEŻR, għas-CF u għall-FEMS.

⁽³⁷⁾ Applikabbli għall-FAEŻR.

6.4. Punti ewlenin għall-awtorità maniġerjali

6.4.1. ...għal sistema ta' finanzjament b'rata fissa

L-awtoritajiet maniġerjali li jużaw rati fissi għandhom jagħtu attenzjoni speċifika lill-punti li ġejjin:

6.4.1.1. Id-definizzjonijiet rispettivi tal-kategoriji tal-infiq

Dawn id-definizzjonijiet għandhom ikunu ċari għall-partijiet interessati kollha tas-sistema u ma għandu jkun hemm ebda sovrappożizzjoni bejniethom. Lanqas ma għandu jkun hemm sovrappożizzjoni bejn l-ispejjeż issimplifikati u l-ispejjeż reali. Il-Kummissjoni tat definizzjoni wiesgħa ta' spejjeż diretti / indiretti u ta' spejjeż tal-persunal, iżda dawn id-definizzjonijiet għandhom jiġu trasposti mill-awtorità maniġerjali fil-kuntest tal-programm speċifiku jew fil-kuntest nazzjonali.

6.4.1.2. L-użu tal-esperjenza attwali

Ħafna programmi diġà jużaw rati fissi sabiex jikkalkolaw l-ispejjeż indiretti. Għall-FSE u għall-FEŻR, uħud minn dawn is-sistemi ġew ivvalutati u approvati mis-servizzi tal-Kummissjoni matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Meta l-programmi l-ġodda jużaw l-istess sistema u jkomplu jappoġġjaw l-istess tipi ta' operazzjonijiet, fl-istess żona ġeografika, is-servizzi tal-Kummissjoni jikkunsidraw l-approvazzjoni *ex-ante* mogħtija għall-perjodu 2007-2013, permezz ta' ittra ffirmata mid-Direttorat Ġenerali, b'ħala valida għall-perjodu 2014-2020.

F'xi każijiet, ir-riżultati tal-ħidma preparatorja sabiex tiġi ddeterminata r-rata fissa għall-ispejjeż indiretti kienu ogħla mil-limitu massimu ta' 20% għall-perjodu 2007-2013,

pereżempju ta' 30%. Ta' min jinnota li s-servizzi tal-Kummissjoni qablu, fost l-oħra, fuq rata fissa massima limitata għal 20%: għalhekk, anki jekk is-servizzi tal-Kummissjoni kienu tal-fehma li l-kalkolu tal-Istat Membru kellu jirriżulta f'rata ta' 22% minflok ta' 30%, setgħet tiġi maqbula biss rata ta' 20%. Għalhekk, jekk Stat Membru jiddeċiedi li juża l-kalkolu tar-rata fissa għall-perjodu 2007-2013 sabiex iżid rata fissa maqbula għall-ispejjeż indiretti min'ħabba li sab riżultat ta' 30%, l-approvazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-rata nnifisha mhijiex applikabbli. Bl-istess mod, jekk Stat Membru jiddeċiedi li jadatta r-rata fissa tiegħu għall-ispejjeż indiretti sabiex iqis żieda f'xi kategoriji ta' spejjeż, l-adattament tal-metodoloġija tkun ir-responsabbiltà tal-Istat Membru.

6.4.2. ...għal spiża unitarja

Meta awtorità maniġerjali tiddeċiedi li tuża skali standard ta' spejjeż unitarji, għandha tingħata attenzjoni speċifika lil dawn il-punti li ġejjin:

6.4.2.1. Il-korrelazzjoni bejn il-kwantitajiet irrealizzati u l-ħlasijiet

Meta l-kwantitajiet iddikjarati jonqsu (meta mqabbla mal-kwantitajiet massimi inizjalment stabbiliti), l-ispejjeż eliġibbli jonqsu wkoll, 'indipendentament' mill-ispiża reali sottostanti tal-operazzjoni.

Madankollu, is-sistema ta' ġestjoni għandha tkun tista' tiddistingwi wkoll il-każijiet meta l-oġettivi kwantitattivi (kemm jekk ikunu bbażati fuq l-attivitajiet jew ibbażati fuq l-eżiti) ma jintlaħqux min'ħabba fatturi esterni barra mill-kontroll tal-benefiċjarju, aktar milli min'ħabba l-benefiċjarju. Ovvjament, tali 'eċċezzjonijiet' għandhom jiġu **definiti *ex-ante* b'mod ċar** fid-dokument li jstabilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn jew f'att b'effett legali ekwivalenti u jiġu stabbiliti għall-operazzjonijiet kollha simili.

Eżempju (il-FSE)

Jekk il-ħlas isir abbażi ta' 'sigħat x apprendisti', l-ispejjeż ma għandhomx jitnaqqsu minħabba l-assenza ġustifikata tal-parteċipanti, pereżempju minħabba mard. Barra minn hekk, id-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn għandu jikkjarifika n-numru massimu ta' assenzi awtorizzati, in-numru minimu tas-sigħat ta' taħriġ li jitqies bħala ġustifikat għal apprendist sabiex jibqa' eliġibbli, it-tip ta' skema ta' taħriġ (il-parteċipazzjoni obbligatorja mill-bidu tat-taħriġ, is-sostituzzjoni tal-apprendisti li jieqfu mit-taħriġ, eċċ.).

6.4.2.2. Il-ġustifikazzjoni tal-kwantitajiet iddikjarati

Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-ġustifikazzjoni ta' xi tip ta' skali standard tal-ispejjeż unitarji tista' tkun aktar

diffiċli minn ta' oħra. Għalhekk, l-għażla tal-ispiża unitarja li għandha tintuża jkollha impatt importanti f'termini tas-simplifikazzjoni, l-ammont ta' xogħol amministrattiv u r-riskju ta' żbalji għall-awtorità maniġerjali u għall-benefiċjarji.

Eżempju (il-FSE)

Jekk l-ispejjeż unitarji huma intiżi sabiex jikkalkolaw l-ispejjeż għall-għadd ta' persuni li jsibu impjeg u jżommuh għal perjodu ta' żmien maqbul, l-unika evidenza ta' sostenn meħtieġa tkun tikkonsisti fil-ġustifikazzjoni tal-eliġibbiltà tal-persuna skont il-kriterji tal-eliġibbiltà definiti minn qabel, il-prova tal-impjeg inizjali tal-persuna kollokata u l-impjeg ta' din il-persuna matul perjodu ta' mill-inqas 6 xhur. Dawn it-tipi ta' skali huma ċertament 'orjentati lejn ir-riżultati' u aktar faċli sabiex jiġu ġustifikati, iżda jkopru biss aspekk wieħed tal-operazzjoni.

6.4.2.3. L-għażla tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji

Bħala prinċipju ġenerali, l-għażla tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji għandha tirrifletti l-attività/attivitàjiet tat-tip ta' operazzjoni ffinanzjata. Mhuwiex xieraq li l-ispejjeż tal-operazzjonijiet kollha jiġu kkalkolati skont riżultat partikolari jekk l-attività ffinanzjata ma tkunx marbuta direttament ma' dan ir-riżultat, filwaqt li dan ir-riżultat jista' jiġi affettwat minn ħafna avvenimenti esterni oħra.

Sistema purament 'ibbażata fuq ir-riżultati' tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji tista' tkun partikolarment riskjuża. Jekk parti mir-riżultat ma tiddependix fuq ir-rendiment u l-kwalità tal-operazzjoni, hemm riskju ta' operazzjonijiet u benefiċjarji mhux imħallsin biżżejjed. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-każ ta' operazzjonijiet iddedikati għal gruppi vulnerabbli: ir-riżultati mistennija jkunu ġeneralment baxxi.

Min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet maniġerjali għandhom joqogħdu attenti għall-'kwalità' tal-indikaturi tagħhom. Pereżempju, jekk l-ispejjeż tat-taħriġ ikunu esklussivament koperti mill-iskali standard tal-ispejjeż unitarji definiti bħala l-għadd ta' parteċipanti li jidhru għall-kors, ma jkun hemm ebda inċentiv ta' kwalità. Tali Prattika ma tkunx konformi mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Tabilħaqq, il-benefiċjarju jista' jirċievi rimborż sħiħ fl-ewwel ġurnata, filwaqt li l-apprendisti kollha jistgħu jieqfu mit-taħriġ fit-tieni ġurnata minħabba allokkazzjoni ta' mezzi insuffiċjenti. Għalhekk, l-indikatur għandu jinbidel jew jiġi definit b'tali mod li l-parteċipanti li jidhru għall-kors jidhallsu għal perjodu (twil biżżejjed) definit minn qabel.

Kwalunkwe sistema ta' għoti bbażata fuq dawn ir-riżultati twassal lill-benefiċjarju sabiex ikollu jagħżel bejn l-għażliet li ġejjin:

- Jirrifuta li jimplementa l-operazzjoni b'sistema ta' għoti bħal din;
- Jimplementa l-operazzjoni minkejja li jkun jaf minn qabel li jkun se jitlef il-flus, sakemm ma jsibx sorsi ta' finanzjament addizzjonali (riskju ta' finanzjament doppju);

Jew

- Jagħżel l-aħjar parteċipanti (proċess imsejjaħ 'creaming', fejn jintgħażlu dawk l-aktar kapaċi jksbu r-riżultati imposti) jew inkella jbaxxi l-istandards bil-għan li jintlaħqu r-riżultati mistennija.

Finalment, l-għażla tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji tista' tippermetti lill-benefiċjarju jkopri l-ispejjeż fissi tiegħu, imqabbla mal-ispejjeż varjabbli marbuta mal-parteċipazzjoni effettiva tal-apprendisti jew tal-persuni (ara t-taqsima 7.1, [paġna 40](#) għal kombinazzjoni ta' għażliet).

Bħala konklużjoni, l-għażla tal-iskali standard xierqa tal-ispejjeż unitarji mill-awtoritajiet maniġerjali se tkun importanti ħafna u għandha tqis il-vantaġġi u l-iżvantaġġi potenzjali kollha. **Skala standard ideali ta' spiża unitarja tista' tinkludi l-kwalitajiet li ġejjin: rabta ċara u diretta mal-operazzjoni, kwantitajiet li jistgħu jiġu ġustifikati faċilment, l-assigurazzjoni tal-bilanċ ekonomiku tal-operazzjoni u tal-benefiċjarju, it-tnaqqis tar-riskju tal-għażla tal-aħjar parteċipanti ('creaming').** Fil-każ tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji, l-enfasi tal-verifika skont

L-Artikolu 125(4) (a) tas-CPR⁽³⁸⁾ u l-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) Nru. 1305/2013⁽³⁹⁾ tinbidel, b'mod partikolari għall-operazzjonijiet immaterjali, minn aspetti finanzjarji b'mod predominanti għal aspetti tekniċi u fiżiċi, billi tingħata attenzjoni partikolari lill-verifiki fuq il-post matul l-implimentazzjoni.

6.4.3. ...għal somma f'daqqa

Meta l-awtorità managerjali tiddeċiedi li tuża somom f'daqqa, hija tagħti attenzjoni speċifika lill-punti li ġejjin:

6.4.3.1. Il-korrelazzjoni bejn l-operazzjoni mwettqa u l-ħlasijiet

Id-differenza ewlenija bejn is-somom f'daqqa u s-sistema tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji hija li **l-kalkolu tal-ispejjeż mhuwiex proporzjonali għall-kwantitajiet**. Fil-każ tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji, meta l-kwantitajiet jonqsu, l-ispejjeż jonqsu wkoll b'mod proporzjonali. Fil-każ tas-somom f'daqqa, din ir-'rabta proporzjonali' bejn il-kwantitajiet u l-ħlasijiet ma tapplikax. Il-kalkolu tal-ispejjeż se jkun ibbażat fuq metodu ta' '**binarju**'.

Metodu bħal dan għandu konsegwenza importanti: anki jekk mhuwiex obligatorju, il-possibbiltà li jkun hemm diversi stadji li jikkorrespondu għal spejjeż differenti għandha tiġi prevista sabiex jiġi evitat metodu li jkun 'binarju żżejjed'.

Għal operazzjonijiet żgħir fejn jistgħu jiġu definiti xi kwantitajiet, l-awtoritajiet x'aktarx jagħżlu l-iskali standard ta' spejjeż unitarji minflok is-somom f'daqqa.

6.4.3.2. Il-ġustifikazzjoni tal-ispejjeż

Id-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn lill-benefiċjarju għandu jiġi abbozzat b'reqqa kbira sabiex tiġi definita l-bażi li fuqha jiġu kkalkolati l-ispejjeż u kif dawn jitnaqqsu jekk l-objettivi ma jintlaħqux. Din il-kwistjoni ta' tnaqqis tal-ispejjeż hija kruċjali fil-każ tas-somom f'daqqa minħabba l-problemi potenzjali li jistgħu jinħolqu minn metodu binarju fejn ma jifdal ebda għażla għajr li titħallas 0% jew 100% tal-ġhotja.

Għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-possibbiltà tal-applikazzjoni fil-prattika tal-ħlas tas-somma f'daqqa. Meta wieħed iqis li xi somom f'daqqa jistgħu jkunu totalment indipendenti mill-kwantitajiet, hemm riskju ta' formulazzjoni ġenerali wisq jew kwalitattiva wisq dwar l-attivitatiet/ir-rendiment/l-eżiti li għandhom jiġu implimentati jew li għandhom jintlaħqu sabiex iwasslu għall-ħlas, liema riskju jagħmilha impossibbli li l-ħlas isir fuq bażi ġusta jew trasparenti. Direttament marbuta mal-problema tal-formulazzjoni tal-attivitatiet/rendiment/eżiti hemm il-kwistjoni tad-dokumenti ta' sostenn li huma meħtieġa għall-valutazzjoni tagħhom: huma

għandhom jiġu speċifikati wkoll fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn. Fil-każ ta' operazzjonijiet immaterjali, dan il-punt huwa importanti ħafna sabiex jingħataw garanziji li operazzjoni kienet tabilħaqq organizzata.

6.4.3.3. L-għażla tal-attivitatiet/ir-rendiment/l-eżiti

L-għażla tal-attivitatiet/rendiment/eżiti koperti minn somma f'daqqa ssegwi l-istess prinċipji bħall-iskali standard tal-ispejjeż unitarji:

- Is-somom f'daqqa għandhom jirriflettu t-tip ta' operazzjoni ffinanzjata, billi jippruvaw itaffu l-fatturi esterni li jstgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-operazzjoni;
- Is-somom f'daqqa purament ibbażati fuq l-'eżitu' huma estremament riskjużi u ma għandhomx iżidu mar-riskju ta' metodu 'binarju żżejjed'.

Bħala konklużjoni, l-għażla tas-somma/somom f'daqqa xierqa mill-awtoritajiet managerjali għandha tqis il-vantaġġi u l-iżvantaġġi potenzjali kollha, inkluż il-kwistjoni ta' jekk għandhomx jintużaw somom f'daqqa minflok l-iskali standard ta' spejjeż unitarji, spejjeż reali jew finanzjament b'rata fissa. **Somma f'daqqa ideali tista' tinkludi l-kwalitajiet li ġejjin: rabta ċara mal-operazzjoni, mod faċli u mhux ekwivoku ta' kif jiġu ġġustifikati l-attivitatiet/rendiment/eżiti, l-assigurazzjoni tal-bilanċ ekonomiku tal-operazzjoni u tal-benefiċjarju (b'mod partikolari bl-introduzzjoni ta' diversi livelli ta' ħlasijiet), it-tnaqqis tar-riskju tal-għażla tal-aħjar parteċipanti (il-proċedura hekk imsejħa 'creaming'), distinzjoni ċara bejn l-ġhotjiet/assistenza ripagabbli u l-offerti pubbliċi.**

Huwa importanti ħafna li fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn jiġu kkomunikati mal-benefiċjarji r-rekwiżiti eżatti għas-sostanzjament tar-rendiment jew tal-eżiti speċifiċi li għandhom jintlaħqu. Pereżempju, jekk jintlaħqu biss parti mir-rendiment/eżiti speċifikati fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn, mela allura ma jinġareg ebda ħlas.

6.5. Metodu ta' verifika u kontroll

6.5.1. ...għal sistema ta' finanzjament b'rata fissa

Il-verifiki tal-ġestjoni mwettqa fl-istadju tal-għażla tal-operazzjonijiet u matul l-implimentazzjoni tagħhom ikopru kemm il-metodu ta' kalkolu — bil-għan li jiġi żgurat li jintuża wieħed mill-metodi ta' kalkolu msemmi fl-Artikolu 67(5) tas-CPR (inklużi l-metodi speċifiċi għall-fondi) — kif ukoll l-applikazzjoni korretta tas-sistema ta' finanzjament b'rata fissa, li tinvolvi l-verifika tal-kategoriji ta' spejjeż tal-operazzjoni li għalihom tiġi applikata r-rata fissa. Il-verifiki tal-metodu ta'

⁽³⁸⁾ Applikabbli għall-FSE, għall-FEŻR, għas-CF u għall-FEMS.

⁽³⁹⁾ Applikabbli għall-FAEŻR.

kalkolu ġeneralment jitwettqu fil-livell tal-awtorità maniġerjali (skont il-metodi użati) jew fil-livell tal-korp intermedjarju, filwaqt li l-kontroll tal-applikazzjoni tal-iskema b'rata fissa jsir fil-livell tal-benefiċjarji. Il-verifiki mwettqa mill-awtorità tal-verifiki u/jew mill-Kummissjoni se jivverifikaw dawn l-aspetti wkoll, jekk ikunu koperti mill-kampjuni rispettivi.

Is-sistemi nazzjonali għandhom jipprovdu definizzjoni ċara u mhux ekwivoka tal-kategoriji ta' spejjeż jew lista stabbilita minn qabel tal-kategoriji kollha ta' spejjeż eliġibbli li fuqhom hija bbażata r-rata fissa (u, fejn rilevanti, il-kategoriji l-oħra tal-ispejjeż eliġibbli: ir-rata ma tiġix applikata għalihom u huma ma jiġux ikkalkolati bir-rata fissa).

Dawk responsabbli mill-verifiki tal-ġestjoni jivverifikaw il-klassifikazzjoni korretta tal-ispejjeż u n-nuqqas ta' dikjarazzjoni doppja tal-ispejjeż, pereżempju, kemm bħala spejjeż diretti kif ukoll indiretti. Huma biss l-entrati tal-infiq li huma kategoriji mhux ikkalkolati tal-ispejjeż li huma soġġetti għall-verifika u l-kontroll tad-dokumenti finanzjarji ta' sostenn (jekk dawn ma jiġux ikkalkolati permezz ta' somma f'daqqa jew spiża unitarja), minħabba li l-benefiċjarju mhuwiex obligat li jirrapporta jew jagħti prova tal-kategoriji tal-ispejjeż ikkalkolati abbażi ta' rata fissa. Il-verifiki mwettqa mill-awtorità tal-verifiki u/jew mill-Kummissjoni

se jivverifikaw dawn l-aspetti wkoll, jekk ikunu koperti mill-kampjuni rispettivi. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jiddikjaraw biss l-ispejjeż ikkalkolati flimkien mal-ispejjeż użati għall-kalkoli tagħhom ('l-ispejjeż bażi').

Is-sejbiet li jistgħu jitqiesu bħala irregolaritajiet jinkludu dawn li ġejjin:

- Il-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-SCOs ma tirsipet-tax il-kundizzjonijiet regolatorji;
- Ir-riżultati tal-metodu ta' kalkolu ma ġewx irrispettati waqt l-iffissar tar-rati;
- Benefiċjarju ma osservax ir-rati ffixxati jew iddikjara l-ispejjeż ineliġibbli mhux inklużi fil-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli stabbiliti mill-awtorità maniġerjali;
- Dikjarazzjoni doppja tal-istess entrata ta' spejjeż: bħala spiża 'bażi' (ikkalkolata abbażi tal-prinċipju ta' spiża reali, somma f'daqqa jew spiża unitarja) u kif 'ikkalkolata' (inkluzja fir-rata fissa);
- Meta l-'ispejjeż bażi' jitnaqqsu mingħajr tnaqqis proporzjonali tal-ispejjeż eliġibbli 'kkalkolati'.

Jekk l-awdituri jew il-kontrolluri jsibu irregolarità fil-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli li għalihom tiġi applikata r-rata, għandu jiġi applikat tnaqqis pro-rata għall-ispejjeż eliġibbli kkalkolati, inkella dawn jispiċċaw jaqbżu r-rata fissa stabbilita mill-iskema.

Eżempju (il-FEŻR): Municipalià tirċievi għotja għal ammont massimu ta' EUR 1 000 000 tal-ispejjeż eliġibbli għall-kostruzzjoni ta' triq.

It-talba għall-ħlas b'rabta mal-proġett hija kif ġejja:

Proġett 1: xogħol (proċedura ta' akkwist pubbliku)	EUR 700 000
Proġett 2: spejjeż oħra:	EUR 300 000
<i>Spejjeż diretti tal-persunal (tip 1)</i>	<i>EUR 50 000</i>
<i>Spejjeż diretti oħra (tip 3)</i>	<i>EUR 242 500</i>
<i>Spejjeż indiretti (tip 2)</i>	<i>Spejjeż diretti tal-persunal x 15% = EUR 7 500</i>
Spejjeż totali ddikjarati	EUR 1 000 000

In-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarju hija vverifikata mill-awtorità maniġerjali. Nefqa ineliġibbli tinstab fl-ispejjeż diretti tal-persunal iddikjarati.

It-talba għall-ħlas aċċettata hija kif ġejja:

Proġett 1: xogħol (proċedura ta' akkwist pubbliku)	EUR 700 000
Proġett 2: spejjeż oħra:	EUR 288 500
<i>Spejjeż diretti tal-persunal (tip 1)</i>	<i>EUR 40 000</i>
<i>Spejjeż diretti oħra (tip 3)</i>	<i>EUR 242 500</i>
<i>Spejjeż indiretti (tip 2)</i>	<i>Spejjeż diretti tal-persunal x 15% = EUR 6 000</i>
Spejjeż eliġibbli totali	EUR 988 500

6.5.2. ...għall-iskali standard tal-ispejjeż unitarji u s-somom f'daqqa

Il-verifiki u l-kontrolli jkopru l-metodu ta' kalkolu sabiex wieħed jaasal għall-iskali standard tal-ispejjeż unitarji jew għas-somom f'daqqa u l-applikazzjoni korretta tal-metodu fi proġetti individwali. Il-verifiki tal-metodu ta' kalkolu ġeneralment jitwettqu fil-livell tal-awtorità maniġerjali/korp intermedjarju, filwaqt li l-applikazzjoni korretta tal-ispiża unitarja jew tas-somma f'daqqa tiġi vverifikata fil-livell tal-benefiċjarji.

Jekk ir-riżultati tal-kontroll jindikaw żball fil-kalkolu, il-korrezzjoni ssir biss b'mod proporzjonali għall-iżball. F'sitwazzjoni fejn ir-rendiment/ir-riżultati li jiskattaw il-ħlas ma jkunux ġustifikati, tiġi applikata korrezzjoni sħiħa tas-somma f'daqqa/tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji mħallsin u tal-ispejjeż iddikjarati.

L-għan ewlieni tal-kontrolli u tal-verifiki għandu jkun li dawn jivverifikaw jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'termini tar-rendiment jew tar-riżultati għar-rimborż tal-ispejjeż ġewx issodisfati jew le. L-awditur jew il-kontrollur jivverifika jekk l-ammont iddikjarat

huwiex daqs ir-rata standard għal kull unità ta' prodott jew servizz immultiplikata bl-unitajiet proprji kkonsejnti jew it-tlestija tal-(pass tal-)proġett appoġġjat permezz ta' somma f'daqqa. Jekk jiġu stabbiliti kundizzjonijiet oħra fis-sejħa għall-proposti jew fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn, l-awdituri jivverifikaw ukoll l-issodisfar ta' dawk il-kundizzjonijiet. L-awdituri u l-kontrolluri ma għandhomx jaċċettaw l-ispejjeż unitarji jew is-somom f'daqqa li jkunu tħallsu u ġew iddikjarati lill-Kummissjoni bil-quddiem, mingħajr implimentazzjoni minn qabel tal-parti korrispondenti tal-proġett.

Ir-rati skont l-iskali standard tal-ispejjeż unitarji jew is-somom f'daqqa jistgħu jinkludu komponent għall-ispejjeż indiretti.

Is-sejbiet li jistgħu jitqiesu bħala irregolaritajiet jinkludu dawn li ġejjin:

- Nuqqas ta' attenzjoni għar-riżultati miksuba fl-applikazzjoni tal-metodu ta' kalkolu stabbilit għar-rimborż tal-ispejjeż;
- Nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn għall-ġustifikazzjoni tar-rendiment jew rendiment ġustifikat biss parzjalment iżda mħallas fit-totalit tiegħu.

6.5.3. Eżempji

Eżempju (il-FSE)

Titħallas spiża unitarja ta' EUR 5 000 għal kull apprendist li jlesti t-taħriġ.

It-taħriġ jibda f'Jannar, jispiċċa f'Ġunju u għalih mistennija jattendu 20 persuna. L-ammont tan-nefqa eliġibbli huwa ta' $20 \times \text{EUR } 5\,000 = \text{EUR } 100\,000$. Kull xahar, il-fornitur tat-taħriġ jibgħat fattura li tikkorrispondi għal 10% tal-għotja: EUR 10 000 fl-aħħar ta' Jannar, EUR 10 000 fl-aħħar ta' Frar, eċċ.

Madankollu, minħabba li ebda apprendist ma lesta t-taħriġ qabel l-aħħar ta' Ġunju, dawn il-ħlasijiet kollha jitqiesu bħala ħlasijiet bil-quddiem u ma jistgħux jiġu ddikjarati lill-Kummissjoni. Huwa biss wara li jintwera li kien hemm persuni li lestew it-taħriġ li ammont jista' jiġi ċċertifikat lill-Kummissjoni: pereżempju, jekk ikun hemm 15-il persuna li lestew it-taħriġ, jista' jiġi ċċertifikat l-ammont ta' EUR 75 000 ($15 \times \text{EUR } 5\,000$) lill-Kummissjoni.

Eżempju (il-FSE)

Minflok tintuża spiża unitarja waħda ta' EUR 7 fis-siegħa ta' taħriġ għal kull apprendist bħal fl-eżempju bbażat fuq ir-rendiment tal-FSE msemmi fit-taqsimha 3.1, [paġna 18](#), huwa possibbli li din l-ispiża unitarja bbażata fuq ir-rendiment tiġi kkombinata ma' spiża unitarja bbażata fuq ir-riżultati, skont l-għadd ta' parteċipanti li jiksbu kwalifika malli jlestu t-taħriġ.

20% tal-għotja finali (ir-rata ta' 20% ma għandhiex bżonn tiġi ġustifikata) tiġi rrimborżata abbażi tar-riżultat, meta wieħed iqis li r-rata ta' suċċess għandha tkun ta' 75% (ir-rata ta' 75% għandha tkun ibbażata fuq l-esperjenza u hija parti mir-rekord tal-awditjar li jeħtieġ li tiżgura l-awtorità maniġerjali).

Fl-eżempju msemmi fit-taqsimha 3.1, [paġna 18](#), l-għotja massima allokata għall-proġett kienet limitata għal 1000 siegħa \times 20 apprendist \times EUR 7 fis-siegħa għal kull apprendist = EUR 140 000.

Għandu japplika l-istess limitu massimu, iżda fuq suppożizzjonijiet differenti:

- $20\% \times \text{EUR } 140\,000 = \text{EUR } 28\,000$ titħallas għar-riżultati: 75% ta' 20 apprendist (15-il apprendist) għandhom jiksbu kwalifika malli jtemmu t-taħriġ. L-ispiża unitarja mħallsa għal kull apprendist li jikseb kwalifika hija ta' $28\,000 / 15 = 1\,867$ EUR għal kull persuna kkwalfikata.
- $80\% \times \text{EUR } 140\,000 = \text{EUR } 112\,000$ titħallas għal 20 000 siegħa \times apprendisti, li tirrizzulta fi spiża unitarja ta' EUR 5.6 fis-siegħa għal kull apprendist.

Fi tmiem l-operazzjoni, l-għotja finali titħallas abbażi tan-numru reali ta' sigħat għal kull apprendist u n-numru ta' apprendisti li jiksbu kwalifika:

L-ispejjeż ikkalkolati se jkun:

- $17\,050$ siegħa ta' taħriġ \times EUR 5.6 = EUR 95 480 għall-parti bbażata fuq ir-rendiment
- 13-il parteċipant ikkwalfikati \times EUR 1 867 = EUR 24 271 għall-parti bbażata fuq ir-riżultati.

Spejjeż totali = EUR 95 480 + EUR 24 271 = EUR 119 751

7. DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA

7.1. Kombinazzjoni ta' għażliet

7.1.1. Prinċipji ġenerali

L-Artikolu 67(1) tas-CPR joħloq il-possibbiltà li l-awtorità maniġerjali tagħżel bejn erba' għażliet għall-ġestjoni tal-għotjiet u tal-assistenza ripagabbli kofinanzjati mill-Fondi SIE.

B'konformità mal-Artikolu 67(3) tas-CPR, dawn l-għażliet jistgħu jiġu kkombinati biss fil-każijiet li ġejjin, sabiex jiġi evitat kwalunkwe finanzjament doppju tal-istess nefqa:

(1) Kull waħda minnhom għandha tkopri kategoriji differenti tal-ispejjeż eliġibbli;

jew (2) għandhom jintużaw għal proġetti differenti fl-istess operazzjoni;

jew (3) għandhom jintużaw għal fażijiet suċċessivi ta' operazzjoni.

Id-definizzjoni ta' proġett tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Jista' jkun possibbli li, skont ir-regoli nazzjonali, proġett wieħed jinkludi azzjonijiet differenti b'benefiċjarji differenti. F'dan il-każ, jistgħu jkunu previsti għażliet differenti ta' spejjeż issimplifikati għall-istess kategorija ta' spejjeż, iżda li jkunu applikabbli għal benefiċjarji differenti, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tat-trattament ugwali.

7.1.2. Eżempji ta' kombinazzjonijiet

Eżempju fuq il-każ 1: Il-finanzjament ta' proġetti differenti li jiffurmaw parti mill-istess operazzjoni (il-FSE)

Eżempju ta' operazzjoni li tinvolvi proġett ta' taħriġ għal zgħażaġh qiegħda, segwit minn seminar għal impjegaturi potenzjali tar-reġjun:

L-ispejjeż relatati mat-taħriġ jistgħu jitħallsu abbażi ta' skali standard ta' spejjeż unitarji (pereżempju EUR 1000 għal kull jum ta' taħriġ). Is-seminar jitħallas abbażi ta' somom f'daqqa.

Minħabba li hemm żewġ proġetti differenti li jiffurmaw parti mill-istess operazzjoni, ma hemm ebda riskju ta' finanzjament doppju, billi l-ispejjeż ta' kull proġett huma separati b'mod ċar.

Eżempju fuq il-każ 2: Il-fażijiet suċċessivi ta' operazzjoni (il-FSE)

Eżempju ta' operazzjoni mibdija diġà u ġestita abbażi tal-ispejjeż reali li l-awtorità maniġerjali trid tkompli timmaniġġja abbażi tal-ispejjeż issimplifikati. Jeħtieġ li jiġu definiti b'mod ċar żewġ fażijiet. L-ewwel fażi tista' tiġi kkalkolata abbażi tal-ispejjeż reali sa data partikolari. It-tieni fażi, għall-infiq futur, tista' tiġi kkalkolata abbażi ta' spiża unitarja, pereżempju, jekk l-ispiża unitarja ma tkopri xejn minn nefqa li kienet appoġġata preċedentement.

Jekk tiġi applikata tali possibbiltà, hija għandha tikkonċerna lill-benefiċjarji kollha fl-istess sitwazzjoni (it-trasparenza u t-trattament ugwali). Din tista' toħloq piż amministrattiv minħabba l-ħtieġa li jiġi emendat id-dokument li jstabilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn, jekk dan ma kienx antiċipat. Għandha titħejja b'mod ċar deskrizzjoni ddettaljata tal-operazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istat Membru għal kull fażi. L-operazzjoni għandha tinqasam f'mill-inqas żewġ stadji finanzjarji u idealment fiżiċi jew ta' żvilupp distinti u identifikabbli li jikkorrespondu għall-fażijiet ikkonċernati. Dan għandu jsir bil-għan li jiġu żgurati implimentazzjoni u monitoraġġ trasparenti u jiġu ffaċilitati l-kontrolli.

Eżempju fuq il-każ 3: Kategoriji differenti ta' spejjeż eliġibbli (il-FSE)

Eżempju ta' sessjoni ta' taħriġ li tikkombina:

- skala standard ta' spiża unitarja għall-pagi ta' dawk li jipprovdu t-taħriġ, eż. EUR 450/jum;
- spejjeż reali: relatati mal-kamra = EUR 800 / xahar matul perjodu ta' sitt xhur
- rata fissa għall-ispejjeż indiretti, pereżempju 10% tal-ispejjeż diretti.

Fi tmiem it-taħriġ, jekk kienu ġustifikati 100 jum ta' dawk li jipprovdu t-taħriġ, l-għotja titħallas abbażi li ġejja:

Spejjeż diretti (tip 1):

il-pagi ta' dawk li jipprovdu t-taħriġ 100 jum x EUR 450 = EUR 45 000

il-kamra għat-taħriġ: 6 xhur x EUR 800 = EUR 4 800

subtotal tal-ispejjeż diretti: EUR 49 800

Spejjeż indiretti (tip 2): 10% tal-ispejjeż diretti = 10% x EUR 49 800 = EUR 4 980

Nefqa eliġibbli: (EUR 45 000 + EUR 4 800) + EUR 4 980 = EUR 54 780

F'dak il-każ, jidhru li huma kkonċernati kategoriji differenti ta' spejjeż: il-pagi ta' dawk li jipprovdu t-taħriġ, l-ispejjeż għall-kiri tal-kamra, spejjeż indiretti. Madankollu, sabiex jivverifikaw in-nuqqas ta' finanzjament doppju, l-awtoritajiet għandhom jiżguraw li l-iskala standard tal-ispiża unitarja ma tkun relatata ma' ebda spiża marbuta mal-kiri tal-kamra jew ma' spejjeż indiretti oħra (pereżempju, is-salarju tal-persunal amministrattiv jew tal-kontabilista). B'mod reċiproku, l-istess japplika għad-definizzjoni ta' spejjeż indiretti, li ma għandhomx ikunu relatati mal-ispejjeż koperti mill-iskala standard tal-ispejjeż unitarji jew l-ispejjeż reali għall-kiri tal-kamra.

Jekk ikun hemm riskju ta' duplikazzjoni jew ikun impossibbli li jintwera li ma hemmx duplikazzjonijiet, l-awtorità maniġerjali jkollha tagħżel l-aktar għażla xierqa sabiex tevita kwalunkwe (riskju ta') finanzjament doppju.

7.2. Il-valutazzjoni tal-limitu

7.2.1. Prinċipji ġenerali

Is-CPR jistabbilixxi valutazzjoni tal-limitu finanzjarju waħda relatata mal-applikabbiltà tas-somom f'daqqa, li ma għandux jaqbeż il-kontribuzzjoni pubblika ta' EUR 100 000 (l-Artikolu 67(1) (c) tas-CPR).

L-ammonti kkunsidrati se jkunu dawk speċifikati fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn għal kull operazzjoni/benefiċjarju (imsemmija fl-Artikolu 67(6) tas-CPR).

L-ammont ikkunsidrat se jkun il-**kontribuzzjoni pubblika kif** speċifikata fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn li jikkorrespondu għall-ispejjeż eliġibbli totali tal-operazzjoni/proġett, inkluż kwalunkwe finanzjament pubbliku mill-benefiċjarju.

L-appoġġ pubbliku jew il-kontribuzzjoni pubblika mitluba mill-benefiċjarju fil-formola tal-applikazzjoni jew imħallsa lill-benefiċjarju mal-għeluq tal-operazzjoni ma għandhom ebda influwenza fuq il-valutazzjoni tal-limitu. Huma biss l-ammonti eliġibbli maqbula, kif murija

fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn, li huma importanti.

Għall-Istati Membri li ma adottawx l-euro bħala l-munita ta' tagħhom, il-varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju tal-munita nazzjonali mqabbla mal-euro jista' jkollhom impatt fuq il-valutazzjoni tal-livelli limiti. Biex tiġi assicurata ċ-ċertezza legali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jekk għandhomx jikkunsidraw ir-rata tal-kambju ta' kull xahar fis-sefih fil-mument tal-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-interess, l-applikazzjoni tal-proġett jew l-għażla jew l-approvazzjoni tal-proġett fil-livell nazzjonali. Dan għandu jinnewtralizza r-riskju tal-varjazzjonijiet fl-ispejjeż sempliċiment minħabba l-varjazzjonijiet fir-rati tal-kambju. Abbażi tar-rata tal-kambju kkunsidrata, l-awtorità maniġerjali tkun tista' tistabbilixxi jekk operazzjoni/proġett/somma f'daqqa għandhomx jitqiesu bħala taħt jew fuq il-valutazzjoni tal-limitu definita. L-għażla tal-Istati Membri għandha tiġi speċifikata fir-regoli tal-eliġibbiltà applikabbli għall-programm.

Nota għall-proġetti tal-FSE: Meta tiġi definita n-nefqa eliġibbli fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn, mhuwiex possibbli li jiġu applikati l-ispejjeż reali għal proġetti li, wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni ta' tagħhom u t-tnaqqis tan-nefqa ineliġibbli, jaqgħu taħt il-livell limitu ta' appoġġ pubbliku b'valur ta' EUR 50 000.

7.2.2. Speċifiki għall-fondi

Speċifiki għall-FSE

Hemm bosta metodi li jstabilixxu valutazzjoni tal-limitu finanzjarja relatata mal-applikabbiltà tal-ispejjeż issimplifikati jew tal-metodi ta' kalkoli fir-Regolament dwar il-FSE. Dan huwa l-każ għal:

1. il-possibbiltà li jintuża abbozz ta' baġit sabiex jiġu stabbiliti l-SCOs fuq bażi ta' każ b'każ għall-għotjiet tal-FSE u l-assistenza ripagabbli: l-appoġġ pubbliku ma għandux jaqbeż il-valur ta' EUR 100000 (l-Artikolu 14(3) tal-FSE);
2. l-użu obligatorju tal-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati għall-għotjiet tal-FSE u l-assistenza ripagabbli: l-appoġġ pubbliku ma għandux jaqbeż il-valur ta' EUR 50000 (l-Artikolu 14(4) tal-FSE).

Għal-livelli limiti msemmija fuq, **l-ammonti kkunsidrati se jkunu dawk speċifikati fid-dokument li jstabilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn għal kull operazzjoni / proġett** (imsemmija fl-Artikolu 67(6) tas-CPR). Il-konċessjonijiet jew is-salarji żborżati **minn parti terza għall-benefiċċju tal-parteciċipanti** f'operazzjoni mhumiex inklużi.

L-ammont ikkunsidrat huwa l-ammont ta' appoġġ pubbliku mogħti lill-benefiċjarju, kif speċifikat fid-dokument li jstabilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn, minbarra l-finanzjament pubbliku mill-benefiċjarju.

7.3. Il-kompatibbiltà tal-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat

Ta' min jenfazizza li r-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat stipulati fit-Trattat huma ta' applikazzjoni ġenerali. Kull meta l-finanzjament ikun jista' jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, dawk ir-regoli għandhom jiġu rrispettati fil-kalkolu u l-amministrazzjoni tal-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati kif previst fl-Artikolu 67 tas-CPR. Għalhekk, l-awtoritajiet maniġerjali għandhom jiżguraw l-eliġibbiltà tal-kategoriji tal-infiq li għalihom japplikaw l-ispejjeż issimplifikati, mhux biss skont ir-regoli tal-FSIE iżda wkoll skont ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat.

Tista' tinstab xi assistenza fir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (UE) Nru. 651/2014 jew fir-Regolament għal Eżenzjoni Agrikola Sħiħa (UE) Nru. 702/2014 (dwar l-iskemi u l-għajjnuna *ad hoc* eżentati mir-rekwiżit li l-għajjnuna tiġi nnotifikata). Barra minn hekk, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru. 1407/2013 dwar l-għajjnuna '*de minimis*'.

B'mod ġenerali, l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati għandhom ikunu bbażati esklussivament fuq metodoloġiji li jagħmluha possibbli li jiġu identifikati b'mod ċar l-ispejjeż eliġibbli li jintużaw sabiex jstabilixxu l-valur tal-għażla magħżula u sabiex jeskludu l-ispejjeż li huma ineliġibbli skont ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat.

Billi l-metodoloġija użata għandha tikkonforma ma' ġestjoni finanzjarja tajba u mal-prinċipju ta' kofinanzjament, l-awtoritajiet maniġerjali għandhom jużaw ipoteżi prudenti u raġonevoli sabiex jiżguraw li l-ispejjeż issimplifikati jirrappreżentaw indikatur affidabbli għall-ispejjeż reali. Din għandha tiffaċilita t-turija tal-konformità mal-intensità massima tal-għajjnuna, mal-ammonti massimi tal-għajjnuna jew mal-valutazzjoni tal-limitu tan-notifika skont ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat. Il-metodoloġija tkun soġġetta għal verifika bil-għan li jiġi żgurat li din tkun konformi mar-regoli applikabbli dwar l-għajjnuna mill-Istat u l-FSIE.

Għal eżempju, jekk jogħġbok irreferi għall-Anness 2.

7.4. L-użu ta' spejjeż issimplifikati f'operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett

L-ewwelnett, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-ispejjeż issimplifikati huma mod kif jiġu kkalkolati l-ispejjeż, in-'naħa tal-infiq' ta' operazzjoni, eżattament bħala spejjeż reali. Għalhekk, fit-teorija, l-użu tal-għażliet issimplifikati għandu jkun indipendenti minn jekk operazzjoni tiġġenerax dħul jew le. Madankollu, sabiex jiġi ppreservat l-impatt tas-simplifikazzjoni, is-CPR jintroduċi ċerta speċifità għal operazzjoni li tiġġenera dħul li juża somom f'daqqa jew skali standard ta' spejjeż unitarji.

7.4.1. Operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett wara t-tlestija tagħhom⁽⁴⁰⁾

Għall-operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett wara t-tlestija tagħhom u li użaw somom f'daqqa jew skali standard ta' spejjeż unitarji, id-dħul nett ma għandux bżonn jiġi kkunsidrat, b'konformità mal-Artikolu 61(7) (f) tas-CPR. Fil-fatt, is-somom f'daqqa / l-iskali standard tal-ispejjeż unitarji għandhom diġà jinkludu d-dħul (ara l-paragrafu li jmiss). Ma hemm ebda speċifità jekk jintuża finanzjament b'rata fissa, jiġifieri japplikaw il-paragrafi 1 sa 6 tal-Artikolu 61 tas-CPR⁽⁴¹⁾.

7.4.2. Operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett matul l-implimentazzjoni u li għalihom il-paragrafi 1 sa 6 tal-Artikolu 61 tas-CPR ma japplikawx⁽⁴²⁾

Għal dawn l-operazzjonijiet, ma hemmx bżonn li jitnaqqas id-dħul nett jekk jiġu ssodisfati dawn iż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivi:

- L-appoġġ pubbliku jieħu l-forma ta' somom f'daqqa jew skali standard ta' spejjeż unitarji;
- Id-dħul nett ikun tqies *ex-ante* fil-kalkolu tas-somom f'daqqa jew tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji (skont l-Artikolu 65(8) (f) tas-CPR).

Jekk id-dħul nett ma jkunx tqies *ex-ante* fil-kalkolu tas-somom f'daqqa jew tal-iskali standard tal-ispejjeż unitarji, in-nefqa eliġibbli kofinanzjata mill-Fondi SIE tkun trid titnaqqas sa mhux aktar tard minn meta tiġi sottomessa t-talba għall-ħlas finali mill-benefiċjarju, fuq bażi *pro-rata* tal-partijiet eliġibbli u mhux eliġibbli tal-ispejjeż.

Meta jintgħażel il-finanzjament b'rata fissa, kwalunkwe dħul nett mhux ikkunsidrat fil-mument tal-approvazzjoni tal-operazzjoni u ġġenerat direttament matul l-implimentazzjoni tal-operazzjoni għandu jitnaqqas min-nefqa eliġibbli kofinanzjata mill-Fondi SIE (wara li tkun ġiet applikata r-rata fissa) mhux aktar tard minn meta tiġi sottomessa t-talba għall-ħlas finali mill-benefiċjarju.

⁽⁴⁰⁾ L-Artikolu 61 tas-CPR.

⁽⁴¹⁾ Ħlief għall-operazzjonijiet li għalihom japplika l-Artikolu 61(7) tas-CPR.

⁽⁴²⁾ L-Artikolu 65(8) tas-CPR.

Eżempju (il-FSE)

Qiegħda tiġi organizzata konferenza maħsuba biex tippromwovi l-impreditorija. Il-benefiċjarju jissottometti abbozz ta' baġit li jgħid li l-ispejjeż eliġibbli totali għandhom jammontaw għal EUR 70 000. Dawk li jattendu għall-konferenza jridu jħallsu miżata ta' EUR 3 mad-dħul.

L-organizzatur qiegħed jistenna li l-konferenza tattira 200 viżitatur. Id-dħul li mistenni jiġi ġġenerat huwa ta' EUR 3 x 200 = EUR 600.

Il-konferenza tkun suċċess kbir u l-għadd ta' viżitaturi jaqbeż l-aspettattivi (300 persuna). Billi din l-operazzjoni hija l-unika waħda kofinanzjata mill-FSE, l-Artikolu 61 tas-CPR ma japplikax. Madankollu, l-Artikolu 65(8) tas-CPR japplika.

- Għażla 1: id-dħul iġġenerat jitqies *ex-ante*

Is-somma f'daqqa definita hija li jekk il-konferenza ssir, l-ispiża eliġibbli totali tal-operazzjoni tkun EUR 70 000 – EUR 600 = EUR 69 400.

L-appoġġ pubbliku ta' din l-operazzjoni jieħu l-forma ta' somma f'daqqa u d-dħul tqies fid-definizzjoni tas-somma f'daqqa. Anki jekk id-dħul jaqbeż il-previżjoni, dan ma jaffettwax il-ħlas tas-somma f'daqqa. Ir-rekord tal-verifiki jeħtieġ prova tal-implimentazzjoni tal-konferenza u tal-prezz tal-biljett tad-dħul.

- Għażla 2: id-dħul iġġenerat jitqies *ex-ante*, iżda l-kundizzjonijiet jinbidlu matul l-implimentazzjoni

Is-somma f'daqqa definita hija li jekk il-konferenza ssir, l-ispiża eliġibbli totali tal-operazzjoni tkun EUR 70 000 – EUR 600 = EUR 69 400. L-appoġġ pubbliku ta' din l-operazzjoni jieħu l-forma ta' somma f'daqqa u d-dħul tqies fid-definizzjoni tas-somma f'daqqa.

Madankollu, finalment, l-organizzatur jiddeċiedi li jiffissa l-prezz tal-biljett tad-dħul għal EUR 5 minflok EUR 3. F'dan il-każ, id-diskrepanza tal-finanzjament għandha titnaqqas ((EUR 5 x 300) – EUR 600 = EUR 900).

L-ispejjeż eliġibbli totali se jkunu EUR 69 400 – EUR 900 = EUR 68 500

- Għażla 3: id-dħul iġġenerat ma tqisx *ex-ante*

Is-somma f'daqqa definita hija li jekk il-konferenza ssir, l-ispiża eliġibbli totali tal-operazzjoni tkun ta' EUR 70 000. L-appoġġ pubbliku ta' din l-operazzjoni jieħu l-forma ta' somma f'daqqa u d-dħul ma tqisx fid-definizzjoni tas-somma f'daqqa.

Ladarba l-benefiċjarju jagħmel talba għal rimborż (EUR 70 000), huwa jkun irid jipprova evidenza li l-konferenza saret. Huwa jkollu bżonn inaqqas ukoll id-dħul reali ġġenerat matul l-implimentazzjoni (EUR 3 x 300 = EUR 900).

F'dan il-każ, l-ispejjeż eliġibbli għas-somma f'daqqa se jkunu EUR 70 000 – EUR 900 = EUR 69 100.

7.5. Speċifiku għall-FEŻR u għall-FSE: finanzjament reċiproku

7.5.1. Id-dikjarazzjoni tal-għażliet li jaqgħu taħt l-Artikolu 98(2) tas-CPR fir-rigward tal-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati

Skont l-Artikolu 98(2) tas-CPR, l-azzjonijiet iffinanzjati b'mod reċiproku mill-FEŻR u mill-FSE japplikaw ir-regoli tal-eliġibbiltà tal-Fond l-ieħor.

Speċifikament għall-finanzjament b'rata fissa fil-każijiet ta' finanzjament reċiproku, għandhom japplikaw żewġ rati fissi għal kull parti tal-'FSE' u tal-'FEŻR' tal-operazzjoni. Ir-rati fissi tal-FSE u tal-FEŻR għal operazzjonijiet simili se jiġu applikati rispettivament għall-partijiet tal-FSE u tal-FEŻR. Mhuwiex

possibbli li tintuża medja taż-żewġ rati, minħabba li s-sehem relattiv ta' kull parti jista' jvarja matul l-implimentazzjoni. Meta ma tkun teżisti ebda rata għall-Fond l-ieħor għal tip simili ta' operazzjoni (pereżempju minħabba li r-regola ma tiġix applikata għall-Fond l-ieħor jew minħabba li ma hemmx operazzjonijiet simili ffinanzjati mill-Fond l-ieħor), l-awtorità maniġerjali għandha tiddeċiedi fuq ir-rata applikabbli skont il-prinċipji legali ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 67(5) u 68(1) tas-CPR.

L-applikazzjoni tal-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati xorta waħda tirrikjedi li l-Istati Membri jirrispettaw il-limitu massimu ta' 10% għal kull assi ta' priorità (skont il-Fond u l-kategorija tar-reġjun, fejn rilevanti). L-ammont 'iffinanzjat b'mod reċiproku' għandu jiġi rreġistrat u mmonitorjat, operazzjoni b'operazzjoni, abbażi tad-dejta użata sabiex tiddefinixxi l-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati.

7.5.2. Eżempji

Eżempju ta' finanzjament reċiproku mill-FSE u mill-FEŻR bi spejjeż unitarji jew b'somom f'daqqa

Jekk l-iskala standard ta' EUR 6 / siegħa x apprendist tinkludi x-xiri ta' infrastruttura għal EUR 0.50 / siegħa, l-ammont iffinanzjat b'mod reċiproku jkun EUR 0.50 x in-numru ta' 'siegħat x apprendisti' li saru.

L-istess prinċipju japplika għas-somom f'daqqa: jekk l-abbozz ta' baġit iddettaljat jinkludi xi 'nfiq iffinanzjat b'mod reċiproku', dan jiġi rreġistrat u mmonitorjat separatament. Pereżempju, f'somma f'daqqa ta' EUR 20000 iffinanzjata minn programm tal-FSE, in-nefqa tat-tip tal-FEŻR tirrappreżenta EUR 5000. Fi tmiem l-operazzjoni, l-ammont iffinanzjat b'mod reċiproku jkun l-ammont definit *ex-ante* (EUR 20000, li EUR 5000 minnhom huma nfiq tat-tip tal-FEŻR) jew 'zero' jekk l-għotja ma titħallasx. Il-prinċipju binarju tas-somom f'daqqa japplika wkoll għall-infiq iffinanzjat b'mod reċiproku.

Eżempju ta' finanzjament reċiproku mill-FSE u mill-FEŻR b'finanzjament b'rata fissa

Fil-każ ta' rata fissa għall-ispejjeż indiretti, l-ammont iffinanzjat b'mod reċiproku jkun l-ammont ta' 'spejjeż diretti ffinanzjati b'mod reċiproku', miżjud mal-ispejjeż indiretti kkalkolati permezz tar-rata fissa applikabbli għal dawn l-'spejjeż diretti ffinanzjati b'mod reċiproku'.

Pereżempju, f'operazzjoni ta' EUR 15000 iffinanzjata minn programm tal-FEŻR, l-ispejjeż diretti tat-tip tal-FSE' jirrapreżentaw EUR 3000 u l-ispejjeż indiretti jiġu kkalkolati b'ħala 10% tal-ispejjeż diretti (EUR 300). B'hekk, l-ammont iffinanzjat b'mod reċiproku jkun ta' EUR 3300. Jekk fi tmiem l-operazzjoni jitnaqqsu l-ispejjeż diretti, l-ammont iffinanzjat b'mod reċiproku jitnaqqas skont l-istess formula.

ANNES 1: EŻEMPJI TA' GĦAŻLIET TA' SPEJJEŻ ISSIMPLIFIKATI

Dan l-anness jipprovdi l-eżempju ta' għotja lil benefiċjarju li għandu l-ħsieb li **jorganizza laqgħa għal 50 parteċipant** sabiex matulu jippreżenta għodod ta' implimentazzjoni ġodda. Il-membri tal-persunal iqattgħu l-ħin jippjanaw u jorganizzaw l-avveniment, jinkera post addattat, jinġiebu kelliema minn barra l-pajjiż u jkunu jridu jiġu ppubblikati l-minuti meħuda waqt l-avveniment. Hemm ukoll spejjeż indiretti relatati mal-persunal (spejjeż ta' kontabbiltà, direttur, eċċ.), kontijiet tat-telefon u tal-elettriku, appoġġ tal-IT, eċċ.

L-abbozz ta' baġit fi 'spejjeż reali' huwa kif ġej, u l-forma tiegħu tinżamm għall-possibbiltajiet u l-għażliet kollha sabiex id-differenzi jkunu jistgħu jidhru b'mod aktar ċar:

Spejjeż Diretti totali	45 000
Spejjeż Diretti tal-Persunal	30 000
Spejjeż tal-kamra	4 000
Spejjeż tal-ivvjaġġar	5 000
Ikliet	1 000
Informazzjoni / Pubbliċità	5 000

Spejjeż Indiretti totali	5 000
Spejjeż indiretti tal-persunal	4 000
Elettriku, telefon, eċċ.	1 000

Id-diversi modi kif se jiġi ttrattat dan il-proġett, skont l-għażla tal-ispejjeż issimplifikati magħżula, huma deskritti hawn taħt.

Possibbiltà 1: L-iskali standard tal-ispejjeż unitarji (l-Artikolu 67(1) (b) tas-CPR)

Prinċipju: in-nefqa eliġibbli kollha jew parti minnha tiġi kkalkolata abbażi tal-attivitajiet ikkwantifikati, ir-rendiment jew ir-riżultati mmultiplikati minn spiża unitarja definita minn qabel.

Fir-rigward tal-laqqgħa, tista' tiġi stabbilita spiża unitarja ta' EUR 1 000 għal kull persuna li tattendi l-laqqgħa (abbażi ta' wieħed mill-metodi ta' kalkoli msemmija fl-Artikolu 67(5) tas-CPR).

L-abbozz ta' baġit isir:

- In-numru massimu ta' persuni li jattendu l-laqqgħa = 50
- Spiża unitarja / persuna li tattendi l-laqqgħa = EUR 1 000
- Spejjeż eliġibbli totali = 50 x EUR 1 000 = EUR 50 000.

Jekk għa l-laqqgħa jattendu 48 ruġ, mela allura l-ispiża eliġibbli hija: 48 x EUR 1 000 = EUR 48 000

Rekord tal-verifika:

- il-metodoloġija użata sabiex tiddetermina l-valur tal-iskala standard tal-ispiża unitarja għandha tiġi ddokumentata u maħżuna;
- id-dokument li jstabilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ għandu jkun ċar dwar l-iskala standard tal-ispiża unitarja u l-fatturi skattaturi għall-ħlas;
- prova tal-attenzenza waqt i l-laqqgħa (folji tal-attenzenza).

Nota: F'dan il-każ, ma hemmx bżonn li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà tal-parteċipanti. Kull meta l-parteċipanti fil-mira jkunu jridu jikkonformaw ma' profil speċifiku, l-eliġibbiltà tagħhom għandha tiġi vverifikata.

Possibiltà 2: Is-somom f'daqqa (l-Artikolu 67(1) (c) tas-CPR)

Prinċipju: in-nefqa eliġibbli kollha ta' operazzjoni, jew parti minnha, tiġi rrimborżata abbażi ta' ammont wieħed stabbilit minn qabel, b'konformità mat-termini definiti minn qabel tal-ftehim dwar l-attivitàjiet u/jew ir-rendiment (li jikkorrespondu għal unità waħda). L-għotja titħallas jekk jitlestew it-termini definiti minn qabel tal-ftehim dwar l-attivitàjiet u/jew ir-rendiment.

Tista' tiġi stabbilita somma f'daqqa ta' EUR 50000 għall-*organizzazzjoni tal-laqgħa* (indipendentement mill-għadd ta' parteċipanti) sabiex jiġu ppreżentati l-għodod ta' implimentazzjoni ġodda, ikkalkolata abbażi tal-metodi ta' kalkoli speċifikati fl-Artikolu 67(5) tas-CPR.

L-abbozz ta' baġit isir:

Objettiv tas-somma f'daqqa = l-organizzazzjoni ta' laqgħa biex jiġu ppreżentati l-għodod ta' implimentazzjoni ġodda

Spiża eliġibbli totali = EUR 50000

Jekk il-laqgħa tiġi organizzata u jiġu ppreżentati għodod ta' implimentazzjoni ġodda, is-somma f'daqqa ta' EUR 50000 titqies bħala eliġibbli. Jekk il-laqgħa ma tiġix organizzata jew ma jiġux ippreżentati għodod ta' implimentazzjoni ġodda, ma titħallas l-ebda somma.

Rekord tal-verifika:

- il-metodoloġija użata sabiex tiddetermina l-valur tas-somma f'daqqa għandha tiġi ddokumentata u maħżuna;
- jeftieg li d-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn ikun ċar dwar is-somom f'daqqa u l-fatturi li jiskattaw il-ħlas;
- hija meħtieġa prova li l-laqgħa saret u tal-kontenut tagħha (artikli fil-ġurnali, l-istedina u l-programm, ritratti...).

Possibbiltà 3: Finanzjament b'rata fissa (l-Artikolu 67(1) (d) tas-CPR)

N.B: L-ammonti li jirriżultaw mill-kalkoli huma arrotondati b'mod artifiċjali.

Prinċipju ġenerali: Il-kategoriji speċifiċi tal-ispejjeż eliġibbli, li jiġu identifikati b'mod ċar minn qabel, jiġu kkalkolati permezz tal-applikazzjoni ta' perċentwal iffissat *ex-ante* għal kategorija waħda jew bosta kategoriji oħra tal-ispejjeż eliġibbli.

Meta tqabbel is-sistemi ta' finanzjament b'rata fissa, wieħed għandu dejjem iqabbel l-elementi kollha tal-metodu u mhux biss ir-rati:

- il-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli li abbażi tagħhom għandha tiġi applikata r-rata sabiex jiġu kkalkolati l-ammonti eliġibbli;
- ir-rata fissa nnifisha;
- il-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli kkalkolati bir-rata fissa;
- fejn ikun rilevanti, il-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli li għalihom ma tiġix applikata r-rata fissa u li ma jiġux ikkalkolati bir-rata fissa.

Għażla 1: Regola ġenerali ta' 'finanzjament b'rata fissa'

Skont l-Artikolu 67(1) (d) tas-CPR, l-Istat Membru jfassal sistema ta' rata fissa, fejn tiġi applikata rata fissa ta' 47% — ikkalkolata skont wieħed mill-metodi msemmija fl-Artikolu 67(5)⁽⁴³⁾ tas-CPR — għall-ispejjeż kollha tal-persunal (kemm l-ispejjeż diretti kif ukoll dawk indiretti) sabiex jiġu kkalkolati l-ispejjeż l-oħra⁽⁴⁴⁾:

<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li abbażi tagħhom għandha tiġi applikata r-rata sabiex jiġu kkalkolati l-ammonti eliġibbli (it-tip 1)</i>	Spejjeż tal-persunal = 30 000 + 4 000 = EUR 34 000
<i>ir-rata fissa nnifisha</i>	47 %
<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li jiġu kkalkolati bir-rata fissa (it-tip 2)</i>	Spejjeż oħra = 47 % tal-ispejjeż tal-persunal = 47 % x 34 000 = EUR 16 000
<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li għalihom ma tiġix applikata r-rata u li ma jiġux ikkalkolati bir-rata fissa (it-tip 3)</i>	Mhux rilevanti

=> Spejjeż eliġibbli totali = 34 000 + 16 000 = EUR 50 000.

L-abbozz ta' baġit jieħu l-forma li ġejja:

Spejjeż tal-persunal (tip 1):	34 000	Spejjeż oħra (tip 2) = 47 % tal-ispejjeż tal-persunal	16 000
Spejjeż diretti tal-persunal	30 000	<i>(ikkalkolati)</i>	
Spejjeż indiretti tal-persunal	4 000	Spejjeż eliġibbli totali	50 000

(Ġeneralment ibbażati fuq spejjeż reali)

⁽⁴³⁾ (a) (b) (c) jew (d).

⁽⁴⁴⁾ Jekk jogħġbok innota li l-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli kkalkolati bir-rata fissa kienu spejjeż indiretti, imbagħad, skont l-Artikolu 68(1) (a) tas-CPR, ir-rata fissa għandha tkun limitata għal 25 %.

Rekord tal-verifika:

<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li abbażi tagħhom għandha tiġi applikata r-rata għall-kalkolu tal-ammonti eliġibbli</i>	Spejjeż diretti = <ul style="list-style-type: none"> • definizzjoni ċara ta' x'inhuma spejjeż tal-persunal; • prova ta' dawn l-ispejjeż (dikjarazzjonijiet tal-pagi, skedi bil-ħinijiet tax-xogħol jekk ikunu rilevanti, eċċ.)
<i>ir-rata fissa</i>	Referenza għall-metodu magħżul għar-rata fissa, u: <ul style="list-style-type: none"> • Għal a), fil-livell tal-awtorità maniġerjali, il-ħtieġa li jinħażen id-dokument li jagħti prova tal-metodu ta' kalkolu; • Għal b), l-applikazzjoni korretta tal-metodoloġija (li tkun għadha fis-seħħ meta tintgħażel l-operazzjoni) u prova li l-benefiċjarju u t-tip ta' operazzjonijiet huma simili; • Għal c), prova li l-metodoloġija hija ffinanzjata fuq livell nazjonali u li tkun għadha fis-seħħ meta tintgħażel l-operazzjoni u prova li l-benefiċjarju u t-tip ta' operazzjonijiet huma simili; • Għal d), ir-referenza għall-metodu użat.
<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li jiġu kkalkolati bir-rata fissa</i>	Ma hija meħtieġa ebda ġustifikazzjoni.

Għażla 2: finanzjament b'rata fissa għall-ispejjeż indiretti skont l-Artikolu 68(1) (a) tas-CPR

Skont l-Artikolu 68 (1) (a) tas-CPR, l-Istat Membru jfassal sistema b'rata fissa fejn tiġi applikata rata fissa ta' 11.1 % — ikkalkolata skont wieħed mill-metodi msemmija fl-Artikolu 67(5) (a), (b)⁽⁴⁵⁾ jew (c) tas-CPR — għall-ispejjeż diretti:

<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li abbażi tagħhom għandha tiġi applikata r-rata sabiex jiġu kkalkolati l-ammonti eliġibbli (it-tip 1)</i>	Spejjeż diretti = EUR 45 000
<i>ir-rata fissa</i>	11.1 % (għandha tkun inqas minn 25 %)
<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li jiġu kkalkolati bir-rata fissa (it-tip 2)</i>	Spejjeż indiretti (ikkalkolati) = 11.1 % tal-ispejjeż diretti = 11.1 % x 45 000 = EUR 5 000
<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li għalihom ma tiġix applikata r-rata u li ma jiġux ikkalkolati bir-rata fissa (it-tip 3)</i>	Mhux rilevanti

=> Spejjeż eliġibbli totali = 45 000 + 5 000 = EUR 50 000

L-abbozz ta' baġit jieħu l-forma li ġejja:

<i>Spejjeż diretti (tip 1)</i>	45 000	Spejjeż indiretti (tip 2) = 11.1 % ta' spejjeż diretti	5 000
Spejjeż diretti tal-persunal	30 000	<i>(ikkalkolati)</i>	
Spejjeż tal-kamra	4 000	Spejjeż eliġibbli totali	50 000
Spejjeż tal-ivvjaġġar	5 000		
Ikliet	1 000		
Informazzjoni / Pubbliċità	5 000		

(Ġeneralment ibbażati fuq spejjeż reali)

⁽⁴⁵⁾ Meta jintuża dan il-metodu ta' kalkolu, ir-referenza legali tkun l-Artikolu 68(1) (c) tas-CPR. Wieħed mill-punti ewlenin huwa li l-iffissar ta' limitu massimu ta' 25% imsemmi taħt l-Artikolu 68(1) (a) tas-CPR ma japplikax għas-sistemi koperti mill-Artikolu 68(1) (c) tas-CPR.

Rekord tal-verifika:

<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li abbażi tagħhom għandha tiġi applikata r-rata għall-kalkoli tal-ammonti eliġibbli</i>	Spejjeż diretti = <ul style="list-style-type: none"> definizzjoni ċara ta' x'inhuma spejjeż diretti; prova ta' dawn l-ispejjeż (dikjarazzjonijiet tal-pagi, skedi bil-ħinijiet tax-xogħol jekk ikunu rilevanti, prova tal-pubbliċità u l-fattura, eċċ.)
<i>ir-rata fissa</i>	Referenza għall-metodu magħżul għar-rata fissa, u: <ul style="list-style-type: none"> Għal a), fil-livell tal-awtorità maniġerjali, il-ħtieġa li jinħażen id-dokument li jagħti prova tal-metodu ta' kalkolu; Għal b), l-applikazzjoni korretta tal-metodoloġija (li tkun għadha fis-seħħ meta tintgħażel l-operazzjoni) u prova li l-benefiċjarju u t-tip ta' operazzjonijiet huma simili; Għal c), prova li l-metodoloġija hija ffinanzjata fuq livell nazzjonali u li tkun għadha fis-seħħ meta tintgħażel l-operazzjoni u prova li l-benefiċjarju u t-tip ta' operazzjonijiet huma simili
<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li jiġu kkalkolati bir-rata fissa</i>	Ma hija meħtieġa ebda ġustifikazzjoni.

Għażla 3: finanzjament b'rata fissa għall-ispejjeż indiretti skont l-Artikolu 68(1) (b) tas-CPR

L-Istat Membru jista' jiddeċiedi li jmur għas-sistema tar-rata fissa msemmija fl-Artikolu 68(1) (b) tas-CPR: ir-rata fissa ta' 15% għall-kalkolu tal-ispejjeż indiretta hija applikabbli biss għall-ispejjeż diretti tal-persunal. Ma hemmx bżonn li tiġi ġustifikata r-rata ta' 15% innifisha minħabba li din diġà hija speċifikata mir-Regolament.

<i>il-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli li abbażi tagħhom għandha tiġi applikata r-rata għall-kalkolu tal-ammonti eliġibbli (tip 1)</i>	Spejjeż diretti tal-persunal = EUR 30 000
<i>ir-rata fissa</i>	15% (ma hija meħtieġa ebda ġustifikazzjoni)
<i>il-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli li se jiġu kkalkolati bir-rata fissa (tip 2)</i>	Spejjeż indiretti (ikkalkolati) = 15% tal-ispejjeż diretti = 15% x 30 000 = EUR 4 500
<i>il-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli li għalihom ma tiġix applikata r-rata u li ma jiġux ikkalkolati bir-rata fissa (tip 3)</i>	Spejjeż diretti oħra (Spejjeż tal-kamra, spejjeż tal-ivvjaġġar, ikliet, informazzjoni, pubbliċità) = EUR 15 000

Spejjeż eliġibbli totali = Spejjeż diretti tal-persunal + l-ispejjeż indiretti kkalkolati + spejjeż diretti oħra = 30 000 + 4 500 + 15 000 = EUR 49 500

L-abbozz ta' baġit jieħu l-forma li ġejja:

Spejjeż diretti tal-persunal (tip 1)	30 000	→	Spejjeż indiretti (tip 2) = 15% spejjeż diretti tal-persunal (ikkalkolati)	4 500
Spejjeż diretti oħra (tip 3):				
Spejjeż tal-kamra	4 000			
Spejjeż tal-ivvjaġġar	5 000			
Ikliet	1 000			
Informazzjoni / Pubbliċità	5 000			
Spejjeż eliġibbli totali				49 500

(Ġeneralment ibbażati fuq spejjeż reali)

Rekord tal-verifika:

<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li abbażi tagħhom għandha tiġi applikata r-rata għall-kalkoli tal-ammonti eliġibbli</i>	Spejjeż diretti tal-persunal = <ul style="list-style-type: none"> definizzjoni ċara ta' x'inhuma spejjeż tal-persunal; prova tal-ispejjeż marbuta mas-salarji (dikjarazzjonijiet tal-pagi, skedi bil-ħinijiet tax-xogħol, jekk rilevanti, ftehimiet kollettivi biex jiġġustifikaw il-benefiċċji in natura, jekk applikabbli, fattura ddettaljata ta' fornitur estern)
<i>ir-rata fissa</i>	Hija meħtieġa referenza għall-Artikolu 68(1) (b) tas-CPR fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn.
<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li jiġu kkalkolati bir-rata fissa</i>	Ma hija meħtieġa ebda ġustifikazzjoni.
<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li għalihom ma tiġix applikata r-rata u li ma jiġux ikkalkolati bir-rata fissa</i>	Spejjeż diretti oħra bħal spejjeż tal-kamra, spejjeż tal-ivvjaġġar, ikliet, informazzjoni u pubbliċità għandhom jiġu ġustifikati bil-fatturi rilevanti u bi prova tal-kunsinna tas-servizzi, jekk meħtieġa.

Għażla 4: finanzjament b'rata fissa skont l-Artikolu 14(2) tal-FSE (applikabbli għall-FSE biss)

L-Istat Membru jista' jiddeċiedi li jmur għas-sistema tar-rata fissa msemmija fl-Artikolu 14(2) tal-FSE: ir-rata fissa ta' 40% hija applikabbli biss għall-ispejjeż diretti tal-persunal sabiex jiġu kkalkolati l-ispejjeż l-oħra kollha tal-operazzjoni. Ma hemmx bżonn li tiġi ġustifikata r-rata ta' 40% innfiha minħabba li din diġà hija speċifikata mir-Regolament.⁽⁴⁶⁾

<i>il-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli li abbażi tagħhom għandha tiġi applikata r-rata għall-kalkolu tal-ammonti eliġibbli (tip 1)</i>	Spejjeż diretti tal-persunal = EUR 30 000
<i>ir-rata fissa</i>	40% (ma hija meħtieġa ebda ġustifikazzjoni)
<i>il-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli li se jiġu kkalkolati bir-rata fissa (tip 2)</i>	L-ispejjeż l-oħra kollha = 40% tal-ispejjeż diretti tal-persunal = 40% x 30 000 = EUR 12 000
<i>il-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli li għalihom ma tiġix applikata r-rata u li ma jiġux ikkalkolati bir-rata fissa (tip 3)</i>	Mhux rilevanti

Spejjeż eliġibbli totali = Spejjeż diretti tal-persunal + l-ispejjeż l-oħra kollha kkalkolati = 30 000 + 12 000 = EUR 42 000

L-abbozz ta' baġit jieħu l-forma li ġejja:

Spejjeż diretti tal-persunal (tip 1)	30 000	→	L-ispejjeż l-oħra kollha (tip 2) = 40% tal-ispejjeż diretti tal-persunal	12 000
<i>(Ġeneralment ibbażati fuq l-ispejjeż reali)</i>			<i>(ikkalkolati)</i>	
			Spejjeż eliġibbli totali	42 000

Rekord tal-verifika:

<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li abbażi tagħhom għandha tiġi applikata r-rata għall-kalkoli tal-ammonti eliġibbli</i>	Spejjeż diretti tal-persunal = <ul style="list-style-type: none"> definizzjoni ċara ta' x'inhuma spejjeż tal-persunal diretti; prova tal-ispejjeż marbuta mas-salarji (dikjarazzjonijiet tal-pagi, skedi bil-ħinijiet tax-xogħol, jekk rilevanti, ftehimiet kollettivi biex jiġġustifikaw il-benefiċċji in natura, jekk applikabbli, fattura ddettaljata ta' fornitur estern)
<i>ir-rata fissa</i>	Hija meħtieġa referenza għall-Artikolu 14(2) tal-FSE fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn.
<i>il-kategoriji ta' spejjeż eliġibbli li jiġu kkalkolati bir-rata fissa</i>	Ma hija meħtieġa ebda ġustifikazzjoni.

⁽⁴⁶⁾ Tkun meħtieġa ġustifikazzjoni jekk ir-rata tkun ogħla minn 40%. Madankollu, rata ogħla minn 40% tista' tintuża biss f'qafas ieħor minbarra l-Artikolu 14(2) tal-FSE.

ANNES 2: EŻEMPJU TAL-KOMPATIBBILTÀ TAL-SCOS MAR-REGOLI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT

Kumpanija tikseb għotja taħt skema ta' għajjnuna mill-Istat sabiex timplimenta proġett ta' taħriġ għall-persunal tagħha. L-appoġġ pubbliku jammonta għal EUR 2 miljun. Din l-għajjnuna hija ugwali għal-livell limitu ta' EUR 2 miljun stipulat fl-Artikolu 4(1) (n) tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 u, għalhekk, japplika l-GBER (ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa).

Il-benefiċjarju u l-awtorità maniġerjali jaqblu li jagħmlu użu mill-iskali standard tal-ispejjeż unitarji sabiex jiddeterminaw l-ispiża tal-kors għal kull parteċipant.

L-Artikolu 31 tal-GBER jgħid dan li ġej rigward l-għajjnuna għat-Taħriġ:

1. L-għajjnuna għat-taħriġ għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.
2. L-għajjnuna ma għandhiex tingħata għal taħriġ li jwettqu l-impriżi sabiex jikkonformaw mal-istandards obligatorji nazzjonali dwar it-taħriġ.
3. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu dawn li ġejjin:
 - a) spejjeż tal-persunal ta' dawk li jipprovdu t-taħriġ, għas-sigħat li matulhom dawk li jipprovdu t-taħriġ jipparteċipaw fit-taħriġ;
 - b) spejjeż operattivi ta' dawk li jipprovdu t-taħriġ u tal-apprendisti direttament relatati mal-proġett ta' taħriġ, bħal spejjeż tal-ivvjaġġar, materjal u provvisti direttament relatati mal-proġett, id-deprezzament tal-ġhodod u t-tagħmir, sakemm dawn jintużaw esklussivament għall-proġett ta' taħriġ. L-ispejjeż tal-akkomodazzjoni huma esklużi, għajr għall-ispejjeż minimi tal-akkomodazzjoni meħtieġa għall-apprendisti li huma ħaddiema b'diżabbiltà;
 - c) spejjeż tas-servizzi ta' konsulenza marbuta mal-proġett ta' taħriġ;
 - d) spejjeż tal-persunal tal-apprendisti u spejjeż indiretti ġenerali (spejjeż amministrattivi, kera, spejjeż ġenerali) għas-sigħat li matulhom l-apprendisti jipparteċipaw fit-taħriġ.
4. L-intensità tal-għajjnuna ma għandhiex taqbeż il-50% tal-ispejjeż eliġibbli. Din tista' tiżdied, sa intensità massima tal-għajjnuna ta' 70% tal-ispejjeż eliġibbli, kif ġej:
 - a) b'10 punti perċentwali jekk it-taħriġ jingħata lil ħaddiema b'diżabbiltà jew ħaddiema żvantaġġjati;
 - b) b'10 punti perċentwali jekk l-għajjnuna tingħata lil impriżi ta' daqs medju u b'20 punt perċentwali jekk l-għajjnuna tingħata lil impriżi żgħir;
5. Meta l-għajjnuna tingħata fis-settur tat-trasport marittimu, l-intensità tal-għajjnuna tista' tiżdied għal 100% tal-ispejjeż eliġibbli, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - a) l-apprendisti mhumiex membri attivi tal-ekwipaġġ, iżda huma supernumerarji abbord; u
 - b) it-taħriġ isir abbord vapuri li jidhru fir-reġistri tal-Unjoni.

L-awtorità maniġerjali tiddeċiedi li tistabbilixxi skali standard ta' spejjeż unitarji sabiex tiddetermina n-nefqa eliġibbli tal-proġetti. Hija qiegħda tuża dejta statistika (skont l-Artikolu 67(5) (a) (i) tas-CPR) fuq tip ta' taħriġ simili f'żona ġeografika partikolari.

Wara trattament xieraq tad-dejta statistika, l-ispejjeż medji li jirriżultaw għal kull entrata ta' nfiq għal dan it-tip ta' kors b'għadd simili ta' parteċipanti huma:

Spejjeż diretti (f'miljuni ta' EUR)		Spejjeż indiretti (f'miljuni ta' EUR)	
Min jipprovi t-taħriġ — rimunerazzjoni	1	Spejjeż amministrattivi	0.175
Min jipprovi t-taħriġ — spejjeż tal-ivvjaġġar	0.1	Kera	0.15
Apprendisti — rimunerazzjoni	1.4	Spejjeż ġenerali	0.125
Apprendisti — akkomodazzjoni	0.55	Spejjeż indiretti totali	0.45
Apprendisti — spejjeż tal-ivvjaġġar	0.25		
Oġġetti ta' konsum mhux deprezzabbli	0.2		
Pubbliċità	0.2		
Spejjeż relatati mal-organizzazzjoni	0.4		
Spejjeż diretti totali	4.1		

Meta tipproċessa d-dejta, l-awtorità maniġerjali tħalli barra l-ispejjeż mhux eliġibbli kollha.

L-ispejjeż li ġejjin mhumiex eliġibbli fir-rigward tal-għajjnuna għat-Taħriġ skont l-Artikolu 31 tar-Regolament 651/2014:

- L-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tal-apprendisti billi l-apprendisti mhumiex f'ħaddiema b'diżabilità (EUR 0.55 miljun).

Għalhekk, l-iskala standard tal-ispiża unitarja ma tistax tinkludi l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tal-apprendisti. Il-kalkolu jsir kif ġej:

L-ispejjeż eliġibbli totali tat-taħriġ (spejjeż totali – spejjeż ineliġibbli)	EUR 4.55 miljun – (EUR 0.55 miljun) = EUR 4 miljun
L-għadd mistenni ta' parteċipanti li jtemmu t-taħriġ	2 000
L-ispejjeż għal kull parteċipant li jtemm it-taħriġ (l-iskala standard ta' spiża unitarja)	EUR 4 miljun / 2 000 parteċipant = EUR 2 000 / parteċipant

Il-finanzjament proviżorju tal-proġett ta' taħriġ huwa kif ġej:

Finanzjament pubbliku (nazzjonali + il-FSE)	EUR 2 miljun
Finanzjament privat (awto-finanzjament)	EUR 2 miljun
L-intensità tal-għajjnuna mill-Istat	50 %

L-Artikolu 31(4) tar-Regolament 651/2014 jillimita l-intensità tal-għajjnuna għal 50% tal-ispejjeż eliġibbli definiti fid-dokument li jstabbilixxi l-kundizzjoni għas-sostenn tal-proġett. Il-baġit proviżorju huwa konformi ma' dan ir-rekwiżit.

Wara l-implimentazzjoni tal-proġett, l-ispiża eliġibbli tkun ibbażata fuq in-numru reali ta' parteċipanti li jtemmu t-taħriġ. Jekk ikun hemm biss 1 500 parteċipant li jtemmu t-taħriġ, l-għajjnuna tkun kif jidher hawn taħt:

L-ispejjeż eliġibbli totali li għandhom jiġu ddikjarati lill-Kummissjoni	EUR 2 000 x 1 500 = EUR 3 miljun
Finanzjament pubbliku (nazzjonali + il-FSE)	EUR 1.5 miljun
Finanzjament privat (awto-finanzjament)	EUR 1.5 miljun
L-intensità tal-għajjnuna mill-Istat	50 %

ANNES 3: MIŻURI SPEĊIFIĊI GĦALL-SCO U GĦALL-FAEŻR

Abbażi tal-gwida mogħtija, hawn taħt qiegħda tiġi ppreżentata lista ta' miżuri li jistgħu jaogħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-SCOs. Din il-lista mhijex intenzjonata li tkun waħda kompluta jew finali, iżda hija sempliċiment metodu indikattiv għall-identifikazzjoni xierqa tal-programmi ta' żvilupp rurali. Il-Filasjiet stabbiliti fir-Regolament li diġà qiegħdin jużaw skala standard ta' spiża unitarja (jiġifieri għal kull ettaru jew għal kull unità ta' bhejjem) ġew esklużi.

Miżura skont ir-Regolament (UE) Nru. 1305/2013 jew ir-Regolament (UE) Nru. 1303/2013	Kodiċi	Sottomiżura għal finijiet ta' programmazzjoni (meta rilevanti)	SCO (Iva/Le)	Kummenti
Artikolu 14	1	azzjonijiet ta' trasferiment ta' għarfien u informazzjoni	Iva	Mhux permessi jekk il-miżura tiġi implimentata permezz ta' akkwist pubbliku
Artikolu 15	2	servizzi ta' konsulenza, ġestjoni tal-irziezet u servizzi ta' sollijev għall-irziezet	Iva	Le
Artikolu 16	3	skemi ta' kwalità għall-prodotti agricoli u l-oġġetti tal-ikel	Iva	Le
Artikolu 17	4	investimenti f'assi fiżiċi	Iva	Le
Artikolu 18	5	ir-restorazzjoni tad-dannu potenzjali għall-produzzjoni agrkola minn diżastri naturali u l-introduzzjoni ta' prevenzjoni xierqa	Iva	Le
		appoġġ għat-taħriġ vokazzjonali u l-akkwist tal-filijiet	Iva	
		appoġġ għall-attivitatiet ta' dimostrazzjoni u għall-azzjonijiet ta' informazzjoni	Iva	
		appoġġ għall-iskambju ta' ġestjoni tal-irziezet u tal-foresti għal perjodu ta' żmien qasir, kif ukoll iżjarat fi rziezet u foresti	Iva	
		għajjnuna għall-ibbenifikar mill-użu ta' servizzi ta' konsulenza	Le	
		appoġġ għat-twaqqif ta' ġestjoni tal-irziezet, sollijev għall-irziezet u servizzi ta' konsulenza għall-irziezet, kif ukoll servizzi ta' konsulenza dwar il-forestrija	Le	Permessi taħt fornitur intern
		appoġġ għat-taħriġ tal-konsulenti	Le	
		appoġġ għal parteċipazzjoni ġdida fi skemi ta' kwalità	Iva	
		appoġġ għall-attivitatiet ta' informazzjoni u promozzjoni implimentati minn gruppi ta' produtture fis-suq intern	Iva	
		appoġġ għal investimenti f'azzjenti agricoli	Iva	
		appoġġ għal investimenti fl-iproċessar/fil-kummerċjalizzazzjoni u/jew fl-iżvilupp ta' prodotti agricoli	Iva	
		appoġġ għal investimenti f'infrastruttura relatata mal-iżvilupp, l-immodernizzar jew l-adattament tal-agrikoltura u l-forestrija	Iva	
		appoġġ għal investimenti mhux produttivi ma buta mal-kisba tal-obiettivi tal-agrikoltura-ambjent-klima	Iva	
		appoġġ għal investimenti f'azzjonijiet preventivi mmirati biex inaqqsu l-konsegwenzi probabbli ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi u avvenimenti katastrofiċi	Iva	
		appoġġ għal investimenti għar-restorazzjoni ta' art agrkola u produzzjoni potenzjalment danneġġjata minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi u avvenimenti katastrofiċi	Iva	

Miżura skont ir-Regolament (UE) Nru. 1305/2013 jew ir-Regolament (UE) Nru. 1303/2013	Kodiċi	Sottomiżura għal finijiet ta' programmazzjoni (meta rilevanti)	SCO (Iva/Le)	Kummenti
Artikolu 19	<p>6</p> <p>żvilupp tal-irziezet u tan-negozji</p>	<p>għajnu għall-bidu ta' negozju għall-bdiewa żgħira</p> <p>għajnu għall-bidu ta' negozju għal attivitajiet mhux agricoli f'żoni rurali</p> <p>għajnu għall-bidu ta' negozju għall-iżvilupp ta' rziezet żgħira</p> <p>appoġġ għal investimenti fil-foqien u l-iżvilupp ta' attivitajiet mhux agricoli</p> <p>pagamenti lill-bdiewa eliġibbli għall-iskema tal-bdiewa żgħira li jitransferixxu l-azzjenda tagħhom lil bidwi ieħor b'mod permanenti</p>	<p>Le</p> <p>Le</p> <p>Le</p> <p>Iva</p> <p>Le</p>	
Artikolu 20	<p>7</p> <p>servizzi bażiċi u tiġdid tal-irfuola f'żoni rurali</p>	<p>appoġġ għat-tnejja u l-aġornament tal-pjanijiet għall-iżvilupp ta' muniċipalitajiet u rfuola f'żoni rurali u s-servizzi bażiċi tagħhom, u l-pjanijiet ta' protezzjoni u ġestjoni relatati mas-siti ta' Natura 2000 u ma' żoni oħra ta' valur naturali għoli</p> <p>appoġġ għall-investimenti fil-foqien, fit-titjib jew fl-espansjoni tat-tipi kollha ta' infrastruttura fuq skala żgħira, inklużi investimenti fl-enerġija rinnovabbli u fl-iffrankar tal-enerġija</p> <p>appoġġ għall-infrastruttura tal-broadband, inklużi l-foqien, it-titjib u l-espansjoni tagħna, għall-infrastruttura tal-broadband passiva u għall-għoti ta' aċċess għall-broadband u għas-servizzi elettroniċi pubbliċi tal-gvern</p> <p>appoġġ għall-investimenti fit-twaqqif, fit-titjib jew fl-espansjoni ta' servizzi bażiċi lokali għall-popolazzjoni rurali, inklużi l-ħin liberu u l-kultura, kif ukoll l-infrastruttura relatata</p> <p>appoġġ għall-investimenti għall-użu pubbliku fl-infrastruttura rikreattiva, l-informazzjoni turistica u infrastruttura turistica fuq skala żgħira</p> <p>appoġġ għall-istudji/investimenti assoċjati mal-manutenzjoni, ir-restawr u t-titjib tal-wirt naturali u kulturali tal-irfuola, tal-pajsaġġ rurali u ta' siti b'valur naturali għoli, inklużi aspetti soċjo-ekonomiċi relatati, kif ukoll azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni ambjentali</p> <p>appoġġ għall-investimenti li għandhom fil-mira r-rikostruzzjoni tal-attivitajiet u l-konverżjoni tal-bini jew ta' faċilitajiet oħra li jinsabu f'insedjamenti rurali jew qrib tagħhom, bil-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja jew tiżied il-prestazzjoni ambjentali tal-insedjament oħra</p>	<p>Iva</p> <p>Iva</p> <p>Iva</p> <p>Iva</p> <p>Iva</p> <p>Iva</p> <p>Iva</p> <p>Iva</p> <p>Iva</p> <p>Iva</p> <p>Iva</p>	

Miżura skont ir-Regolament (UE) Nru. 1305/2013 jew ir-Regolament (UE) Nru. 1303/2013	Kodiċi	Sottomiżura għal finijiet ta' programmazzjoni (meta rilevanti)	SCO (Iva/Le)	Kummenti
Artikolu 34 servizzi forestali-ambjentali u klimatiċi u l-konservazzjoni tal-foresti	15	pagament għal impenji forestali-ambjentali	Le	
		appoġġ għall-konservazzjoni u l-promozzjoni ta' riżorsi ġenetiċi forestali	Iva	
Artikolu 35 kooperazzjoni	16	appoġġ għat-twaqqif ta' gruppi operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produktività u s-sostenibbiltà agrikola	Iva	
		appoġġ għal proġetti pilota u għall-iżvilupp ta' prodotti, prattiki, proċessi u teknoloġiji ġodda	Iva	
		kooperazzjoni fost l-operaturi żgħar fl-organizzazzjoni ta' proċessi ta' fiċċma konġunta u fil-kondiviżjoni tal-faċilitajiet u r-riżorsi, u għall-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni tat-turiżmu	Iva	
		appoġġ għall-kooperazzjoni orizzontali u vertikali fost l-atturi tal-katina tal-provvista għat-twaqqif u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u s-swieg lokali u għall-attivitajiet ta' promozzjoni f'kuntest lokali marbut mal-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u s-swieg lokali	Iva	
		appoġġ għal azzjoni konġunta mwettqa bil-għan li jkun hemm mitigazzjoni jew adattament għat-tibdil fil-klima u għall-metodi konġunti lejn il-proġetti ambjentali u l-prattiki ambjentali kontinwi	Iva	
		appoġġ għall-kooperazzjoni fost l-atturi tal-ktajjen tal-provvista għall-formiment sostenibbli tal-bijomassa għall-użu fil-produzzjoni tal-ikel u tal-enerġija u fil-proċessi industrijali	Iva	
		appoġġ għall-istrateġiji mhux CLLD	Iva	
		appoġġ għat-tfassil ta' pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti jew strumenti ekwivalenti	Iva	
		appoġġ għad-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tal-biedja f'attivitajiet li jikkonċernaw il-kura tas-saħħa, l-integrazzjoni soċjali, l-agrikoltura appoġġjata mill-komunità u l-edukazzjoni dwar l-ambjent u l-ikel	Iva	
		oġra	Iva	

Miżura skont ir-Regolament (UE) Nru. 1305/2013 jew ir-Regolament (UE) Nru. 1303/2013	Kodiċi	Sottomiżura għal finijiet ta' programmazzjoni (meta rilevanti)	SCO (Iva/Le)	Kummenti
Artikolu 36	17	primjura fuq l-assigurazzjoni tal-għelejje, l-annimali u l-pjanti fondi mutwi għal avvenimenti klimatiċi avversi, il-mard tal-annimali u tal-pjanti, l-infestazzjonijiet ta' pesti u inċidenti ambjentali għodda ta' stabilizzazzjoni tad-dħul	Le Le Le	Ebda simplifikazzjoni (spejjeż amministrattivi biss għat-twaqqif tal-fond mutwu)
Artikolu 40	18	finanzjament ta' pagamenti diretti u kumplementarji nazzjonali għall-Kroazja	Le	
Artikolu 35	19	appoġġ għall-iżvilupp lokali ta' LEADER (CLLD)	Iva	
		appoġġ preparatorju	Iva	
		appoġġ għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet skont l-Istrateġija CLLD	Iva	
		it-tfejjija u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni tal-grupp ta' azzjoni lokali	Iva	
		appoġġ għall-ispejjeż operattivi u l-animazzjoni	Iva	
Artikoli 51 sa 54	20	appoġġ għal assistenza teknika (għajr in-Network Rurali Nazzjonali (NRN)) appoġġ għat-twaqqif u t-tħaddim tal-NRN	Iva Iva	

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
jew ċempel 0080067891011 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

EGESIF_14-0017 – GWIDA DWAR L-GĦAŻLIET TA' SPEJJEŻ ISSIMPLIFIKATI (SCOS) – FONDI STRUTTURALI U TA' INVESTIMENT EWROPEJ (FSIE)

Matul il-perjodu ta' programmar 2007-2013, l-użu ta' finanzjament b'rata fissa, l-iskali standard tal-ispejjeż unitarji u somom f'daqqa - magħrufin bħala "għażliet tal-ispejjeż issimplifikati" - intlaqgħu tajjeb minn dawk b'interess fl-FSE u fl-FERŻ bħala mod kif jitnaqqas il-piż amministrattiv u l-iżbalji filwaqt li jżied il-fokus fuq l-outputs u r-riżultati.

Dan id-dokument jipprovdi gwida teknika u eżempji fuq it-tliet tipi ta' għażliet ta' spejjeż issimplifikati applikabbli għall-Fondi FSE kollha għall-perjodu ta' programmar 2014-2020.

Sabiex issir taf aktar dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jekk jogħġbok żur

<http://ec.europa.eu/esif>

Tista' tniżżel il-pubblikazzjonijiet tagħna jew tabbona bla ħlas minn

<http://ec.europa.eu/social/publications>

Jekk tixtieq tirċievi aġġornamenti regolari dwar id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, irreġistra sabiex tirċievi n-newsletter elettronika ta' Social Europe bla ħlas minn

<http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>



<https://www.facebook.com/socialeurope>



https://twitter.com/EU_Social

